# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 193

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 59

19 ta' Lulju 2016

Werrej

I *Atti leġiżlattivi*

DIRETTIVI

★ **Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 tat-12 ta' Lulju 2016 li tistabbilixxi regoli kontra l-prattiki ta' evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern** ............................ 1

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/1165 tat-18 ta' Lulju 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1183/2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo** ..................... 15

★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1166 tas-17 ta' Mejju 2016 li jemenda l-Anness X tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-termini tax-xiri tal-pitravi fis-settur taz-zokkor mill-1 ta' Ottubru 2017** ................................ 17

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1167 tat-18 ta' Lulju 2016 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 102/2012 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar li joriġinaw, fost oħrajn, mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, kif estiż għal importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar mibgħuta, fost l-oħrajn, mir-Repubblika tal-Korea, sew jekk iddikjarati bħala li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea u sew jekk le** ........................................................................ 19

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1168 tat-18 ta' Lulju 2016 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 25

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1169 tat-18 ta' Lulju 2016 li jiffissa l-koeffiċjent tal-allokazzjoni applikabbli għall-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni introdotti mill-1 sas-7 ta' Lulju 2016 fil-kuntest tal-kwoti tariffarji miftuħa bir-Regolament (KE) Nru 341/2007 għat-tewm ........ 27


DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1170 tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim Qafas dwar is-Sħubija Komprensiva u l-Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt, u l-istabbiliment ta' gruppi ta' ħidma speċjalizzati** ........ 29

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1171 tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward l-emendi għall-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE** ........ 38

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1172 tat-18 ta' Lulju 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2012/392/PESK dwar il-missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger)** 106

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1173 tat-18 ta' Lulju 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo** ........ 108

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1174 tal-15 ta' Lulju 2016 dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni ta' prodott bijoċidali li fih id-difenakum mogħtija minn Spanja skont l-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** *(notifikata bid-dokument C(2016) 4380)* (1) ........ 110

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1175 tal-15 ta' Lulju 2016 dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni ta' prodott bijoċidali li fih l-ispinosad imressqa mir-Renju Unit skont l-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** *(notifikata bid-dokument C(2016) 4385)* (1) ........ 113

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1176 tat-18 ta' Lulju 2016 li ttemm ir-rieżami interim parzjali dwar l-importazzjonijiet ta' ċerti fittings tal-fondut għal tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mit-Tajlandja** ........ 115


---

**Rettifika**

★ **Rettifika tad-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2016/844 tas-27 ta' Mejju 2016 li temenda d-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri** (ĠU L 141, 28.5.2016) ........ 117


(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

I

*(Atti leġiżlattivi)*

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUNSILL (UE) 2016/1164

**tat-12 ta' Lulju 2016**

**li tistabbilixxi regoli kontra l-prattiki ta' evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 115 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Filwaqt li jaġixxi f'konformità ma' proċedura leġislattiva speċjali,

Billi:

(1) Il-prijoritajiet politiċi attwali fit-tassazzjoni internazzjonali jenfasizzaw il-ħtieġa li jkun żgurat li titħallas it-taxxa fejn jiġu ġġenerati l-profitti u l-valur. Għaldaqstant, huwa imperattiv li terġa' tinkiseb il-fiduċja fil-korrettezza tas-sistemi tat-taxxa u li l-gvernijiet jitħallew jeżerċitaw b'mod effettiv is-sovranità fiskali tagħhom. Dawn l-għanijiet politiċi ġodda ġew tradotti f'rakkomandazzjonijiet ta' azzjoni konkreta fil-kuntest tal-inizjattiva kontra l-Erożjoni tal-Bażi u t-Trasferiment tal-Profitt (BEPS) mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD). Il-Kunsill Ewropew laqa' din il-ħidma fil-konklużjonijiet tiegħu tat-13 u l-14 ta' Marzu 2013 u tad-19 u l-20 ta' Diċembru 2013. B'risposta għall-ħtieġa ta' tassazzjoni aktar ġusta, fil-Komunikazzjoni tagħha tas-17 ta' Ġunju 2015, il-Kummissjoni tistabbilixxi Pjan ta' Azzjoni għal Tassazzjoni Korporattiva Ġusta u Effiċjenti fl-Unjoni Ewropea

(2) Ir-rapporti finali dwar il-15-il Punt ta' Azzjoni tal-OECD kontra l-BEPS inħarġu għall-pubbliku fil-5 ta' Ottubru 2015. Dan l-eżitu ntlaqa' mill-Kunsill fil-konklużjonijiet tiegħu tat-8 ta' Diċembru 2015. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill enfasizzaw il-ħtieġa li jinstabu soluzzjonijiet komuni, anki jekk flessibbli, fil-livell tal-UE konsistenti mal-konklużjonijiet tal-OECD dwar il-BEPS. Barra minn hekk, il-konklużjonijiet appoġġaw implimentazzjoni kkoordinata effettiva u rapida tal-miżuri kontra l-BEPS fil-livell tal-UE u kkunsidraw li d-direttivi tal-UE, fejn xieraq, għandhom ikunu l-mezz ippreferut għall-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tal-OECD dwar il-BEPS

([1]) Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.
([2]) Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

fil-livell tal-UE. Huwa essenzjali għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern li, bħala minimu, l-Istati Membri jimplimentaw l-impenji tagħhom taħt il-BEPS u b'mod aktar ġenerali, jieħdu azzjoni sabiex jiskoraġġixxu l-prattiki ta' evitar tat-taxxa u jiżguraw tassazzjoni ġusta u effettiva fl-Unjoni b'mod koerenti u kkoordinat biżżejjed. F'suq ta' ekonomiji integrati ħafna, hemm bżonn ta' approċċi strateġiċi komuni u azzjoni kkoordinata, biex jittejjeb il-funzjonament tas-suq intern u jiġu mmassimizzati l-effetti pożittivi tal-inizjattiva kontra l-BEPS. Barra minn hekk, qafas komuni biss jista' jipprevjeni l-frammentazzjoni tas-suq u jtemm id-diskrepanzi u d-distorsjonijiet tas-suq li jeżistu attwalment. Finalment, miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali li jsegwu linja komuni madwar l-Unjoni jipprovdu lill-kontribwenti ċ-ċertezza legali li dawk il-miżuri huma kompatibbli mal-liġi tal-Unjoni.

(3) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti regoli sabiex jissaħħaħ il-livell medju ta' protezzjoni kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa fis-suq intern. Peress li dawn ir-regoli ser ikollhom jiġu adattati għal 28 sistema tat-taxxa korporattiva separata, huma għandhom ikunu limitati għal dispożizzjonijiet ġenerali u jħallu l-implimentazzjoni f'idejn l-Istati Membri billi dawn huma f'qagħda aħjar biex isawru l-elementi speċifiċi ta' dawn ir-regoli bl-aktar mod adatt għas-sistemi tat-taxxa korporattiva tagħhom. Dan l-għan jista' jinkiseb bil-ħolqien ta' livell minimu ta' protezzjoni għas-sistemi tat-taxxa korporattiva nazzjonali kontra prattiki ta' evitar tat-taxxa madwar l-Unjoni. Għaldaqstant jeħtieġ li jiġu kkoordinati r-reazzjonijiet tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-riżultati tal-15-il Punt ta' Azzjoni tal-OECD kontra l-BEPS bl-għan li tittejjeb l-effettività tas-suq intern inġenerali fl-indirizzar tal-prattiki ta' evitar tat-taxxa. Għaldaqstant jeħtieġ li jiġi stabbilit livell minimu komuni ta' protezzjoni għas-suq intern f'oqsma speċifiċi.

(4) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti regoli applikabbli għall-kontribwenti kollha li huma soġġetti għat-taxxa korporattiva fi Stat Membru. B'kont meħud li dan jirriżulta fil-ħtieġa li tiġi koperta firxa usa' ta' taxxi nazzjonali, mhuwiex mixtieq li l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jiġi estiż għal tipi ta' entitajiet li mhumiex soġġetti għat-taxxa korporattiva fi Stat Membru; jiġifieri, b'mod partikolari, entitajiet trasparenti. Dawk ir-regoli għandhom japplikaw ukoll għall-istabbilimenti permanenti ta' dawk il-kontribwenti korporattivi li jistgħu jkunu stabbiliti fi Stat Membru jew Stati Membri oħrajn. Il-kontribwenti korporattivi jistgħu jkunu residenti għall-finijiet tat-taxxa fi Stat Membru jew ikunu stabbiliti taħt il-liġijiet ta' Stat Membru. L-istabbilimenti permanenti ta' entitajiet residenti f'pajjiż terz għall-finijiet tat-taxxa wkoll għandhom ikunu koperti minn dawn ir-regoli jekk ikunu jinsabu fi Stat Membru wieħed jew aktar.

(5) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti regoli kontra l-erożjoni tal-bażijiet tat-taxxa fis-suq intern u t-trasferiment tal-profitti 'l barra mis-suq intern. Ir-regoli fl-oqsma li ġejjin huma neċessarji sabiex jikkontribwixxu għall-kisba ta' dak l-għan: limitazzjonijiet fit-tnaqqis tal-imgħax, tassazzjoni tal-ħruġ, regola ġenerali kontra l-abbuż, regoli għall-kumpanniji kkontrollati minn barra l-pajjiż u regoli għall-indirizzar tad-diskrepanzi ibridi. Meta l-applikazzjoni ta' dawk ir-regoli toħloq tassazzjoni doppja, il-kontribwenti għandhom jirċievu ħelsien mit-taxxa bi tnaqqis għat-taxxa mħallsa fi Stat Membru ieħor jew pajjiż terz, skont il-każ. B'hekk, ir-regoli ma għandhomx jimmiraw biss li jiġġieldu l-prattiki ta' evitar tat-taxxa iżda jevitaw ukoll li joħolqu ostakli oħrajn għas-suq, bħat-tassazzjoni doppja.

(6) Fi sforz biex inaqqsu l-obbligazzjoni ta' taxxa globali tagħhom, gruppi ta' kumpanniji qegħdin dejjem aktar jirrikorru għall-BEPS, permezz ta' pagamenti tal-imgħax eċċessivi. Ir-regola dwar il-limitazzjoni tal-imgħax hija neċessarja biex tiskoraġġixxi prattiki bħal dawn billi tillimita t-tnaqqis tal-kostijiet tas-self eċċessivi tal-kontribwenti. Għaldaqstant jeħtieġ li jiġi ffissat perċentwal għat-tnaqqis li jirreferi għall-qligħ taxxabbli ta' kontribwent qabel l-imgħax, it-taxxa, id-deprezzament u l-ammortizzament (EBITDA). L-Istati Membri jistgħu jnaqqsu dan il-proporzjon jew jiffissaw limiti ta' żmien jew jillimitaw l-ammont ta' kostijiet tas-self mhux ikkumpensati li jistgħu jiġu riportati 'l quddiem jew lura biex jiżguraw livell ogħla ta' protezzjoni. Peress li l-għan huwa li jiġu stabbiliti standards minimi, huwa possibbli għall-Istati Membri li jadottaw miżura alternattiva li tirreferi għall-qligħ ta' kontribwent qabel l-imgħax u t-taxxa (EBIT) u ffissata b'mod li huwa ekwivalenti għall-perċentwal ibbażat fuq l-EBITDA. L-Istati Membri, minbarra r-regola dwar il-limitazzjoni tal-imgħax prevista minn din id-Direttiva, jistgħu jużaw ukoll regoli mmirati kontra finanzjament ta' dejn intragrupp, b'mod partikolari regoli dwar is-sottokapitalizzazzjoni. Id-dħul eżenti mit-taxxa ma għandux ikun ikkumpensat b'kostijiet tas-self deduċibbli. Dan għaliex l-introjtu taxxabbli biss għandu jiġi kkunsidrat fid-determinazzjoni tal-ammont ta' mgħax li jista' jitnaqqas.

(7) Meta l-kontribwent ikun parti minn grupp li jippreżenta kontijiet statutorji konsolidati, id-dejn tal-grupp globali fuq livell dinji jista' jiġi kkunsidrat biex il-kontribwenti jingħataw il-permess li jnaqqsu ammonti ogħla ta' kostijiet tas-self eċċessivi. Jista' wkoll ikun xieraq li jiġu stabbiliti regoli għal dispożizzjoni ta' eżenzjoni abbażi tal-ekwità, fejn ir-regola dwar il-limitazzjoni tal-imgħax ma tapplikax jekk il-kumpannija tkun tista' turi li l-proporzjon tal-ekwità tagħha fuq l-assi totali jkun ġeneralment daqs jew iktar għoli mill-proporzjon ekwivalenti tal-grupp. Ir-regola dwar il-limitazzjoni tal-imgħax għandha tapplika f'dak li jirrigwarda l-kostijiet tas-self eċċessivi ta'

kontribwent mingħajr distinzjoni ta' jekk l-ispejjeż joriġinawx minn dejn magħmul fil-pajjiż, b'mod transkonfinali fi ħdan l-Unjoni jew ma' pajjiż terz, jew jekk huma joriġinawx minn partijiet terzi, impriżi assoċjati jew intragrupp. Fejn grupp jinkludi aktar minn entità waħda fi Stat Membru, l-Istat Membru jista' jikkunsidra l-pożizzjoni ġenerali tal-entitajiet kollha tal-grupp fl-istess Stat, inkluża sistema ta' tassazzjoni separata għal entità biex ikun possibbli t-trasferiment tal-profitti jew il-kapaċità tal-imgħax bejn entitajiet fi ħdan grupp, meta jiġu applikati regoli li jillimitaw it-tnaqqis tal-imgħax.

(8) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv u ta' konformità tar-regoli mingħajr ma jitnaqqas b'mod sinifikanti l-effett tat-taxxa tagħhom, jista' jkun xieraq li tiġi prevista regola rigward livell xieraq ta' protezzjoni bl-għan li l-imgħax nett ikun dejjem deduċibbli sa ammont iffissat, meta dan iwassal għal tnaqqis ogħla mill-perċentwal ibbażat fuq l-EBITDA. L-Istati Membri jistgħu jnaqqsu l-limitu monetarju ffissat sabiex jiżguraw livell ogħla ta' protezzjoni tal-bażi tat-taxxa nazzjonali tagħhom. Peress li l-BEPS fil-prinċipju sseħħ permezz ta' pagamenti ta' imgħax eċċessivi fost entitajiet li huma impriżi assoċjati, huwa xieraq u neċessarju li titħalla l-esklużjoni possibbli ta' entitajiet awtonomi mill-ambitu tar-regola dwar il-limitazzjoni tal-imgħax minħabba r-riskji limitati tal-evitar tat-taxxa. Sabiex tiġi ffaċilitata t-transizzjoni għar-regola l-ġdida dwar il-limitazzjoni tal-imgħax, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu klawżola ta' anterjorità li tkun tkopri self eżistenti sal-punt li t-termini tiegħu ma jiġux modifikati sussegwentement, jiġifieri fil-każ ta' modifika sussegwenti, l-anterjorità ma tkun tapplika għall-ebda żieda fl-ammont jew fit-tul ta' żmien tas-self iżda tkun limitata għat-termini oriġinali tas-self. Mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, l-Istati Membri jistgħu jeskludu wkoll kostijiet tas-self eċċessivi mġarrbin fuq self għall-finanzjament ta' proġetti ta' infrastruttura pubblika fit-tul meta jitqies li tali arranġamenti ta' finanzjament jippreżentaw ftit jew xejn riskji ta' BEPS. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri għandhom juru b'mod xieraq li arranġamenti finanzjarji għal proġetti ta' infrastruttura pubblika jippreżentaw karatteristiċi speċjali li jiġġustifikaw tali trattament fir-rigward ta' arranġamenti finanzjarji oħra soġġetti għar-regola restrittiva.

(9) Għalkemm huwa ġeneralment aċċettat li impriżi finanzjarji, jiġifieri istituzzjonijiet finanzjarji u impriżi tal-assigurazzjoni, għandhom ikunu wkoll soġġetti għal limitazzjonijiet fit-tnaqqis tal-imgħax, huwa rikonoxxut b'mod indaqs li dawn iż-żewġ setturi għandhom karatteristiċi speċjali li jitolbu approċċ aktar personalizzat. Peress li d-diskussjonijiet f'dan il-qasam għadhom mhumiex konklużivi biżżejjed fil-kuntest internazzjonali u dak Ewropew, għadu mhuwiex possibbli li jiġu pprovduti regoli speċifiċi fis-settur finanzjarju u dak tal-assigurazzjoni u għalhekk, l-Istati Membri għandhom għalhekk ikunu jistgħu jeskluduhom mill-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar il-limitazzjoni tal-imgħax.

(10) It-taxxi tal-ħruġ għandhom il-funzjoni li jiżguraw li meta kontribwent iċaqlaq xi assi jew ir-residenza tat-taxxa tiegħu barra mill-ġurisdizzjoni fiskali ta' Stat, dak l-Istat jintaxxa l-valur ekonomiku ta' kwalunkwe qligħ kapitali li jinħoloq fit-territorju tiegħu anki jekk dak il-qligħ ikun għadu ma ġiex realizzat fil-mument tal-ħruġ. Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġu speċifikati l-każijiet li fihom il-kontribwenti huma soġġetti għal regoli dwar it-taxxa tal-ħruġ u ntaxxati fuq qligħ kapitali mhux realizzat li ġew intergrati fl-assi trasferiti tagħhom. Huwa wkoll utli li jiġi ċċarat li trasferimenti ta' assi, inkluż flus, bejn kumpannija omm u s-sussidjarji tagħha ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-regola prevista dwar it-tassazzjoni tal-ħruġ. Biex jinħadmu l-ammonti, huwa essenzjali li jiġi stabbilit valur tas-suq għall-assi trasferiti fil-mument tal-ħruġ tal-assi bbażat fuq il-prinċipju ta' distakkament. Sabiex tiġi żgurata l-kompatibbiltà tar-regola mal-użu tal-metodu ta' kreditu, ikun ideali li l-Istati Membri jitħallew jirreferu għall-mument meta jintilef id-dritt li jiġu ntaxxati l-assi trasferiti. Id-dritt tat-taxxa għandu jkun definit fil-livell nazzjonali. Huwa wkoll neċessarju li l-Istat riċeventi jitħalla jikkontesta l-valur tal-assi trasferiti li ġie stabbilit mill-Istat tal-ħruġ meta dan ma jirriflettix tali valur tas-suq. L-Istati Membri jistgħu jirrikorru għal dan l-għan għal mekkaniżmi eżistenti għar-riżoluzzjoni tat-tilwim. Fi ħdan l-Unjoni, jeħtieġ li tiġi indirizzata l-applikazzjoni tat-tassazzjoni tal-ħruġ u li jiġu spjegati l-kondizzjonijiet biex wieħed ikun f'konformità mal-liġi tal-Unjoni. F'dawn is-sitwazzjonijiet, il-kontribwenti għandu jkollhom id-dritt li jew iħallsu minnufih l-ammont ta' taxxa tal-ħruġ ivvalutat jew inkella li jiddifferixxu l-ħlas tal-ammont tat-taxxa billi jħallsuh b'pagamenti rateali tul ċertu għadd ta' snin, possibbilment flimkien mal-imgħax u garanzija.

Għal dan l-għan, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-kontribwenti kkonċernati biex jinkludu l-informazzjoni neċessarja f'dikjarazzjoni. It-taxxa tal-ħruġ ma għandhiex tkun imposta meta t-trasferiment tal-assi jkun ta' natura temporanja u l-assi huma destinati li imorru lura fl-Istat Membru tat-trasferent, meta t-trasferiment iseħħ sabiex jiġu ssodisfati rekwiżiti ta' kapital prudenzjali jew minħabba ġestjoni ta' likwidità jew f'każ ta' transazzjonijiet ta' finanzjament ta' titoli jew assi depożitati bħala kollateral.

(11) Regoli ġenerali kontra l-abbuż (GAARs) huma inklużi fis-sistemi fiskali biex jindirizzaw prattiki tat-taxxa abbużivi li għadhom ma ġewx indirizzati permezz ta' dispożizzjonijiet speċifikament immirati. Għaldaqstant il-GAARs

għandhom funzjoni mmirata li jimlew il-vojt, li ma għandhiex taffettwa l-applikabbiltà ta' regoli speċifiċi kontra l-abbuż. Fi ħdan l-Unjoni, il-GAARs għandhom jiġu applikati għal arranġamenti li mhumiex ġenwini; inkella, il-kontribwent għandu jkollu d-dritt li jagħżel l-aktar struttura effiċjenti ta' taxxa għall-affarijiet kummerċjali tiegħu. Barra minn hekk, huwa importanti li jkun żgurat li l-GAARs japplikaw f'sitwazzjonijiet nazzjonali, fi ħdan l-Unjoni u fir-rigward ta' pajjiżi terzi b'mod uniformi, sabiex ma jvarjawx il-kamp ta' applikazzjoni u r-riżultati ta' applikazzjoni tagħhom f'sitwazzjonijiet nazzjonali u transkonfinali. L-Istati Membri ma għandhomx ikunu preklużi milli japplikaw pieni fejn il-GAAR tkun applikabbli. Meta jiġi vvalutat jekk arranġament għandux jitqies bħala mhux ġenwin, jista' jkun possibbli għall-Istati Membri li jikkunsidraw kull raġuni ekonomika valida, inklużi attivitajiet finanzjarji.

(12) Ir-regoli dwar Kumpanniji Kkontrollati minn Barra l-Pajjiż (CFC) għandhom l-effett li jattribwixxu mill-ġdid l-introjtu ta' sussidjarja kkontrollata u ntaxxata b'rata baxxa lill-kumpannija omm tagħha. Imbagħad, il-kumpannija omm ssir taxxabbli fuq dan l-introjtu attribwit fl-Istat fejn hija residenti għall-finijiet tat-taxxa. Skont il-prijoritajiet politiċi ta' dak l-Istat, ir-regoli dwar is-CFC jistgħu jkunu diretti lejn sussidjarja sħiħa ntaxxata b'rata baxxa, kategoriji speċifiċi ta' introjtu jew ikunu limitati għall-introjtu li ġie devjat b'mod artifiċjali lejn is-sussidjarja. B'mod partikolari, sabiex jiġi żgurat li r-regoli dwar is-CFC huma rispons proporzjonat għat-tħassib dwar il-BEPS, huwa ta' importanza kritika li l-Istati Membri li jillimitaw ir-regoli dwar is-CFC tagħhom għad-dħul li ġie ddevjat artifiċjalment lejn is-sussidjarja jimmiraw preċiżament lejn sitwazzjonijiet fejn il-biċċa l-kbira tal-funzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet li jġġeneraw id-dħul iddevjat fil-livell tas-sussidjarja kkontrollata jitwettqu fl-Istat Membru tal-kontribwent. Bil-ħsieb li jiġi limitat il-piż amministrattiv u l-ispejjeż tal-konformità, għandu jkun aċċettabbli wkoll li dawk l-Istati Membri jeżentaw ċerti entitajiet bi profitti baxxi jew b'marġini ta' profitt baxx li jagħtu lok għal inqas riskji ta' evitar ta' taxxa. Bl-istess mod, huwa neċessarju li r-regoli dwar is-CFC jiġu estiżi għall-profitti ta' stabbilimenti permanenti fejn dawk il-profitti ma jkunux soġġetti għal taxxa jew li huma eżentati mit-taxxa fl-Istat Membru tal-kontribwent. Madankollu, skont ir-regoli dwar is-CFC, m'hemmx bżonn li jiġu ntaxxati l-profitti ta' stabbilimenti permanenti li huma miċħuda l-eżenzjoni mit-taxxa skont ir-regoli nazzjonali minħabba li dawn l-istabbilimenti permanenti jiġu ttrattati daqslikieku kienu kumpanniji barranin ikkontrollati. Sabiex jiġi żgurat livell ogħla ta' protezzjoni, l-Istati Membri jistgħu jnaqqsu l-limitu ta' kontroll, jew jużaw limitu ogħla meta jqabblu t-taxxa korporattiva attwali mħallsa mat-taxxa korporattiva li kienet tkun imposta fl-Istat Membru tal-kontribwent. L-Istati Membri, fit-traspożizzjoni tar-regoli dwar is-CFC fil-liġi nazzjonali tagħhom, jistgħu jużaw limitu frazzjonali għoli biżżejjed ta' rata tat-taxxa.

Ikun ideali li jiġu indirizzati sitwazzjonijiet kemm fil-pajjiżi terzi kif ukoll fi ħdan l-Unjoni. Sabiex ikunu konformi mal-libertajiet fundamentali, il-kategoriji tad-dħul għandhom jiġu kkombinati ma' konċessjoni tas-sustanza ekonomika bil-għan li jiġi limitat, fi ħdan l-Unjoni, l-impatt tar-regoli għal każijiet fejn is-CFC ma jwettaqx attività ekonomika sostantiva. Huwa importanti li l-amministrazzjonijiet tat-taxxa u l-kontribwenti jikkooperaw biex jiġbru l-fatti u ċ-ċirkustanzi rilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk għandhiex tapplika r-regola tal-konċessjoni. Għandu jkun aċċettabbli li, fit-traspożizzjoni tar-regoli dwar is-CFC fil-liġi nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri jużaw listi bojod, griżi jew suwed ta' pajjiżi terzi, li jiġu kkumpilati abbażi ta' ċerti kriterji stabbiliti f'din id-Direttiva u jistgħu jinkludu l-livell tar-rata tat-taxxa korporattiva, jew jużaw listi bojod ta' Stati Membri kkumpilati fuq dik il-bażi.

(13) Id-diskrepanzi ibridi huma l-konsegwenza ta' differenzi fil-karatterizzazzjoni ġuridika tal-pagamenti (strumenti finanzjarji) jew ta' entitajiet u dawk id-differenzi jitfaċċaw fl-interazzjoni bejn is-sistemi legali taż-żewġ ġurisdizzjonijiet. L-effett ta' tali diskrepanzi huwa spiss tnaqqis doppju (jiġifieri tnaqqis fiż-żewġ stati) jew tnaqqis tad-dħul fi stat wieħed mingħajr l-inklużjoni fil-bażi tat-taxxa tal-ieħor. Biex jiġu nnewtralizzati l-effetti ta' arrangamenti ta' diskrepanzi ibridi, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti regoli li permezz tagħhom waħda miż-żewġ ġurisdizzjonijiet f'diskrepanza għandha tirrifjuta t-tnaqqis ta' pagament li jwassal għal eżitu bħal dan. F'dan il-kuntest, huwa utli li jiġi ċċarat li miżuri bil-għan li jindirizzaw diskrepanzi ibridi f'din id-Direttiva għandhom l-għan li jiġu ttrattati sitwazzjonijiet ta' diskrepanza attribwibbli għal differenzi fil-karatterizzazzjoni legali ta' strument jew entità finanzjarja u mhux maħsubin biex jaffettwaw il-karatteristiċi ġenerali tas-sistema tat-taxxa ta' Stat Membru. Għalkemm l-Istati Membri qablu dwar gwida, fil-qafas tal-Grupp tal-Kodiċi ta' Kondotta dwar it-Tassazzjoni tal-Intrapriżi, dwar it-trattament tat-taxxa ta' entitajiet ibridi u stabbilimenti permanenti ibridi fi ħdan l-Unjoni, kif ukoll dwar it-trattament tat-taxxa ta' entitajiet ibridi f'relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi, xorta waħda jeħtieġ li jiġu ppromulgati regoli vinkolanti. Huwa essenzjali li titwettaq ħidma ulterjuri fuq diskrepanzi ibridi bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi, kif ukoll fuq diskrepanzi ibridi oħra bħal dawk li jinvolvu stabbilimenti permanenti.

(14) Jeħtieġ li jkun iċċarat li l-implimentazzjoni tar-regoli kontra l-evitar tat-taxxa previsti f'din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa l-obbligu tal-kontribwenti li jikkonformaw mal-prinċipju ta' distakkament jew id-dritt tal-Istat Membru li jaġġusta obbligazzjoni ta' taxxa 'l fuq f'konformità mal-prinċipju ta' distakkament, fejn applikabbli.

(15) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). Id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) japplika għall-ipproċessar tad-data personali li jsir fil-qafas ta' din id-Direttiva.

(16) Jekk wieħed iqis li għan ewlieni ta' din id-Direttiva huwa t-titjib tar-reżiljenza tas-suq intern inġenerali kontra l-prattiki ta' evitar tat-taxxa transkonfinali, dan ma jistax jinkiseb suffiċjentement bl-Istati Membri jaġixxu b'mod individwali. Is-sistemi tat-taxxa korporattiva nazzjonali huma diversi u azzjoni indipendenti mill-Istati Membri sempliċement tirreplika l-frammentazzjoni eżistenti tas-suq intern fit-tassazzjoni diretta. B'hekk tippermetti li jippersistu ineffiċjenzi u distorsjonijiet fl-interazzjoni ta' miżuri nazzjonali distinti. Ir-riżultat ikun nuqqas ta' koordinazzjoni. Pjuttost, minħabba l-fatt li ineffiċjenza kbira fis-suq intern primarjament toħloq problemi ta' natura transkonfinali, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri ta' rimedju fil-livell tal-Unjoni. Għaldaqstant huwa kruċjali li jiġu adottati soluzzjonijiet li jiffunzjonaw għas-suq intern inġenerali u dan jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni. B'hekk, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan. Bl-istabbiliment ta' livell minimu ta' protezzjoni għas-suq intern, din id-Direttiva għandha biss l-għan li tikseb il-grad minimu essenzjali ta' koordinazzjoni fi ħdan l-Unjoni sabiex twettaq l-għanijiet tagħha.

(17) Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva erba' snin wara d-dħul fis-seħħ tagħha u tirrapporta lill-Kunsill dwarha. L-Istati Membri għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni l-informazzjoni neċessarja kollha għal din l-evalwazzjoni.

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 1*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Din id-Direttiva tapplika għall-kontribwenti kollha li huma soġġetti għat-taxxa korporattiva fi Stat Membru wieħed jew aktar, inklużi stabbilimenti permanenti fi Stat Membru wieħed jew aktar ta' entitajiet residenti f'pajjiż terz għall-finijiet tat-taxxa.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "kostijiet tas-self" tfisser spejjeż tal-imgħax fuq kull tip ta' dejn, kostijiet oħra ekonomikament ekwivalenti għal imgħax u spejjeż li jinġarbu b'rabta mal-ġbir ta' finanzi kif definit fil-liġi nazzjonali, inkluż, iżda mhux limitat għal, pagamenti taħt self bi dritt ta' parteċipazzjoni fil-profitti, imgħax imputat fuq strumenti bħal bonds konvertibbli u bonds mingħajr kupuni, ammonti taħt arranġamenti ta' finanzjament alternattivi, bħall-finanzjament Iżlamiku, l-element tal-kost finanzjarju tal-pagamenti ta' lokazzjoni finanzjarja, imgħax kapitalizzat inkluż fil-valur tal-karta tal-bilanċ ta' assi relatati, jew l-ammortizzament ta' mgħax kapitalizzat, ammonti mkejla b'referenza għal fond għar-ritorn taħt regoli dwar l-ipprezzar ta' trasferiment fejn applikabbli, ammonti ta' mgħax nozzjonali ta' strumenti

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).
([2]) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

derivattivi jew arranġamenti ta' hedging relatati ma' self ta' entità, ċertu qligħ u telf tal-kambju fuq self u strumenti konnessi mal-ġbir ta' finanzjament, tariffi ta' garanzija għal arranġamenti ta' finanzjament, tariffi ta' arranġament u kostijiet simili relatati mas-self ta' fondi;

(2) "kostijiet tas-self eċċessivi" tfisser l-ammont li bih il-kostijiet tas-self deduċibbli ta' kontribwent jaqbżu l-introjtu mill-imgħax taxxabbli u introjtu taxxabbli ieħor ekonomikament ekwivalenti li l-kontribwent jirċievi skont il-liġi nazzjonali;

(3) "perijodu tat-taxxa" tfisser sena tat-taxxa, sena kalendarja jew kull perijodu ieħor adatt għall-finijiet ta' taxxa;

(4) "impriża assoċjata" tfisser:

(a) entità li fiha l-kontribwent iżżomm, direttament jew indirettament, parteċipazzjoni f'termini ta' drittijiet tal-vot jew pussess ta' kapital ta' 25 fil-mija jew aktar jew ikun intitolat li jirċievi 25 fil-mija jew aktar tal-profitti ta' dik l-entità;

(b) individwu jew entità li żżomm, direttament jew indirettament, parteċipazzjoni f'termini ta' drittijiet tal-vot jew pussess ta' kapital ta' 25 fil-mija jew aktar jew tkun intitolata li jirċievi 25 fil-mija jew aktar tal-profitti tal-kontribwent;

Jekk individwu jew entità żżomm direttament jew indirettament parteċipazzjoni ta' 25 fil-mija jew aktar f'kontribwent u entità waħda jew aktar, l-entitajiet kollha kkonċernati, inkluż il-kontribwent, għandhom jitqiesu wkoll bħala impriżi assoċjati.

Għall-finijiet tal-Artikolu 9 u meta d-diskrepanza tinvolvi entità ibrida, din id-definizzjoni tiġi modifikata sabiex ir-rekwiżit ta' 25 fil-mija jiġi sostitwit b'rekwiżit ta' 50 fil-mija.

(5) "impriża finanzjarja" tfisser kwalunkwe waħda mill-entitajiet li ġejjin:

(a) istituzzjoni ta' kreditu jew ditta ta' investiment kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) jew maniġer ta' fondi ta' investiment alternattivi (AIFM) kif definit fil-punt (b) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jew kumpannija tal-maniġment ta' impriża ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) kif definita fil-punt (b) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]);

(b) impriża tal-assigurazzjoni kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]);

(c) impriża tar-riassigurazzjoni kif definita fil-punt (4) tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(d) istituzzjoni għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), sakemm Stat Membru ma jkunx għażel li ma japplikax id-Direttiva kollha jew parti minnha għal dik l-istituzzjoni skont l-Artikolu 5 ta' dik id-Direttiva jew għad-delegat ta' istituzzjoni għall-provvista ta' irtirar okkupazzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 19(1) ta' dik id-Direttiva;

(e) istituzzjonijiet tal-pensjoni li joperaw skemi ta' pensjoni li huma kkunsidrati bħala skemi tas-sigurtà soċjali koperti mir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]), kif ukoll kwalunkwe entità ġuridika stabbilita għall-fini ta' investiment ta' skemi bħal dawn;

---

([1]) Id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE (ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1).

([2]) Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).

([3]) Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal- impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

([4]) Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).

([5]) Id-Direttiva 2003/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 2003 dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' irtirar okkupazzjonali (ĠU L 235, 23.9.2003, p. 10).

([6]) Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1).

([7]) Ir-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1).

(f) fond ta' investiment alternattiv (AIF) ġestit minn AIFM kif definit fil-punt (b) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2011/61/UE jew AIF taħt superviżjoni skont il-liġi nazzjonali applikabbli;

(g) UCITS fis-sens tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2009/65/KE;

(h) kontroparti ċentrali kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(i) depożitorju ċentrali tat-titoli kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(6) "trasferiment tal-assi" tfisser operazzjoni li permezz tagħha Stat Membru jitlef id-dritt li jintaxxa l-assi trasferiti, waqt li l-assi jibqgħu taħt is-sjieda legali jew ekonomika tal-istess kontribwent;

(7) "trasferiment tar-residenza tat-taxxa" tfisser operazzjoni li permezz tagħha kontribwent ma jibqax residenti fi Stat Membru għall-finijiet tat-taxxa, waqt li jikseb residenza tat-taxxa fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz;

(8) "trasferiment ta' attività eżerċitata minn stabbiliment permanenti" tfisser operazzjoni li permezz tagħha kontribwent ma jibqax ikollu preżenza taxxabbli fi Stat Membru waqt li jikseb tali preżenza fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz mingħajr ma jsir residenti f'dak l-Istat Membru jew pajjiż terz għall-finijiet tat-taxxa;

(9) "diskrepanza ibrida" tfisser sitwazzjoni bejn kontribwent fi Stat Membru wieħed u impriża assoċjata fi Stat Membru ieħor jew arranġament strutturat bejn partijiet fi Stati Membri fejn l-eżitu li ġej huwa attribwibbli għal differenzi fil-karatterizzazzjoni legali ta' strument jew entità finanzjarji:

(a) tnaqqis tal-istess pagament, spejjeż jew telf iseħħ kemm fl-Istat Membru li fih il-pagament għandu s-sors tiegħu, l-ispejjeż ikunu saru jew it-telf jiġġarrab kif ukoll fi Stat Membru ieħor ("tnaqqis doppju"); jew

(b) hemm tnaqqis ta' pagament fl-Istat Membru li fih il-pagament għandu s-sors tiegħu mingħajr inklużjoni korrispondenti għal finijiet ta' taxxa tal-istess pagament fl-Istat Membru l-ieħor ("tnaqqis mingħajr inklużjoni").

*Artikolu 3*

## Livell minimu ta' protezzjoni

Din id-Direttiva ma għandhiex tipprekludi l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali jew dawk ibbażati fuq ftehimiet, li għandhom l-għan li jissalvagwardjaw livell ogħla ta' protezzjoni għall-bażijiet tat-taxxa korporattiva nazzjonali.

KAPITOLU II

## MIŻURI KONTRA L-EVITAR TAT-TAXXA

*Artikolu 4*

## Regola dwar il-limitazzjoni tal-imgħax

1. Il-kostijiet tas-self eċċessivi għandhom ikunu deduċibbli, fil-perijodu fiskali li fih jiġġarrbu, sa 30 fil-mija biss tal-qligħ tal-kontribwent qabel l-imgħax, it-taxxa, id-deprezzament u l-ammortizzament (EBITDA).

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1).

Għall-fini ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu wkoll iqisu bħala kontribwent:

(a) entità li tista' jew tinħtieġ tapplika regoli f'isem grupp, kif definit skont il-liġi nazzjonali tat-taxxa;

(b) entità fi grupp, kif definit skont il-liġi nazzjonali tat-taxxa, li ma tikkonsolidax ir-riżultati tal-membri tagħha għall-finijiet ta' taxxa.

F'tali ċirkustanzi, il-kostijiet tas-self eċċessivi u l-EBITDA jistgħu jiġu kkalkolati fil-livell tal-grupp u jinkludu r-riżultati tal-membri kollha tiegħu.

2. L-EBITDA għandu jiġi kkalkolat billi mal-introjtu soġġett għat-taxxa korporattiva fl-Istat Membru tal-kontribwent jerġgħu jinżdiedu l-ammonti aġġustati għat-taxxa għal kostijiet tas-self eċċessivi kif ukoll l-ammonti aġġustati għat-taxxa għad-deprezzament u l-ammortizzament. Introjtu eżenti mit-taxxa jkun eskluż minn l-EBITDA ta' kontribwent.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, il-kontribwent jista' jingħatalu d-dritt:

(a) li jnaqqas kostijiet tas-self eċċessivi sa EUR 3 000 000;

(b) li jnaqqas kompletament kostijiet tas-self eċċessivi jekk il-kontribwent ikun entità awtonoma.

Għall-finijiet tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, l-ammont ta' EUR 3 000 000 għandu jitqies għall-grupp kollu kemm hu.

Għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, entità awtonoma tfisser kontribwent li mhuwiex parti minn grupp konsolidat għal finijiet ta' kontabbiltà finanzjarja u ma għandu l-ebda intrapriża assoċjata jew stabbiliment permanenti.

4. L-Istati Membri jistgħu jeskludu mill-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 1 il-kostijiet tas-self eċċessivi mġarrba fuq:

(a) self li kien konkluż qabel is-17 ta' Ġunju 2016, iżda l-esklużjoni ma għandhiex testendi għal kwalunkwe modifika sussegwenti għal tali self;

(b) self użat għall-finanzjament ta' proġett ta' infrastruttura pubblika fit-tul fejn l-operatur tal-proġett, il-kostijiet tas-self, l-assi u l-introjtu huma kollha fl-Unjoni.

Għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, proġett ta' infrastruttura pubblika fit-tul ifisser proġett li jipprovdi, itejjeb, jopera u/jew iżomm ass fuq skala kbira li jitqies bħala li huwa fl-interess pubbliku ġenerali minn Stat Membru.

Fejn japplika l-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, kwalunkwe introjtu li jirriżulta minn proġett ta' infrastruttura pubblika fit-tul għandu jiġi eskluż mill-EBITDA tal-kontribwent, u kwalunkwe kost tas-self eċċessiv ma għandux jiġi inkluż fil-kostijiet tas-self eċċessivi tal-grupp fir-rigward ta' partijiet terzi msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 5.

5. Meta l-kontribwent ikun membru ta' grupp konsolidat għal finijiet ta' kontabbiltà finanzjarja, il-kontribwent jista' jingħata d-dritt li jew:

(a) inaqqas kompletament il-kostijiet tas-self eċċessivi tiegħu jekk ikun jista' juri li l-proporzjon tal-ekwità tiegħu fuq l-assi totali tiegħu huwa ugwali jew ogħla mill-proporzjon ekwivalenti tal-grupp u soġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

   (i) il-proporzjon tal-ekwità tal-kontribwent fuq l-assi totali tiegħu huwa kkunsidrat ugwali għall-proporzjon ekwivalenti tal-grupp jekk il-proporzjon tal-ekwità tal-kontribwent fuq l-assi totali tiegħu huwa aktar baxx sa żewġ punti perċentwali; u

   (ii) l-assi u l-obbligazzjonijiet kollha huma vvalutati permezz tal-istess metodu bħal dak fir-rapporti finanzjarji konsolidati msemmijin fil-paragrafu 8;

   jew

(b) inaqqas kostijiet tas-self eċċessivi għal ammont li jaqbeż dak li kien ikun intitolat li jnaqqas skont il-paragrafu 1. Dan il-limitu ogħla għat-tnaqqis tal-kostijiet tas-self eċċessivi għandu jirreferi għall-grupp konsolidat għal finijiet ta' kontabbiltà finanzjarja li l-kontribwent ikun membru tiegħu u għandu jiġi kkalkolat f'żewġ fażijiet:

(i) l-ewwel, il-proporzjon tal-grupp huwa determinat billi jiġu diviżi l-kostijiet tas-self eċċessivi tal-grupp fir-rigward ta' partijiet terzi fuq l-EBITDA tal-grupp; u

(ii) it-tieni, il-proporzjon tal-grupp jiġi mmultiplikat bl-EBITDA tal-kontribwent ikkalkulat skont il-paragrafu 2.

6. L-Istat Membru tal-kontribwent jista' jipprevedi regoli jew:

(a) biex jiġu riportati 'l quddiem, mingħajr limitu ta' żmien, il-kostijiet tas-self eċċessivi li ma jistgħux jitnaqqsu fil-perijodu fiskali attwali skont il-paragrafi 1 sa 5;

(b) biex jiġu riportati 'l quddiem, mingħajr limitu ta' żmien, u lura, għal massimu ta' tliet snin, il-kostijiet tas-self eċċessivi li ma jistgħux jitnaqqsu fil-perijodu fiskali attwali skont il-paragrafi 1 sa 5; jew

(c) biex jiġu riportati 'l quddiem, mingħajr limitu ta' żmien, kostijiet tas-self eċċessivi u, għal żmien massimu ta' ħames snin, kapaċità tal-imgħax mhux użata, li ma tistax titnaqqas fil-perijodu fiskali attwali skont il-paragrafi 1 sa 5.

7. L-Istati Membri jistgħu jeskludu impriżi finanzjarji mill-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafi 1 sa 6, inkluż meta tali impriżi finanzjarji huma parti minn grupp konsolidat għal finijiet ta' kontabbiltà finanzjarja.

8. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, il-grupp konsolidat għal finijiet ta' kontabbiltà finanzjarja jikkonsisti mill-entitajiet kollha li huma inklużi bis-sħiħ fir-rapporti finanzjarji konsolidati mħejjija skont l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju jew is-sistema tar-rappurtar finanzjarju nazzjonali ta' Stat Membru. Il-kontribwent jista' jingħata d-dritt li juża rapporti finanzjarji konsolidati mħejjija skont standards oħra tal-kontabbiltà.

*Artikolu 5*

**Tassazzjoni tal-ħruġ**

1. Kontribwent għandu jkun soġġett għat-taxxa f'ammont ugwali għall-valur tas-suq tal-assi trasferiti, fil-ħin tal-ħruġ tal-assi, bil-valur tagħhom għall-finijiet tat-taxxa mnaqqas, fi kwalunkwe waħda minn dawn iċ-ċirkustanzi li ġejjin:

(a) kontribwent jittrasferixxi assi mill-uffiċċju prinċipali tiegħu għall-istabbiliment permanenti tiegħu fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz sa fejn l-Istat Membru tal-uffiċċju prinċipali ma għadx għandu d-dritt li jintaxxa l-assi trasferiti minħabba t-trasferiment;

(b) kontribwent jittrasferixxi assi mill-istabbiliment permanenti tiegħu fi Stat Membru għall-uffiċċju prinċipali tiegħu jew stabbiliment permanenti ieħor fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz sa fejn l-Istat Membru tal-istabbiliment permanenti ma għadx għandu d-dritt li jintaxxa l-assi trasferiti minħabba t-trasferiment;

(c) kontribwent jittrasferixxi r-residenza tat-taxxa tiegħu lejn Stat Membru ieħor jew pajjiż terz, ħlief għal dawk l-assi li jibqgħu effettivament marbutin ma' stabbiliment permanenti fl-ewwel Stat Membru;

(d) kontribwent jittrasferixxi l-attività mwettqa mill-istabbiliment permanenti tiegħu fi Stat Membru għal Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz sa fejn l-Istat Membru tal-istabbiliment permanenti ma għadx għandu d-dritt li jintaxxa l-assi trasferiti minħabba t-trasferiment.

2. Kontribwent għandu jingħata d-dritt li jiddifferixxi l-pagament ta' taxxa tal-ħruġ imsemmija fil-paragrafu 1, billi jħallsu b'pagamenti rateali fuq ħames snin, fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkustanzi li ġejjin:

(a) kontribwent jittrasferixxi assi mill-uffiċċju prinċipali tiegħu għall-istabbiliment permanenti tiegħu fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz li huwa parti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (il-Ftehim ŻEE);

(b) kontribwent jittrasferixxi assi mill-istabbiliment permanenti tiegħu fi Stat Membru għall-uffiċċju prinċipali tiegħu jew stabbiliment permanenti ieħor fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz li huwa parti għall-Ftehim ŻEE;

(c) kontribwent jittrasferixxi r-residenza tat-taxxa tiegħu lejn Stat Membru ieħor jew pajjiż terz li huwa parti għall-Ftehim ŻEE;

(d) kontribwent jittrasferixxi l-attività mwettqa mill-istabbiliment permanenti tiegħu għal Stat Membru ieħor jew pajjiż terz li huwa parti għall-Ftehim ŻEE.

Dan il-paragrafu għandu japplika għal pajjiżi terzi li huma parti għall-Ftehim ŻEE jekk ikunu kkonkludew ftehim mal-Istat Membru tal-kontribwent jew mal-Unjoni dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' pretensjonijiet ta' taxxa, ekwivalenti għall-assistenza reċiproka prevista fid-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE ([1]).

3. Jekk kontribwent jiddifferixxi l-pagament f'konformità mal-paragrafu 2, l-imgħax jista' jiġi impost f'konformità mal-leġislazzjoni tal-Istat Membru tal-kontribwent jew tal-istabbiliment permanenti, skont il-każ.

Jekk jista' jintwera riskju jew hemm riskju attwali li ma jkunx hemm irkupru, il-kontribwenti jistgħu jinħtieġu wkoll jipprovdu garanzija bħala kondizzjoni għad-differiment tal-pagament f'konformità mal-paragrafu 2.

It-tieni subparagrafu ma għandux japplika meta l-leġislazzjoni fl-Istat Membru tal-kontribwent jew tal-istabbiliment permanenti tipprevedi l-possibbiltà tal-irkupru tad-dejn tat-taxxa permezz ta' kontribwent ieħor li huwa membru tal-istess grupp u huwa residenti f'dak l-Istat Membru għall-finijiet tat-taxxa.

4. Meta japplika l-paragrafu 2, id-differiment tal-pagament għandu jieqaf minnufih u d-dejn tat-taxxa jkun jista' jiġi rkuprat fil-każijiet li ġejjin:

(a) l-assi trasferiti jew l-attività mwettqa mill-istabbiliment permanenti tal-kontribwent jinbiegħu jew b'mod ieħor ċeduti;

(b) l-assi trasferiti sussegwentement jiġu trasferiti lejn pajjiż terz;

(c) ir-residenza tat-taxxa tal-kontribwent jew l-attività mwettqa mill-istabbiliment permanenti tiegħu sussegwentement jiġu trasferiti lejn pajjiż terz;

(d) il-kontribwent ifalli jew jiġi likwidat;

(e) il-kontribwent jonqos milli jonora l-obbligi tiegħu fir-rigward tal-pagamenti rateali u ma jirrettifikax is-sitwazzjoni tiegħu fuq perijodu ta' żmien raġonevoli, li ma jistax jaqbeż 12-il xahar.

Il-punti (b) u (c) ma għandhomx japplikaw għal pajjiżi terzi li huma parti għall-Ftehim ŻEE jekk ikunu kkonkludew ftehim mal-Istat Membru tal-kontribwent jew mal-Unjoni dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' pretensjonijiet ta' taxxa, ekwivalenti għall-assistenza reċiproka prevista fid-Direttiva 2010/24/UE.

5. Meta t-trasferiment tal-assi, tar-residenza tat-taxxa jew tal-attività mwettqa mill-istabbiliment permanenti jkun lejn Stat Membru ieħor, dak l-Istat Membru għandu jaċċetta l-valur stabbilit mill-Istat Membru tal-kontribwent jew tal-istabbiliment permanenti bħala l-valur inizjali tal-assi għall-finijiet ta' taxxa, sakemm dan ma jirriflettix il-valur tas-suq.

6. Għall-finijiet tal-paragrafi 1 sa 5, "valur tas-suq" huwa l-ammont li bih ass jista' jiġi skambjat jew obbligi reċiproċi jistgħu jiġu saldati bejn xerrejja u bejjiegħa disponibbli mhux relatati fi tranżazzjoni diretta.

7. Sakemm l-assi jkunu destinati li jerġgħu lura lejn l-Istat Membru tat-trasferent fi żmien 12-il xahar, dan l-Artikolu ma għandux japplika għal trasferimenti ta' assi relatati mal-finanzjament ta' titoli, assi depożitati bħala kollateral jew meta t-trasferiment tal-assi jseħħ sabiex jintlaħqu rekwiżiti ta' kapital prudenzjali jew għall-fini tal-ġestjoni tal-likwidità.

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu 2010 dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra (ĠU L 84, 31.3.2010, p. 1).

*Artikolu 6*

**Regola ġenerali kontra l-abbuż**

1. Għall-finijiet tal-ikkalkolar tal-obbligazzjoni ta' taxxa korporattiva, Stat Membru għandu jinjora arranġament jew sensiela ta' arranġamenti li, peress li jkunu ġew stabbiliti għall-fini ewlieni jew għal wieħed mill-finijiet ewlenin li jinkiseb benefiċċju fiskali li jmur kontra l-objettiv jew il-fini tal-liġi applikabbli tat-taxxa, ma jkunux ġenwini fir-rigward tal-fatti u ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha. Arranġament jista' jinkludi aktar minn pass wieħed jew parti waħda.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, arranġament jew sensiela tagħhom għandhom jitqiesu mhux ġenwini sa fejn ma jkunux ġew stabbiliti għal raġunijiet kummerċjali validi li jirriflettu r-realtà ekonomika.

3. Meta arranġamenti jew sensiela tagħhom tiġi injorata f'konformità mal-paragrafu 1, l-obbligazzjoni ta' taxxa għandha tkun ikkalkolata f'konformità mal-liġi nazzjonali.

*Artikolu 7*

**Regoli dwar il-kumpanniji kkontrollati minn barra l-pajjiż**

1. L-Istat Membru ta' kontribwent għandu jittratta entità, jew stabbiliment permanenti li l-profitti tiegħu mhumiex soġġetti għat-taxxa jew huma eżentati mit-taxxa f'dak l-Istat Membru, bħala kumpannija barranija kkontrollata meta jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) fil-kas ta' entità, il-kontribwent waħdu, jew flimkien mal-impriżi assoċjati tiegħu jkollu parteċipazzjoni diretta jew indiretta ta' aktar minn 50 fil-mija tad-drittijiet tal-vot, jew ikollu sjieda direttament jew indirettament ta' aktar minn 50 fil-mija tal-kapital jew huwa ntitolat li jirċievi aktar minn 50 fil-mija tal-profitti ta' dik l-entità; u

(b) it-taxxa korporattiva attwali mħallsa fuq il-profitti tagħha mill-entità jew stabbiliment permanenti hija anqas mid-differenza bejn it-taxxa korporattiva li kienet tkun imposta fuq l-entità jew stabbiliment permanenti taħt is-sistema tat-taxxa korporattiva applikabbli fl-Istat Membru tal-kontribwent u t-taxxa korporattiva attwali mħallsa fuq il-profitti tagħha mill-entità jew stabbiliment permanenti.

Għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, l-istabbiliment permanenti ta' kumpannija barranija kkontrollata li mhux soġġett għat-taxxa jew huwa eżentat mit-taxxa fil-ġurisdizzjoni tal-kumpannija barranija kkontrollata ma għandux jittieħed kont tiegħu. Barra minn hekk it-taxxa korporattiva li kienet tkun imposta fl-Istat Membru tal-kontribwent tfisser kif ikkomputata skont ir-regoli tal-Istat Membru tal-kontribwent.

2. Meta entità jew stabbiliment permanenti jiġi trattat bħala kumpannija barranija kkontrollata skont il-paragrafu 1, l-Istat Membru tal-kontribwent għandu jinkludi fil-bażi tat-taxxa:

(a) l-introjtu mhux iddistribwit tal-entità jew l-introjtu tal-istabbiliment permanenti li ġej mill-kategoriji li ġejjin:

(i) imgħax jew kwalunkwe introjtu ieħor iġġenerat minn assi finanzjarji;

(ii) royalties jew kwalunkwe introjtu ieħor iġġenerat minn proprjetà intellettwali;

(iii) dividendi u introjtu miċ-ċessjoni ta' ishma;

(iv) introjtu minn self finanzjarju;

(v) introjtu minn attivitajiet tal-assigurazzjoni, dawk bankarji u dawk finanzjarji oħra;

(vi) introjtu minn kumpanniji ta' fatturazzjoni li jaqilgħu introjtu fuq bejgħ u servizzi minn oġġetti u servizzi mixtrija minn, jew mibjugħa lil, intrapriżi assoċjati, u li ma jżidu l-ebda valur ekonomiku jew iżidu ftit;

Dan il-punt ma għandux japplika fejn il-kumpannija barranija kkontrollata twettaq attività ekonomika sostantiva appoġġata minn persunal, tagħmir, assi u proprjetajiet, kif jixhdu l-fatti u ċ-ċirkustanzi rilevanti.

Meta l-kumpannija barranija kkontrollata tkun residenti jew tinsab f'pajjiż terz li mhux parti mill-Ftehim ŻEE, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jżommu lura milli japplikaw is-subparagrafu preċedenti.

jew

(b) l-introjtu mhux iddistribwit tal-entità jew stabbiliment permanenti li jirriżulta minn arranġamenti mhux ġenwini li ġew stabbiliti għall-fini essenzjali li jinkiseb benefiċċju fiskali.

Għall-finijiet ta' dan il-punt, arranġament jew sensiela tagħhom għandhom jitqiesu bħala mhux ġenwini sa fejn l-entità jew l-istabbiliment permanenti ma jkunx il-propjetarju tal-assi jew ma jkunx ħa r-riskji li jiġġeneraw l-introjtu kollu tiegħu, jew parti minnu, li kieku ma kienx ikkontrollat minn kumpannija fejn jitwettqu l-funzjonijiet tal-persuni sinifikanti, li huma rilevanti għal dawk l-assi u riskji, u li huma strumentali biex jiġi ġġenerat l-introjtu tal-kumpannija kkontrollata.

3. Meta, skont ir-regoli ta' Stat Membru, il-bażi tat-taxxa ta' kontribwent tiġi kkalkolata skont il-punt (a) tal-paragrafu 2, l-Istat Membru jista' jagħżel li ma jittrattax entità jew stabbiliment permanenti bħala kumpannija barranija kkontrollata skont il-paragrafu 1 jekk terz jew inqas tal-introjtu li takkumula l-entità jew l-istabbiliment permanenti jaqa' fil-kategoriji taħt il-punt (a) tal-paragrafu 2.

Meta, skont ir-regoli ta' Stat Membru, il-bażi tat-taxxa tal-kontribwent hija kkalkolata skont il-punt (a) tal-paragrafu 2, l-Istat Membru jista' jagħżel li ma jittrattax impriżi finanzjarji bħala kumpanniji kkontrollati minn barra l-pajjiż jekk terz jew aktar tal-introjtu tal-entità mill-kategoriji taħt il-punt (a) tal-paragrafu 2 jiġi minn transazzjonijiet mal-kontribwent jew mal-intrapriżi assoċjati tiegħu.

4. L-Istati Membri jistgħu jeskludu mill-kamp ta' applikazzjoni tal-punt (b) tal-paragrafu 2 entità jew stabbiliment permanenti:

(a) bi profitti kontabilistiċi ta' mhux aktar minn EUR 750 000, u b'introjtu mhux mill-kummerċ ta' mhux aktar minn EUR 75 000; jew

(b) li l-profitti kontabilistiċi tiegħu jammontaw għal mhux aktar minn 10 fil-mija tal-kostijiet operatorji għall-perijodu tat-taxxa.

Għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, il-kostijiet operatorji ma jistgħux jinkludu l-kost tal-oġġetti mibjugħa barra l-pajjiż fejn l-entità hija residenti, jew fejn jinsab l-istabbiliment permanenti, għall-finijiet tat-taxxa u pagamenti lil intrapriżi assoċjati.

*Artikolu 8*

**Komputazzjoni tal-introjtu ta' kumpannija barranija kkontrollata**

1. Meta japplika l-punt (a) tal-Artikolu 7(2), l-introjtu li għandu jkun inkluż fil-bażi tat-taxxa għandu jkun ikkalkolat f'konformità mar-regoli tal-liġi dwar it-taxxa korporattiva tal-Istat Membru fejn jinsab il-kontribwent jew huwa residenti għall-finijiet ta' taxxa. It-telf tal-entità jew tal-istabbiliment permanenti ma għandux ikun inkluż fil-bażi tat-taxxa iżda jista' jiġi riportat 'il quddiem, f'konformità mal-liġi nazzjonali, u jittieħed kont tiegħu f'perijodi fiskali sussegwenti.

2. Meta japplika punt (b) tal-Artikolu 7(2), l-introjtu li għandu jkun inkluż fil-bażi tat-taxxa tal-kontribwent għandu jkun limitat għal ammonti ġġenerati permezz ta' assi u riskji marbutin ma' funzjonijiet ta' persuni sinifikanti li jitwettqu mill-kumpannija li tikkontrolla. L-attribuzzjoni ta' introjtu ta' kumpannija barranija kkontrollata għandha tkun ikkalkolata f'konformità mal-prinċipju tad-distakkament.

3. L-introjtu li għandu jkun inkluż fil-bażi tat-taxxa għandu jkun ikkalkolat fi proporzjon mal-parteċipazzjoni tal-kontribwent fl-entità kif definit fil-punt (a) tal-Artikolu 7(1).

4. L-introjtu għandu jkun inkluż fil-perijodu fiskali tal-kontribwent li fih tintemm is-sena fiskali tal-entità.

5. Meta l-entità tiddistribwixxi l-profitti lill-kontribwent, u dawk il-profitti distribwiti jkunu inklużi fl-introjtu taxxabbli tal-kontribwent, l-ammonti tal-introjtu inklużi preċedentement fil-bażi tat-taxxa skont l-Artikolu 7 għandhom jitnaqqsu mill-bażi tat-taxxa meta jiġi kkalkolat l-ammont ta' taxxa dovuta fuq il-profitti distribwiti, sabiex ikun żgurat li ma jkunx hemm tassazzjoni doppja.

6. Meta l-kontribwent iċedi l-parteċipazzjoni tiegħu fl-entità jew mill-attività mwettqa mill-istabbiliment permanenti, u kwalunkwe parti tar-rikavat miċ-ċessjoni tkun ġiet inkluża qabel fil-bażi tat-taxxa skont l-Artikolu 7, dak l-ammont għandu jitnaqqas mill-bażi tat-taxxa meta jiġi kkalkolat l-ammont ta' taxxa dovuta għal dak ir-rikavat, sabiex ikun żgurat li ma jkunx hemm tassazzjoni doppja.

7. L-Istat Membru tal-kontribwent għandu jippermetti tnaqqis tat-taxxa mħallsa mill-entità jew mill-istabbiliment permanenti mill-obbligazzjoni ta' taxxa tal-kontribwent fl-istat tar-residenza jew il-post tat-taxxa tiegħu. It-tnaqqis għandu jiġi kkalkulat skont il-liġi nazzjonali.

*Artikolu 9*

**Diskrepanzi ibridi**

1. Sa fejn diskrepanza ibrida tirriżulta fi tnaqqis doppju, it-tnaqqis għandu jingħata biss fl-Istat Membru fejn tali pagament għandu s-sors tiegħu.

2. Sa fejn diskrepanza ibrida tirriżulta fi tnaqqis mingħajr inklużjoni, l-Istat Membru tal-pagatur għandu jirrifjuta t-tnaqqis ta' tali pagament.

KAPITOLU III

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 10*

**Rieżami**

1. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari l-impatt tal-Artikolu 4, sad-9 ta' Awwissu 2020 u tirrapporta lill-Kunsill dwarha. Ir-rapport mill-Kummissjoni għandu, jekk ikun il-każ, jiġi akkumpanjat minn proposta leġislattiva.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

3. L-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 11(6) għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni qabel l-1 ta' Lulju 2017 kull informazzjoni neċessarja sabiex tiġi evalwata l-effettività tar-regoli nazzjonali mmirati biex jipprevjenu r-riskji tal-erożjoni tal-bażi u t-trasferiment tal-profitti (BEPS).

*Artikolu 11*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom, sal-31 ta' Diċembru 2018, jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.

Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar 2019.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, huma għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

3. Fejn din id-Direttiva ssemmi ammont monetarju f'euro (EUR), l-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro jistgħu jagħżlu li jikkalkulaw il-valur korrispondenti fil-munita nazzjonali fit-12 ta' Lulju 2016.

4. B'deroga mill-Artikolu 5(2), l-Estonja tista' tikkunsidra, dment li ma tintaxxax profitti mhux distribwiti, trasferiment ta' assi f'forma monetarja jew nonmonetarja, inkluż il-forma kontanti, minn stabbiliment permanenti li jinsab fl-Estonja għal uffiċċju prinċipali jew stabbiliment permanenti ieħor fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz li huwa parti għall-Ftehim ŻEE bħala profitt imqassam u titlob it-taxxa fuq id-dħul, mingħajr ma tagħti lill-kontribwenti d-dritt li jiddeferixxu mill-ħlas ta' tali taxxa.

5. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom, sal-31 ta' Diċembru 2019, jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikolu 5. Huma għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.

Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar 2020.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, huma għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir tali referenza.

6. B'deroga mill-Artikolu 4, l-Istati Membri li għandhom regoli nazzjonali mmirati biex jipprevjenu r-riskji ta' BEPS fit-8 ta' Awwissu 2016, li huma effettivi ndaqs għar-regola dwar il-limitazzjoni tal-imgħax stipulata f'din id-Direttiva, jistgħu japplikaw dawn ir-regoli mmirati sa tmiem l-ewwel sena fiskali sħiħa wara d-data tal-pubblikazzjoni tal-ftehim bejn il-membri tal-OECD fuq is-sit web uffiċjali fuq standard minimu fir-rigward tal-Azzjoni 4 tal-BEPS, iżda mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2024.

*Artikolu 12*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 13*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. KAŽIMÍR

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2016/1165

**tat-18 ta' Lulju 2016**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1183/2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/788/PESK tal-20 ta' Diċembru 2010 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2008/369/PESK ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1183/2005 ([2]) jagħti effett lid-Deċiżjoni 2010/788/PESK u jipprevedi ċerti miżuri diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur tal-embargo fuq l-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo, inkluż l-iffriżar tal-assi tagħhom.

(2) Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 2293 (2016) tal-21 ta' Ġunju 2016 emendat il-kriterji biex persuni u entitajiet jiġu deżinjati biex ikunu soġġetti għall-miżuri restrittivi stipulati fil-paragrafi 9 u 11 tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1807 (2008) u estendiet id-dispożizzjonijiet tal-embargo fuq l-armi. Fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1173 ([3]), il-Kunsill iddeċieda li jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-kriterji skont dan.

(3) Għaldaqstant, hemm bżonn ta' azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni sabiex tingħata effett, partikolarment bl-għan li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħha mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 1183/2005 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1183/2005 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-punt li ġej jiżdied mal-Artikolu 1b(1):

"(d) l-għoti ta' għajnuna teknika, finanzjament jew għajnuna finanzjarja jew servizzi ta' senserija relatati ma' bejgħ u forniment oħrajn ta' armi u materjal relatat, kif approvat minn qabel mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet;";

([1]) ĠU L 336, 21.12.2010, p. 30.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1183/2005 tat-18 ta' Lulju 2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU L 193, 23.7.2005, p. 1).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1173 tat-18 ta' Lulju 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ara paġna 108 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

(2) L-Artikolu 2a(1) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (e) jinbidel b'dan li ġej:

"(e) l-ippjanar, it-tmexxija jew it-twettiq ta' atti fir-RDK li jikkostitwixxu ksur jew abbużi tad-drittijiet tal-bniedem jew ksur tal-liġi umanitarja internazzjonali, kif applikabbli, inkluż dawk l-atti li jinvolvu l-immirar lejn persuni ċivili, inkluż il-qtil u l-immankar, l-istupru u vjolenza sesswali oħra, il-ħtif, l-ispostament furzat u l-attakki fuq skejjel u sptarijiet;";

(b) Il-punt (g) jinbidel b'dan li ġej:

"(g) l-appoġġ ta' individwi jew entitajiet, inkluż gruppi armati jew netwerks kriminali, involuti f'attivitajiet destabbilizzanti fir-RDK permezz tal-isfruttament jew tal-kummerċ illeċitu ta' riżorsi naturali, inkluż id-deheb jew il-ħlejjaq salvaġġi kif ukoll il-prodotti mill-ħlejjaq salvaġġi;".

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Lulju 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. MOGHERINI

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1166**

**tas-17 ta' Mejju 2016**

**li jemenda l-Anness X tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-termini tax-xiri tal-pitravi fis-settur taz-zokkor mill-1 ta' Ottubru 2017**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 125(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 125 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, il-bdiewa tal-pitravi u l-impriżi taz-zokkor għandhom jikkonkludu ftehimiet interprofessjonali bil-miktub. L-Anness XI ta' dak ir-Regolament jistabbilixxi ċerti kundizzjonijiet għax-xiri tal-pitravi sal-aħħar tal-kampanja ta' kummerċjalizzazzjoni 2016/2017, filwaqt li l-Anness X ta' dak ir-Regolament jistabbilixxi dawk it-termini mill-1 ta' Ottubru 2017, meta s-sistema ta' kwoti ser tkun intemmet.

(2) Sabiex jitqiesu l-karetteristiċi speċifiċi tas-settur taz-zokkor u l-iżvilupp mistenni fis-settur fil-perjodu wara li tintemm is-sistema ta' kwoti, it-termini tax-xiri għall-pitravi msemmija fl-Anness X għandhom jiġu emendati.

(3) Mill-1 ta' Ottubru 2017, is-settur taz-zokkor tal-pitravi se jkollu bżonn jadatta għat-tmiem tas-sistema ta' kwoti, inkluż it-tmiem tal-prezz minimu tal-pitravi u r-regolamentazzjoni tal-kwantitajiet tal-produzzjoni domestika. Għalhekk, is-settur jeħtieġ qafas legali ċar f'din it-tranżizzjoni minn settur regolat b'mod qawwi għal wieħed aktar liberalizzat. Il-bdiewa u l-impriżi taz-zokkor talbu għal aktar ċertezza legali rigward ir-regoli applikabbli għall-mekkaniżmi ta' qsim tal-valur, inkluż il-bonuses u t-telf tas-suq ibbażati fuq il-prezzijiet rilevanti tas-suq.

(4) Il-katina tal-provvista taz-zokkor tal-unjoni hija kkaratterizzata minn ħafna bdiewa tal-pitravi taz-zokkor, ħafna minnhom żgħar, u numru limitat ta' impriżi taz-zokkor, fil-parti l-kbira kbar. Minħabba l-ħtieġa li l-fornituri tal-pitravi jippjanaw u jorganizzaw il-provvisti tal-pitravi għall-fabbriki taz-zokkor matul il-perjodi tal-ħsad tal-pitravi, hemm interess għall-bdiewa li jiġu nnegozjati ċerti termini marbuta mal-klawżoli dwar il-qsim tal-valur għax-xiri tal-pitravi mill-impriżi kkonċernati. Din hi karatteristika inerenti għall-katina tal-provvista taz-zokkor li tibqa' fis-seħħ indipendentement minn jekk ikunx hemm sistema ta' kwoti fis-seħħ jew le. Il-klawżoli dwar il-valur tal-qsim imsemmija fil-Parti XI tal-Anness XI tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 attwalment jippermettu lill-bdiewa tal-pitravi u l-impriżi taz-zokkor li jiżguraw il-provvisti tagħhom f'termini predefiniti ta' xiri b'ċertezza ta' qsim tal-profitti u tal-ispejjeż iġġenerati mill-katina tal-provvista għall-benefiċċju tal-bdiewa tal-pitravi. Il-benefiċċju tal-qsim tal-valur jittrażmetti direttament lill-bdiewa s-sinjali tal-prezzijiet fis-suq.

(5) L-iżvilupp mistenni tas-settur fil-perjodu wara li tintemm is-sistema ta' kwoti, flimkien mal-prezzijiet relattivament baxxi taz-zokkor osservati dan l-aħħar, x'aktarx li iżommu lura lill-proċessuri l-ġodda taz-zokkor tal-pitravi milli jidħlu fis-suq, għaliex l-investimenti meħtieġa biex tinħoloq faċilità tal-ipproċessar taz-zokkor ikunu jirrikjedu prezz taz-zokkor ogħla mill-prezz tas-suq previst fil-kampanji ta' kummerċjalizzazzjoni sussegwenti biex jagħmlu qligħ. Il-prospetti għall-perjodu ta' żmien medju tal-Kummissjoni jipprevedu prezzijiet li jaġġustaw il-prezzijiet aktar 'l isfel wara li tkun ġiet fi tmiemha s-sistema ta' kwoti. B'hekk, l-istruttura attwali tal-industrija taz-zokkor tal-UE, inkluża r-relazzjoni bejn l-bdiewa tal-pitravi u l-impriżi taz-zokkor, hija mistennija li tippersisti fil-kampanji ta' kummerċjalizzazzjoni wara t-tneħħija tas-sistema ta' kwoti peress li huwa previst li ftit se jkunu l-impriżi ġodda li jidħlu fis-suq.

(6) Fin-nuqqas ta' klawżoli dwar il-preservazzjoni tal-valur ta' qsim, il-pożizzjoni tal-bdiewa tal-pitravi fil-katina tal-ikel tista' tiġi kompromessa. Meta tintilef il-possibilità ta' negozjar tal-klawżoli dwar il-qsim ta' valur, u speċjalment f'sitwazzjoni ta' prezzijiet baxxi, il-bdiewa tal-pitravi jistgħu jkunu b'mod ċar fi żvantaġġ ekonomiku.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

(7) Għalhekk, ir-raġuni li jiġi emendat l-Anness X tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 biex jippermetti n-negozjar ta' klawżoli dwar il-qsim ta' valur jibqa' validu. Għaldaqstant, hemm il-possibbiltà li l-bżonn li jiġu nnegozjati tali klawżoli jibqa' anke wara l-1 ta' Ottubru 2017.

(8) Biex jiġu ffaċilitati n-negozjati tal-klawżoli dwar il-qsim tal-valur, huwa xieraq li tali negozjati jkunu possibbli biss bejn impriża u l-fornituri attwali jew potenzali tagħha.

(9) Sabiex jiġi żgurat proċess flessibbli ta' negozjar, l-introduzzjoni ta' klawżola dwar il-qsim tal-valur għandu jkun fakultattiv.

(10) Għalhekk, l-Anness X tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandu jiġi emendat skont dan.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fil-Parti XI tal-Anness X tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jiżdied il-punt 5 li ġej:

"5. Intrapriża taz-zokkor u l-bejjiegħa tal-pitravi kkonċernati jistgħu jaqblu fuq il-klawżoli dwar il-qsim tal-valur, inklużi l-klawżoli dwar il-bonuses u t-telf tas-suq, li jiddeterminaw kif kull evoluzzjoni tal-prezzijiet rilevanti tas-suq jew suq komoditarju oħra tiġi allokata bejniethom."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Mejju 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1167**

**tat-18 ta' Lulju 2016**

**li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 102/2012 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar li joriġinaw, fost oħrajn, mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, kif estiż għal importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar mibgħuta, fost l-oħrajn, mir-Repubblika tal-Korea, sew jekk iddikjarati bħala li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea u sew jekk le**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikoli 11(4) u 13(4) tiegħu,

Billi:

A. **MIŻURI FIS-SEĦĦ**

(1) Permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1796/1999 ([2]), il-Kunsill impona dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjoni ta' ħbula u kejbils tal-azzar ġejjin, fost oħrajn, mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Wara żewġ rieżamijiet ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-miżuri antidumping inżammu mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1858/2005 ([3]) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 102/2012 ([4]).

(2) Bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 400/2010 ([5]), il-Kunsill estenda d-dazju antidumping fuq importazzjonijiet ta' ħbula tal-azzar u kejbils, li joriġinaw, fost oħrajn, fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għal importazzjonijiet tal-istess prodotti ikkonsenjati mir-Repubblika tal-Korea, kemm jekk dikjarati bħala li joriġinaw fir-Repubblika tal-Korea kif ukoll jekk le, wara investigazzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni skont l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku. Bl-istess Regolament, ċerti produtturi esportaturi Koreani kienu eżentati minn dawn il-miżuri estiżi.

(3) Il-miżuri li attwalment huma fis-seħħ huma dazju definittiv tal-antidumping impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 102/2012 dwar importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar li joriġinaw, fost oħrajn, mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina kif estiż, fost oħrajn, għal importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar ikkonsenjati mir-Repubblika tal-Korea, sew jekk iddikjarati li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea kif ukoll jekk le, kif emendat l-aħħar mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/90 ([6]), ("il-miżuri fis-seħħ"). Importazzjonijiet fl-Unjoni tal-prodott investigat ikkonsenjat mir-Repubblika tal-Korea huma soġġetti għal dazju ta' 60,4 %, bl-eċċezzjoni tal-prodott immanifatturat minn kumpaniji li kienu eżentati.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1796/1999 tat-12 ta' Awwissu 1999 li jimponi dazju definittiv antidumping, u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost, fuq importazzjoni ta' ħbula u kejbils tal-azzar ġejjin mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, l-Ungerija, l-Indja, l-Messiku, il-Polonja, l-Afrika t'Isfel u l-Ukrajna u li jtemm il-proċeduri legali kontra antidumping minn importazzjonijiet ġejjin mir-Repubblika tal-Korea (ĠU L 217, 17.8.1999, p. 1).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1858/2005 tat-8 ta' Novembru 2005 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet tal-ħbula tal-azzar u kejbils li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, l-Indja, l-Afrika t'Isfel u l-Ukraina wara reviżjoni tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 384/96 (ĠU L 299, 16.11.2005, p. 1).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 102/2012 tas-27 ta' Jannar 2012 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u mill-Ukraina kif estiż għal importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar mibgħuta mill-Marokk, mill-Moldova u mir-Repubblika tal-Korea, sew jekk iddikjarati bħala li joriġinaw minn dawn il-pajjiżi u sew jekk le, wara reviżjoni tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 u li ttemm il-proċediment tar-reviżjoni tal-iskadenza li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar li joriġinaw mill-Afrika t'Isfel skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 (ĠU L 36, 9.2.2012, p. 1).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 400/2010 tas-26 ta' April 2010 li jestendi d-dazju definittiv antidumping impost mir-Regolament (KE) Nru 1858/2005 fuq l-importazzjonijiet ta' ħbula tal-azzar u kejbils li joriġinaw, fost oħrajn, fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għall-importazzjonijiet ta' ħbula tal-azzar u kejbils ikkonsenjati mir-Repubblika tal-Korea, sew jekk iddikjarati li joriġinaw fir-Repubblika tal-Korea kif ukoll jekk le, u li jtemm l-investigazzjoni fir-rigward tal-importazzjonijiet ikkonsenjati mill-Malasja (OJ L 117, 11.5.2010, p. 1).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/90 tas-26 ta' Jannar 2016 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 102/2012 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar li joriġinaw, inter alia, fl-Ukrajna wara rieżami interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 (ĠU L 19, 27.1.2016, p. 22).

## B. **PROĊEDURA**

### 1. **Bidu**

(4) Il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") rċeviet talba għal eżenzjoni mill-miżuri antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, kif estiżi għall-importazzjonijiet ikkunsinnati mir-Repubblika tal-Korea, kemm jekk dikjarati bħala li joriġinaw fir-Repubblika tal-Korea kemm jekk le, skont l-Artikoli 11(4) u 13(4) u tar-Regolament bażiku.

(5) It-talba tressqet fis-7 ta' Settembru 2015 minn Daechang Steel Co. Ltd ("l-applikant"), produttur esportatur ta' ħbula u kejbils tal-azzar mir-Repubblika tal-Korea ("il-pajjiż ikkonċernat") u kienet limitata għall-applikant.

(6) L-applikant ipprovda evidenza prima facie li ma esportax il-prodott rieżaminat lill-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni użat fl-investigazzjoni li wasslet għall-miżuri estiżi (mill-1 ta' Lulju 2008 sat-30 ta' Ġunju 2009), li ma huwa relatat mal-ebda produttur esportatur tal-prodott rieżaminat li huwa soġġett għal dazji antidumping fis-seħħ, u li ma evitax il-miżuri applikabbli għall-ħbula u l-kejbils tal-azzar ta' oriġini Ċiniża u li daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli sabiex jesporta kwantità sinifikanti lejn l-Unjoni.

(7) Wara li eżaminat l-evidenza ppreżentata mill-applikant u wara konsultazzjoni mal-Istati Membri, u wara li l-industrija tal-Unjoni ngħatat l-opportunità li tikkummenta, il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni fis-26 ta' Novembru 2015 bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2179 ([1]). Barra minn hekk, skont l-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni tat struzzjonijiet lill-awtoritajiet doganali sabiex jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami ikkonsenjat mir-Repubblika tal-Korea u prodott u mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni mill-applikant, skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku.

### 2. **Il-prodott li qed jiġi rieżaminat**

(8) Il-prodott soġġett għar-rieżami huwa ħbula u kejbils tal-azzar inklużi ħbula bil-koljatura maqfula, minbarra ħbula u kejbils magħmula minn azzar inossidabbli, b'dimensjoni trasversali massima ta' aktar minn 3 mm, ikkunsenjat mir-Repubblika tal-Korea, kemm jekk iddikjarat bħala li joriġina mir-Repubblika tal-Korea kif ukoll jekk le ("il-prodott rieżaminat"), li bħalissa huma kklassifikati fil-kodiċi NM ex 7312 10 81, ex 7312 10 83, ex 7312 10 85, ex 7312 10 89 u ex 7312 10 98 (kodiċi TARIC 7312 10 81 13, 7312 10 83 13, 7312 10 85 13, 7312 10 89 13 u 7312 10 98 13).

### 3. **Perjodu ta' rapportar**

(9) Il-perjodu tar-rapportar kopra l-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2014 sat-30 ta' Settembru 2015. Id-dejta nġabret mill-2008 sat-tmiem il-perjodu tar-rapportar ("il-perjodu ta' investigazzjoni").

### 4. **Investigazzjoni**

(10) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment lill-applikant u lir-rappreżentanti tar-Repubblika tal-Korea dwar il-bidu tar-rieżami. Il-partijiet interessati ġew mistiedna jesprimu l-fehmiet tagħhom u kienu mgħarrfa bil-possibbiltà li jitolbu seduta ta' smigħ. Ma saret ebda talba.

(11) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-applikant u rċeviet tweġiba sal-iskadenza stipulata. Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat fuq il-post l-informazzjoni kollha meqjusa bħala meħtieġa għall-iskopijiet tar-rieżami. Saret żjara ta' verifika fil-bini tal-applikant.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2179 tal-25 ta' Novembru 2015 li jagħti bidu għal reviżjoni ta' Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 102/2012 li jimponi dazju definittiv antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar li joriġinaw, fost l-oħrajn, fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, kif estiż għall-importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar ikkunsinjati mir-Repubblika tal-Korea, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw fir-Repubblika tal-Korea kemm jekk le għall-finijiet li tiġi ddeterminata l-possibbiltà li tingħata eżenzjoni minn dawk il-miżuri lil esportatur Korean wieħed, li jirrevoka d-dazju antidumping dwar l-importazzjonijiet minn dak l-esportatur u li l-importazzjonijiet minn dak l-esportatur jagħmilhom soġġetti għar-reġistrazzjoni (ĠU L 309, 26.11.2015, p. 3).

(12) Il-Kummissjoni eżaminat jekk il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' eżenzjoni skont l-Artikolu 11(4) u 13(4) kienux sodisfatti, jiġifieri jekk:

— L-applikant ma esportax il-prodott taħt rieżami matul il-perjodu tal-investigazzjoni użat fl-investigazzjoni li wasslet għall-miżuri estiżi, jiġifieri mill-1 ta' Lulju 2008 sat-30 ta' Ġunju 2009.

— L-applikant beda jesporta l-prodott rieżaminat wara t-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni tal-investigazzjoni ta' kontra ċ-ċirkomvenzjoni.

— L-applikant ma huwa relatat mal-ebda produttur esportatur tal-prodott rieżaminat li huwa soġġett għad-dazji antidumping li huma fis-seħħ, u li ma evitax il-miżuri applikabbli għall-ħbula u l-kejbils tal-azzar ta' oriġini Ċiniża;

## C. IS-SEJBIET

(13) L-investigazzjoni kkonfermat li l-applikant ma kienx esporta l-prodott rieżaminat lill-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni għall-investigazzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni li wasslet għall-miżuri estiżi, jiġifieri mill-1 ta' Lulju 2008 sat-30 ta' Ġunju 2009. L-ewwel esportazzjonijiet tal-applikant tal-prodott rieżaminat seħħew sussegwentement għall-estensjoni ta' miżuri għar-Repubblika tal-Korea, speċifikament fit-tieni nofs tal-2015.

(14) Imbagħad, l-investigazzjoni kkonfermat li l-applikant ma kien relatat mal-ebda esportatur jew produttur Ċiniż soġġett għall-miżuri tal-antidumping imposti mir-Regolament (UE) Nru 102/2012.

(15) Barra minn hekk, l-investigazzjoni kkonfermat li l-applikant huwa produttur ġenwin tal-prodott rieżaminat u mhux involut fi prattiki ta' ċirkomvenzjoni. L-applikant jixtri vireg tal-wajer tal-azzar u materjali (bħal żingu u ċomb) prodotti lokalment iżda jimporta wkoll vireg tal-wajer tal-azzar mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, li jiġu sussegwentement imnaddfa permezz ta' aċti, estrużi, galvanizzati, estrużi għat-tieni darba, immaljati u magħluqa fil-faċilitajiet ta' manifattura tagħha fir-Repubblika tal-Korea. Il-prodott finali jinbiegħ lokalment u jiġi esportat ukoll lejn l-Istati Uniti, l-Asja u lejn l-Unjoni.

(16) Dawn l-attivitajiet ta' produzzjoni jistgħu jkunu kkunsidrati bħala operazzjoni tal-assemblaġġ jew tal-finalizzazzjoni. L-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku jistipula l-kundizzjonijiet li taħthom operazzjoni ta' assemblaġġ se jitqiesu li qed jevadu l-miżuri. Skont il-punt (b) ta' dak l-Artikolu, kundizzjoni waħda hija li l-partijiet inkwistjoni jikkostitwixxu iktar minn 60 % tal-valur totali tal-partijiet tal-prodott assemblat. Matul l-investigazzjoni ġie stabbilit li l-proporzjon ta' materja prima Ċiniża użata mill-applikant kienet ferm inqas mil-limitu ta' 60 % meħtieġ skont l-Artikolu 13(2)(b) tar-Regolament bażiku. Il-perċentwal ta' komponenti Ċiniżi użati (speċifikament materja prima) kienet ta' 38 %. Meta dan il-limitu jinqabeż, l-Artikolu 13(2)(b) jeħtieġ li jiġi stabbilit jekk il-limitu ta' 25 % tal-valur miżjud intlaħaqx (it-"test tal-valur miżjud"). Il-limitu ta' 60 % tal-valur totali tal-komponenti ma nqabiżx. Għaldaqstant, abbażi tal-ispejjeż reali mġarrba matul il-perjodu ta' rappurtar, ma kienx meħtieġ li jiġi stabbilit jekk il-limitu ta' 25 % tal-valur miżjud kienx intlaħaq skont it-tifsira tal-Artikolu 13(2)(b) tar-Regolament bażiku.

(17) L-applikant beda bil-produzzjoni tal-prodott rieżaminat f'nofs l-2015. Minħabba l-ispejjeż eċċezzjonali tal-manifattura matul il-fażi tal-produzzjoni tal-bidu, sar kalkolu ieħor abbażi tal-ispejjeż standard ta' manifattura (esklużi l-ispejjeż tal-bidu u b'antiċipazzjoni għal rata ta' użu tal-kapaċitajiet ta' produzzjoni għolja). Ġie stabbilit li l-proporzjon ta' materja prima ta' oriġini Ċiniża kienet tikkostitwixxi aktar minn 60 % tal-valur totali tal-komponenti tal-prodott finali (69 %). Għal dik ir-raġuni kellu jitwettaq it-test tal-valur miżjud skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku. Dan it-test wera li l-valur miżjud mal-komponenti importati mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina kien ogħla b'mod sinifikanti mil-limitu ta' 25 % għall-ispejjeż tal-manifattura kif stipulat fl-Artikolu 13(2)(b) tar-Regolament bażiku. Għaldaqstant, l-attivitajiet ta' produzzjoni tal-applikant mhumiex meqjusa li jinvolvu ċ-ċirkomvenzjoni skont it-tifsira fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku.

(18) Fl-aħħar nett, l-investigazzjoni kkonfermat li l-applikant ma kienx qed jixtri l-prodott finali rieżaminat mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina biex jerġa' jinbiegħ jew jiġi ttrażbordat għall-Unjoni u li l-kumpanija tista' tiġġustifika l-esportazzjonijiet kollha tagħha matul il-perjodu ta' rapportar.

(19) Fid-dawl tas-sejbiet deskritti fil-premessi minn (13) sa (18), il-Kummissjoni tikkonkludi li l-applikant jissodisfa l-kundizzjonijiet għal eżenzjoni skont l-Artikoli 11(4) u 13(4) tar-Regolament bażiku.

(20) Is-sejbiet ta' hawn fuq kienu żvelati lill-applikant u lill-industrija tal-Unjoni, li ngħataw l-opportunità li jgħaddu xi kummenti. L-applikant issottometta li huwa qabel mas-sejbiet tal-Kummissjoni. Ma ġie ppreżentat l-ebda kumment ieħor.

## D. **MODIFIKA TAL-LISTA TA' KUMPANIJI LI JIBBENIFIKAW MINN EŻENZJONI MILL-MIŻURI FIS-SEĦĦ**

(21) Skont is-sejbiet ta' hawn fuq, l-applikant għandu jiżdied mal-lista tal-kumpaniji li huma eżenti mid-dazju tal-antidumping impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 102/2012.

(22) Kif stipulat fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 400/2010, l-applikazzjoni tal-eżenzjoni għandha tkun bil-kundizzjoni li l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jiġu ppreżentati b'fattura kummerċjali valida, li għandha tikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness ta' dak ir-Regolament. Jekk l-ebda fattura bħal din ma tkun ippreżentata, id-dazju tal-antidumping għandu jibqa' japplika.

(23) Barra minn hekk, l-eżenzjoni mill-miżuri estiżi mogħtija għall-importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar prodotti mill-applikant, skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku, tibqa' valida bil-kundizzjoni li l-fatti kif finalment aċċertati jiġġustifikaw l-eżenzjoni. Jekk l-evidenza ġdida prima facie turi mod ieħor, jista' jingħata bidu għal investigazzjoni mill-Kummissjoni biex jiġi stabbilit jekk ikunx iġġustifikat li l-eżenzjoni tiġi rtirata.

(24) L-eżenzjoni mill-miżuri estiżi mogħtija għall-importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar prodotti mil-applikant ġiet stabbilita abbażi tas-sejbiet tar-rieżami preżenti. Din l-eżenzjoni hija għalhekk esklussivament applikabbli għal importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar ikkonsenjati mir-Repubblika tal-Korea u prodotti minn din l-entità ġuridika speċifika msemmija hawn fuq. Ħbula u kejbils tal-azzar importati, prodotti minn kwalunkwe kumpanija li mhijiex imsemmija b'mod speċifiku fl-Artikolu 1(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 102/2012 bl-isem tagħha, inklużi l-entitajiet relatati ma' dawk imsemmija b'mod speċifiku, ma għandhomx jibbenifikaw mill-eżenzjoni u għandhom ikunu soġġetti għar-rata ta' dazju residwa kif imposta minn dak ir-Regolament.

(25) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 102/2012, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (UE) 2016/90, għandu jiġi emendat sabiex jinkludi Daechang Steel Co. Ltd. fit-tabella stabbilita fl-Artikolu 1(4) tiegħu.

(26) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

It-tabella stabbilita fl-Artikolu 1(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 102/2012, kif emendat l-aħħar mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 2016/90, hija mibdula mit-tabella li ġejja:

| Pajjiż | Il-kumpanija | Kodiċi TARIC addizzjonali |
|---|---|---|
| Ir-Repubblika tal-Korea | Bosung Wire Rope Co, Ltd., 568, Yongdeok-ri, Hallim-myeon, Gimhae-si, Gyeongsangnam-do, 621-872 | A969 |
| | Chung Woo Rope Co., Ltd. 1682-4, Songjung-Dong, Gangseo-Gu, Busan | A969 |

| Pajjiż | Il-kumpanija | Kodiċi TARIC addizzjonali |
|---|---|---|
| | CS Co., Ltd, 287-6 Soju-Dong Yangsan-City, Kyoungnam | A969 |
| | Cosmo Wire Ltd., 4-10, Koyeon-Ri, Woong Chon-Myon Ulju-Kun, Ulsan | A969 |
| | Dae Heung Industrial Co., Ltd., 185 Pyunglim — Ri, Daesan-Myun, Haman — Gun, Gyungnam | A969 |
| | Daechang Steel Co., Ltd, 1213, Aam-daero, Namdong-gu, Incheon | C057 |
| | DSR Wire Corp., 291, Seonpyong-Ri, Seo-Myon, Suncheon-City, Jeonnam | A969 |
| | Goodwire MFG. CS Co., Ltd, 984-23 Soju-Dong Yangsan-City, Kyoungnam | B955 |
| | Kiswire Ltd, 20th Fl. Jangkyo Bldg., 1, Jangkyo-Dong, Chung-Ku, Seoul | A969 |
| | Manho Rope & Wire Ltd, Dongho Bldg, 85-2 4 Street Joongang-Dong, Jong-gu, Busan | A969 |
| | Line Metal Co. Ltd, 1259 Boncho-ri, Daeji-Myeon, Changnyeong-gun, Gyeongnam | B926 |
| | Seil Wire and Cable, 47-4, Soju-Dong, Yangsan-Si, Kyungsangnamdo | A994 |
| | Shin Han Rope Co., Ltd, 715-8, Gojan-Dong, Namdong-gu, Incheon | A969 |
| | Ssang YONG Cable Mfg. Co., Ltd, 1559-4 Song-Jeong Dong, Gang-Seo Gu, Busan | A969 |
| | Young Heung Iron & Steel Co., Ltd, 71-1 Sin-Chon Dong,Changwon City, Gyungnam | A969 |

*Artikolu 2*

L-awtoritajiet doganali huma mitluba jwaqqfu r-reġistrazzjoni ta' importazzjonijiet li jsiru skont l-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2179. Ebda dazju tal-antidumping mhu se jinġabar fuq l-importazzjonijiet irreġistrati b'dan il-mod.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Lulju 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1168

## tat-18 ta' Lulju 2016

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Lulju 2016.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz ([1]) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MA | 176,8 |
| | ZZ | 176,8 |
| 0709 93 10 | TR | 136,8 |
| | ZZ | 136,8 |
| 0805 50 10 | AR | 173,5 |
| | BO | 223,6 |
| | CL | 210,7 |
| | UY | 201,7 |
| | ZA | 175,8 |
| | ZZ | 197,1 |
| 0808 10 80 | AR | 191,0 |
| | BR | 90,8 |
| | CL | 135,5 |
| | NZ | 145,5 |
| | US | 117,0 |
| | UY | 72,1 |
| | ZA | 115,9 |
| | ZZ | 124,0 |
| 0808 30 90 | AR | 183,1 |
| | CL | 125,1 |
| | NZ | 155,4 |
| | ZA | 127,8 |
| | ZZ | 147,9 |
| 0809 10 00 | TR | 193,6 |
| | ZZ | 193,6 |
| 0809 29 00 | TR | 280,5 |
| | ZZ | 280,5 |

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1169

## tat-18 ta' Lulju 2016

## li jiffissa l-koeffiċjent tal-allokazzjoni applikabbli għall-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni introdotti mill-1 sas-7 ta' Lulju 2016 fil-kuntest tal-kwoti tariffarji miftuħa bir-Regolament (KE) Nru 341/2007 għat-tewm

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 188(1) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 341/2007 ([2]) fetaħ kwoti tariffarji annwali għall-importazzjoni tat-tewm.

(2) Il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni "A" mressqin tul l-ewwel sebat ijiem kalendarji tax-xahar ta' Lulju 2016, għas-subperjodu mill-1 ta' Settembru 2016 sat-30 ta' Novembru 2016, għal ċerti kwoti, huma ogħla mill-kwantitajiet disponibbli. Għalhekk, jeħtieġ li jiġi ddeterminat sa liema punt jistgħu jinħarġu l-liċenzji għall-importazzjoni "A", billi jiġi ffissat il-koeffiċjent tal-allokazzjoni applikabbli għall-kwantitajiet mitluba, ikkalkulat skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 ([3]).

(3) Sabiex tiġi ggarantita l-effikaċja tal-miżura, jixraq li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni "A" mressqin skont ir-Regolament (KE) Nru 341/2007 għas-subperjodu mill-1 ta' Settembru 2016 sat-30 ta' Novembru 2016 għandhom jinħarġu skont il-koeffiċjent ta' allokazzjoni li jidher fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Lulju 2016.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 341/2007 tad-29 ta' Marzu 2007 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji u li jintroduċi sistema għal liċenzji tal-importazzjoni u ċertifikati ta' oriġini għat-tewm u għal ċerti prodotti agrikoli oħra importati minn pajjiżi terzi (ĠU L 90, 30.3.2007, p. 12).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi fuq l-importazzjoni għal prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni (ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13).

*ANNESS*

| Oriġini | Numru tal-ordni | Koeffiċjent tal-allokazzjoni — applikazzjonijiet imressqa għas-subperjodu mill-1 ta' Settembru 2016 sat-30 ta' Novembru 2016 (f'%) |
|---|---|---|
| **Iċ-Ċina** | | |
| — Importaturi tradizzjonali | 09.4105 | 99,306141 |
| — Importaturi ġodda | 09.4100 | 0,465017 |
| **Pajjiżi terzi oħra** | | |
| — Importaturi tradizzjonali | 09.4106 | — |
| — Importaturi ġodda | 09.4102 | — |

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/1170

**tat-12 ta' Lulju 2016**

**dwar il-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim Qafas dwar is-Sħubija Komprensiva u l-Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt, u l-istabbiliment ta' gruppi ta' ħidma speċjalizzati**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 207 u 209, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim Qafas dwar is-Sħubija Komprensiva u l-Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra ([1]) ("il-Ftehim") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2014.

(2) F'konformità mal-Artikolu 41 tal-Ftehim, ġie stabbilit Kumitat Konġunt sabiex jiżgura, fost l-oħrajn, il-funzjonament u l-implimentazzjoni korretti tal-Ftehim ("il-Kumitat Konġunt").

(3) Sabiex isir kontribut għall-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim, ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt għandhom jiġu adottati.

(4) Skont l-Artikolu 41 tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt jista' jwaqqaf gruppi ta' ħidma speċjalizzati sabiex jassistuh fit-twettiq tal-kompiti tiegħu.

(5) Għalhekk, il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt f'dak li għandu x'jaqsam mal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt u t-twaqqif ta' gruppi ta' ħidma speċjalizzati għandha tkun ibbażata fuq l-abbozzi ta' Deċiżjonijiet mehmuża tal-Kumitat Konġunt,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 41 tal-Ftehim fir-rigward ta':

(a) l-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt; u

(b) it-twaqqif ta' gruppi ta' ħidma speċjalizzati,

għandha tissejjes fuq l-abbożżi ta' Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

2. Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt jistgħu jaqblu dwar bidliet żgħar fl-abbozz ta' Deċiżjonijiet mingħajr ma jirreferu lura għall-Kunsill.

---

([1]) Ftehim Qafas dwar Sħubija Komprensiva u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra (ĠU L 125, 26.4.2014, p. 17).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. KAŽIMÍR

ABBOZZ

**DEĊIŻJONI Nru 1/2016 TAL-KUMITAT KONĠUNT UE-INDONEŻJA**

**ta' …**

**li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu**

IL-KUMITAT KONĠUNT UE-INDONEŻJA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Qafas dwar is-Sħubija Komprensiva u l-Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra ([1]) ("il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2014.

(2) Sabiex isir kontribut lejn l-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt għandu jiġi stabbilit mill-aktar fis possibbli.

(3) Skont l-Artikolu 41(5) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess għall-applikazzjoni tal-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu uniku*

Ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt, kif stipulat fl-Anness, huma b'dan adottati.

Magħmul fi …,

*Għal Kumitat Konġunt UE-Indoneżja*

*Il-President*

---

([1]) ĠU L 125, 26.4.2014, p. 17.

*ANNESS*

Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt

*Artikolu 1*

**Kompożizzjoni u President**

1. Il-Kumitat Konġunt, stabbilit skont l-Artikolu 41 tal-Ftehim Qafas dwar is-Sħubija Komprensiva u l-Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") għandu jwettaq il-kompiti tiegħu kif previst fl-Artikolu 41 tal-Ftehim.

2. Il-Kumitat Konġunt għandu jkun magħmul minn rappreżentanti taż-żewġ naħat fl-aktar livell għoli possibbli.

3. Il-Kumitat Konġunt għandu jkun ippresedut b'mod alternat mill-Ministru tal-Affarijiet Barranin tar-Repubblika tal-Indoneżja u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà. Huma jistgħu jiddelegaw l-awtorità tagħhom lil uffiċjal għoli biex jippresjedi fuq il-laqgħat kollha tal-Kumitat Konġunt jew fuq parti minnhom.

*Artikolu 2*

**Rappreżentanza**

1. Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw lil xulxin dwar il-lista tar-rappreżentanti tagħhom fil-Kumitat Konġunt ("il-Membri"). Il-lista tiġi amministrata mis-Segretarjat tal-Kumitat Konġunt.

2. Membru li jixtieq jiġi rrappreżentat minn rappreżentant sostitut għandu jinnotifika bil-miktub lill-President bl-isem tar-rappreżentant sostitut tiegħu jew tagħha qabel issir dik il-laqgħa. Ir-rappreżentant sostitut ta' Membru għandu jeżerċita d-drittijiet kollha ta' dak il-Membru.

*Artikolu 3*

**Delegazzjonijiet**

1. Il-Membri tal-Kumitat Konġunt jistgħu jkunu akkumpanjati minn uffiċjali oħra. Qabel kull laqgħa, il-Partijiet għandhom jiġu informati, permezz tas-Segretarjat, dwar il-kompożizzjoni maħsuba tad-delegazzjonijiet li jattendu l-laqgħa.

2. Meta jkun xieraq u bi ftehim reċiproku mal-Partijiet, esperti jew rappreżentanti ta' korpi oħra jistgħu jiġu mistiedna jattendu l-laqgħat tal-Kumitat Konġunt bħala osservaturi jew sabiex jipprovdu informazzjoni dwar suġġett partikolari.

*Artikolu 4*

**Laqgħat**

1. Il-Kumitat Konġunt għandu normalment jiltaqa' mhux inqas minn kull sentejn, jew kif maqbul mod ieħor miż-żewġ partijiet. Il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt għandhom jitlaqqgħu mill-President u għandhom isiru fl-Indoneżja u fi Brussell alternattivament, f'data stabbilita bi ftehim reċiproku. Laqgħat straordinarji tal-Kumitat Konġunt jistgħu jitlaqqgħu wkoll bi ftehim bejn il-Partijiet.

2. F'każijiet eċċezzjonali u jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu, il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt jistgħu jsiru wkoll permezz ta' mezzi tekniċi, pereżempju permezz ta' konferenzi bil-vidjo jew telekonferenzi.

3. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' fl-ogħla livell possibbli, kif miftiehem mill-Partijiet. Iż-żewġ Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jiżguraw parteċipazzjoni f'livell ministerjali kull meta dan ikun possibbli.

4. Laqgħat tal-Kumitat Konġunt ippreseduti fil-livell ministerjali għandhom jitħejjew permezz ta' laqgħa minn qabel f'livell ta' uffiċjali għolja.

*Artikolu 5*

**Pubbliċità**

1. Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor mill-Partijiet, il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt ma għandhomx ikunu pubbliċi. Meta Parti tippreżenta informazzjoni mmarkata bħala kunfidenzjali lill-Kumitat Konġunt, il-Parti l-oħra tittratta dik l-informazzjoni bħala tali.

2. Il-Kumitat Konġunt jista' joħroġ dikjarazzjonijiet lill-pubbliku kif iqis xieraq.

*Artikolu 6*

**Segretarjat**

Rappreżentant tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u rappreżentant tal-Gvern tar-Repubblika tal-Indoneżja għandhom iservu b'mod konġunt bħala Segretarji tal-Kumitat Konġunt. Il-komunikazzjonijiet kollha lil u mingħand il-President tal-Kumitat Konġunt għandhom jingħaddu lis-Segretarji. Il-korrispondenza lil u mill-President tal-Kumitat Konġunt tista' ssir permezz ta' kull mezz bil-miktub, inkluż permezz tal-posta elettronika.

*Artikolu 7*

**Aġendi għal-laqgħat**

1. Il-President għandu jfassal aġenda provviżorja għal kull laqgħa. Din għandha tiġi trażmessa, flimkien mad-dokumenti rilevanti, lill-Parti l-oħra, normalment mhux iktar tard minn 15-il jum qabel il-bidu tal-laqgħa.

2. Il-President jista' jipproponi li esperti jattendu l-laqgħat tal-Kumitat Konġunt sabiex tiġi pprovduta informazzjoni dwar xi punt partikolari tal-aġenda.

3. Il-Kumitat Konġunt jadotta l-aġenda fil-bidu ta' kull laqgħa. Kwistjonijiet għajr dawk li jidhru fl-aġenda provviżorja jistgħu jitqiegħdu fuq l-aġenda jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu li jsir hekk.

4. F'ċirkostanzi speċjali u bi qbil maż-żewġ Partijiet, il-President jista' jqassar l-iskadenzi msemmija fil-paragrafu 1 sabiex jitqiesu l-ħtiġijiet ta' każ partikolari.

*Artikolu 8*

**Minuti miftiehma**

1. L-eżitu tal-laqgħa tal-Kumitat Konġunt għandu jkun fil-forma ta' minuti miftiehma.

2. L-abbozz tal-minuti miftiehma ta' kull laqgħa għandhom jiġu mfassla b'mod konġunt miż-żewġ segretarji mal-preżentazzjoni min-naħa tal-ospitant, normalment fi żmien 30 jum kalendarju mid-data tal-laqgħa. L-abbozz tal-minuti miftiehma għandu jkun ibbażat fuq sinteżi mill-President tal-konklużjonijiet li jkun wasal għalihom il-Kumitat Konġunt.

3. Il-minuti miftiehma għandhomb jiġu approvati miż-żewġ Partijiet fi żmien 45 jum kalendarju mid-data tal-laqgħa jew sa kwalunkwe data oħra miftiehma mill-Partijiet. Malli jintlaħaq qbil dwar il-minuti, żewġ kopji oriġinali għandhom jiġu ffirmati mill-Partijiet. Kull Parti għandha tirċievi kopja oriġinali waħda.

*Artikolu 9*

**Deċiżjonijiet u Rakkomandazzjonijiet**

1. Għall-fini tal-implimentazzjoni tal-kompiti tal-Kumitat Konġunt kif previst fl-Artikolu 41 tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt jista' jaqbel li jadotta Deċiżjoni u/jew Rakkomandazzjoni. Tali Deċiżjoni u/jew Rakkomandazzjoni għandu jkollhom numru tas-serje, id-data tal-adozzjoni tagħhom u deskrizzjoni tas-suġġett.

2. Fejn iċ-ċirkostanzi jirrikjedu dan, il-Kumitat Konġunt jista' jadotta d-Deċiżjonijiet jew ir-Rakkomandazzjonijiet tiegħu bi proċedura bil-miktub.

3. Minkejja l-Artikolu 5, kull Parti tista' tiddeċiedi dwar il-pubblikazzjoni tad-Deċiżjonijiet u r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt fil-pubblikazzjoni uffiċjali rispettiva tagħha.

*Artikolu 10*

**Korrispondenza**

1. Korrispondenza indirizzata lill-Kumitat Konġunt għandha tintbagħat lis-Segretarju ta' waħda mill-Partijiet, li għandu min-naħa tiegħu jgħarraf lis-Segretarju l-ieħor.

2. Is-Segretarjat għandu jiżgura li l-korrispondenza indirizzata lill-Kumitat Konġunt tintbagħat lill-President u tiġi ċċirkolata, fejn xieraq, bħala dokumenti kif imsemmi fl-Artikolu 11.

3. Il-korrispondenza mill-President għandha tintbagħat lill-Partijiet mis-Segretarjat u, fejn xieraq, tiġi ċċirkolata, bħala dokumenti kif imsemmi fl-Artikolu 11.

*Artikolu 11*

**Dokumenti**

1. Meta d-deliberazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt ikunu bbażati fuq dokumenti ġustifikattivi bil-miktub, tali dokumenti għandhom jiġu nnumerati u ċċirkolati mis-Segretarjat lill-Membri.

2. Kull Segretarju għandu jkun responsabbli għaċ-ċirkolazzjoni tad-dokumenti lill-Membri xierqa tal-Parti tiegħu jew tagħha fil-Kumitat Konġunt filwaqt li sistematikament jikkopja lis-Segretarju l-ieħor.

*Artikolu 12*

**Spejjeż**

1. Kull Parti għandha tkopri kwalunkwe l-ispejjeż li ġġarrab bħala riżultat tal-parteċipazzjoni tagħha fil-laqgħat tal-Kumitat Konġunt, kemm fir-rigward tal-persunal, tan-nefqa tal-ivvjaġġar u tal-għajxien, u fir-rigward tan-nefqa tal-posta u tat-telekomunikazzjonijiet.

2. In-nefqa marbuta mal-organizzazzjoni tal-laqgħat u mar-riproduzzjoni tad-dokumenti għandha titħallas mill-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa.

*Artikolu 13*

**Emenda tar-Regoli ta' Proċedura**

Kull Parti tista' titlob bil-miktub rieżami tar-Regoli ta' Proċedura, li jistgħu jiġu emendati permezz ta' qbil komuni tal-Partijiet, f'konformità mal-Artikolu 9.

*Artikolu 14*

**Gruppi ta' ħidma speċjalizzati u mekkaniżmi oħra**

1. Il-Kumitat Konġunt jista' jistabbilixxi gruppi ta' ħidma speċjalizzati jew mekkaniżmi oħra sabiex jassistuh fit-twettiq tal-kompiti tiegħu. Il-gruppi ta' ħidma speċjalizzati u mekkaniżmi oħra għandhom jirrapportaw lill-Kumitat Konġunt.

2. Il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jabolixxi kwalunkwe grupp ta' ħidma speċjalizzat eżistenti jew mekkaniżmi oħra jew li jistabbilixxi gruppi ta' ħidma speċjalizzati oħra jew mekkaniżmi oħra sabiex jgħinuh fil-qadi ta' dmirijietu.

3. Il-gruppi ta' ħidma speċjalizzati u l-mekkaniżmi l-oħra għandhom iħejju rapporti dettaljati tal-attivitajiet tagħhom lill-Kumitat Konġunt f'kull waħda mil-laqgħat tiegħu.

4. Il-gruppi ta' ħidma speċjalizzati għandu jkollhom biss is-setgħa li jagħmlu rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat Konġunt.

ABBOZZ TA'

# DEĊIŻJONI Nru 2/2016 TAL-KUMITAT KONĠUNT UE-INDONEŻJA

## ta' …

## dwar l-istabbiliment ta' gruppi ta' ħidma speċjalizzati u mekkaniżmi oħra

IL-KUMITAT KONĠUNT UE-INDONEŻJA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Qafas dwar is-Sħubija Komprensiva u l-Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra ([1]) ("il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu, u l-Artikolu 14 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt,

Billi:

(1) Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2014.

(2) Sabiex isir kontribut lejn l-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim, għandu jiġi stabbilit il-qafas istituzzjonali tiegħu mill-aktar fis possibbli.

(3) Skont l-Artikolu 41(3) tal-Ftehim u l-Artikolu 14 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt, il-Kumitat Konġunt jista' jistabbilixxi gruppi ta' ħidma speċjalizzati u mekkaniżmi oħra sabiex jgħinuh fil-prestazzjoni tal-kompiti tiegħu.

(4) Sabiex jiġu permessi diskussjonijiet fil-livell ta' esperti dwar l-oqsma ewlenin li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim, jistgħu jiġu stabbiliti gruppi ta' ħidma speċjalizzati jew mekkaniżmi oħra. Il-Partijiet jistgħu jaqblu wkoll li jemendaw il-lista ta' gruppi ta' ħidma speċjalizzati jew ta' mekkaniżmi oħra u/jew il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom.

(5) Skont l-Artikolu 9 tar-regoli ta' proċedura tiegħu, il-Kumitat Konġunt jista' wkoll jieħu deċiżjonijiet bi proċedura bil-miktub.

(6) Din id-Deċiżjoni għandha tiġi adottata sabiex il-gruppi ta' ħidma speċjalizzati jew il-mekkaniżmi jsiru operattivi f'waqthom,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu uniku*

Il-gruppi ta' ħidma speċjalizzati elenkati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni huma b'dan stabbiliti.

Magħmul fi …,

*Għall-Kumitat Konġunt UE-Indoneżja*

*Il-President*

---

([1]) ĠU L 125, 26.4.2014, p. 17.

*ANNESS*

Kumitat Konġunt UE-Indoneżja

Gruppi ta' ħidma speċjalizzati u mekkaniżmi oħra

(1) Grupp ta' ħidma speċjalizzat dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp

(2) Grupp ta' ħidma speċjalizzat dwar il-kummerċ u l-investiment

(3) Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem

(4) Djalogu politiku

(5) Djalogu dwar is-sigurtà

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/1171

## tat-12 ta' Lulju 2016

## dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward l-emendi għall-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1) u l-Artikolu 114, flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-punt (a) tal-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([2]) ("il-Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl- 1 ta' Jannar 1994.

(2) Skont l-Artikolu 98 u, b'mod partikolari, l-Artikolu 102 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li jemenda, *inter alia*, l-Anness IX tal-Ftehim ŻEE li fih dispożizzjonijiet dwar is-servizzi finanzjarji.

(3) L-atti li ġejjin jikkonċernaw is-servizzi finanzjarji u għandhom jiġu inkorporati fil-Ftehim ŻEE:

— Ir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]),

— Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]),

— Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]),

— Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]),

— Ir-Regolament (UE) Nru 1022/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]),

— Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]),

([1]) ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.
([2]) ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.
([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1).
([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).
([5]) Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).
([6]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).
([7]) Ir-Regolament (UE) Nru 1022/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) fir-rigward tal-konferiment ta' kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 5).
([8]) Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).

— Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2013 ([1]),

— Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 447/2013 ([2]),

— Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 448/2013 ([3]),

— Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 694/2014 ([4]),

— Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/514 ([5]),

— Ir-Regolament (UE) Nru 236/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]),

— Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 826/2012 ([7]),

— Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 827/2012 ([8]),

— Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 918/2012 ([9]),

— Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 919/2012 ([10]),

— Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/97 ([11]),

— Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12]),

— Ir-Regolament (UE) Nru 513/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13]),

---

([1]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jissupplimenta d-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-eżenzjonijiet, il-kundizzjonijiet ġenerali tal-operat, id-depożitarji, l-ingranaġġ, it-trasparenza u s-superviżjoni (ĠU L 83, 22.3.2013, p. 1).

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 447/2013 tal-15 ta' Mejju 2013 li jistabbilixxi l-proċedura għall-AIFMs li jagħżlu li jipparteċipaw skont id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, (ĠU L 132, 16.5.2013, p. 1).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 448/2013 tal-15 ta' Mejju 2013 li jistabbilixxi proċedura għad-determinazzjoni tal-Istat Membru ta' referenza ta' AIFM mhux mill-UE skont id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 132, 16.5.2013, p. 3).

([4]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 694/2014 tas-17 ta' Diċembru 2013 li jissupplimenta d-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jiddeterminaw it-tipi ta' maniġers ta' fondi ta' investiment alternattiv (ĠU L 183, 24.6.2014, p. 18).

([5]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/514 tat-18 ta' Diċembru 2014 dwar l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-awtoritajiet kompetenti lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq skont l-Artikolu 67(3) tad-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 82, 27.3.2015, p. 5).

([6]) Ir-Regolament (UE) Nru 236/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 dwar bejgħ bin-nieqes u ċerti aspetti tas-swaps ta' inadempjenza tal-kreditu (ĠU L 86, 24.3.2012, p. 1).

([7]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 826/2012 tad-29 ta' Ġunju 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 236/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar ir-rekwiżiti tan-notifika u d-divulgazzjoni fir-rigward tal-pożizzjonijiet bin-nieqes netti, id-dettalji tal-informazzjoni li għandha tiġi provduta lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq fir-rigward tal-pożizzjonijiet bin-nieqes netti u l-metodu għall-kalkolu tal-fatturat li jiddetermina l-ishma eżentati (ĠU L 251, 18.9.2012, p. 1).

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 827/2012 tad-29 ta' Ġunju 2012 li jistabbilixxi l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-mezzi għad-divulgazzjoni pubblika ta' pożizzjoni netta f'ishma, il-format tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq fir-rigward tal-pożizzjonijiet bin-nieqes netti, it-tipi ta' ftehimiet, arranġamenti u miżuri li jiżguraw b'mod xieraq li ishma jew strumenti ta' dejn sovran huma disponibbli għas-saldu u d-dati u l-perjodu għad-determinazzjoni taċ-ċentru ewlieni għal sehem skont ir-Regolament (UE) Nru 236/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar bejgħ bin-nieqes u ċerti aspetti tas-swaps ta' inadempjenza tal-kreditu (ĠU L 251, 18.9.2012, p. 11).

([9]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 918/2012 tal- 5 ta' Lulju 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 236/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar bejgħ bin-nieqes u ċerti aspetti ta' swaps ta' inadempjenza tal-kreditu fir-rigward tad-definizzjonijiet, il-kalkolu ta' pożizzjonijiet bin-nieqes netti, swaps ta' inadempjenza tal-kreditu sovrani koperti, livelli limitu ta' notifika, livelli limitu ta' likwidità għas-sospensjoni tar-restrizzjonijiet, waqgħat sinifikanti fil-valur tal-istrumenti finanzjarji u avvenimenti avversi (ĠU L 274, 9.10.2012, p. 1).

([10]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 919/2012 tal-5 ta' Lulju 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 236/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar bejgħ bin-nieqes u ċerti aspetti ta' swaps ta' inadempjenza tal-kreditu fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għall-metodu tal-kalkolu tal-waqgħa fil-valur għal ishma likwidi u strumenti finanzjarji oħra (ĠU L 274, 9.10.2012, p. 16).

([11]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/97 tas-17 ta' Ottubru 2014 li jikkoreġi r-Regolament Delegat (UE) Nru 918/2012 fir-rigward tan-notifiki tal-pożizzjonijiet bin-nieqes netti sinifikanti f'dejn sovran (ĠU L 16, 23.1.2015, p. 22).

([12]) Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

([13]) Ir-Regolament (UE) Nru 513/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (ĠU L 145, 31.5.2011, p. 30).

— Ir-Regolament (UE) Nru 462/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]),

— Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 272/2012 ([2]),

— Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 446/2012 ([3]),

— Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 447/2012 ([4]),

— Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 448/2012 ([5]),

— Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 449/2012 ([6]),

— Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 946/2012 ([7]),

— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/245/UE ([8]),

— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/246/UE ([9]),

— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/247/UE ([10]),

— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/248/UE ([11]); u

— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/249/UE ([12]).

(4) L-Anness IX tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

---

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 462/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 21 ta' Mejju 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (ĠU L 146, 31.5.2013, p. 1).

([2]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 272/2012 tas-7 ta' Frar 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward it-tariffi mitluba mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq lill-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu (ĠU L 90, 28.3.2012, p. 6).

([3]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 446/2012 tal-21 ta' Marzu 2012 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar il-kontenut u l-format tar-rapportar perjodiku tad-data dwar il-klassifikazzjonijiet li għandu jiġi sottomess lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq mill-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu (ĠU L 140, 30.5.2012, p. 2).

([4]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 447/2012 tal-21 ta' Marzu 2012 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu billi jistabbilixxi standards tekniċi regolatorji għall-valutazzjoni tal-konformità tal-metodoloġiji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu (ĠU L 140, 30.5.2012, p. 14).

([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 448/2012 tal-21 ta' Marzu 2012 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għas-sottomissjoni tal-informazzjoni li l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandhom jagħmlu disponibbli f'repożitorju ċentrali stabbilit mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ĠU L 140, 30.5.2012, p. 17).

([6]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 449/2012 tal-21 ta' Marzu 2012 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward standards tekniċi regolatorji dwar informazzjoni għar-reġistrazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu (ĠU L 140, 30.5.2012, p. 32).

([7]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 946/2012 tat-12 ta' Lulju 2012 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli ta' proċedura dwar multi imposti fuq l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq inklużi regoli dwar id-dritt tad-difiża u dispożizzjonijiet temporali (ĠU L 282, 16.10.2012, p. 23).

([8]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/245/UE tat-28 ta' April 2014 dwar ir-rikonoxximent tal-qafas legali u superviżorju tal-Brażil bħala ekwivalenti għar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (ĠU L 132, 3.5.2014, p. 65).

([9]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/246/UE tat-28 ta' April 2014 dwar ir-rikonoxximent tal-qafas legali u superviżorju tal-Arġentina bħala ekwivalenti għall-ħtiġijiet tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (ĠU L 132, 3.5.2014, p. 68).

([10]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/247/UE tat-28 ta' April 2014 dwar ir-rikonoxximent tal-qafas legali u superviżorju tal-Messiku bħala ekwivalenti għall-ħtiġijiet tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (ĠU L 132, 3.5.2014, p. 71).

([11]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/248/UE tat-28 ta' April 2014 dwar ir-rikonoxximent tal-qafas legali u superviżorju ta' Singapor bħala ekwivalenti għall-ħtiġijiet tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (ĠU L 132, 3.5.2014, p. 73).

([12]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/249/UE tat-28 ta' April 2014 dwar ir-rikonoxximent tal-qafas legali u superviżorju ta' Ħong Kong bħala ekwivalenti għall-ħtiġijiet tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (ĠU L 132, 3.5.2014, p. 76).

(5) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandha għalhekk tkun ibbażata fuq l-abbozzi ta' deċiżjonijiet mehmużin,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta għall-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozzi ta' deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmużin ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. KAŽIMÍR

ABBOZZ

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru …

## ta' …

## li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) L-Anness IX tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 31ed (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/C-326/07) tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE:

"31f. **32010 R 1092:** Ir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) L-awtoritajiet rilevanti tal-Istati tal-EFTA għandhom jipparteċipaw fil-ħidma tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS);

(b) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 għal dan il-Ftehim, it-termini "Stat(i) Membru(i)", "awtoritajiet kompetenti", u "awtoritajiet superviżorji" għandhom jinftiehmu li jinkludu, apparti t-tifsira tagħhom fir-Regolament, l-Istati tal-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom u l-awtoritajiet ta' superviżjoni, rispettivament. Dan ma għandux japplika fir-rigward tal-Artikoli 5(2), 9(5) u 11(1)(c);

(c) Dan li ġej għandu jiżdied fl-Artikolu 6(2):

"(c) il-Gvernaturi tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati tal-EFTA, jew, rigward Liechtenstein, rappreżentant ta' livell għoli tal-Ministeru tal-Finanzi;

(d) Membru tal-Kulleġġ tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, kull meta jkunu rilevanti għall-kompiti tiegħu.

Il-membri tal-Bord Ġenerali mingħajr dritt tal-vot imsemmija fil-punti (c) u (d) ma għandhomx jipparteċipaw fil-ħidma tal-Bord Ġenerali meta s-sitwazzjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji individwali tal-UE jew l-Istati Membri tal-UE jistgħu jiġu diskussi.";

(d) Fl-Artikolu 13(1) għandu jiddaħħal il-punt li ġej:

"(i) rappreżentant wieħed ta' kull bank ċentrali nazzjonali tal-Istati tal-EFTA, jew, rigward Liechtenstein, tal-Ministeru tal-Finanzi. Dawn ir-rappreżentanti ma għandhomx jipparteċipaw fix-xogħol tal-Kumitat Tekniku Konsultattiv meta s-sitwazzjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji individwali tal-UE jew l-Istati Membri tal-UE jistgħu jkunu diskussi.";

([1]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1.

(e) Is-subparagrafu segwenti għandu jiżdied fl-Artikolu 15(2):

"L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, il-banek ċentrali nazzjonali, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u l-awtoritajiet tal-istatistika nazzjonali tal-Istati tal-EFTA għandhom jikkooperaw mill-qrib mal-BERS u jipprovduh bl-informazzjoni kollha meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tiegħu skont il-Ftehim ŻEE.";

(f) Fl-Artikolu 16(3), il-kliem, "u fil-każ li Stat tal-EFTA jew waħda jew iktar awtoritajiet superviżorji nazzjonali tiegħu hija destinatarja, il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA" għandhom jiżdiedu wara l-kliem "il-Kummissjoni" u l-kliem "u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandhom jiddaħħlu wara l-kelma "ASE";

(g) Fl-Artikolu 17(1) u (2), u l-Artikolu 18(1), il-kliem, "u, fil-każ li Stat tal-EFTA jew waħda jew iktar awtoritajiet superviżorji nazzjonali tiegħu hija destinatarja, il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA" għandhom jiżdiedu wara l-kelma "Kunsill";

(h) L-Artikolu 17(3) ma għandux japplika fir-rigward ta' deċiżjonijiet dwar rakkomandazzjonijiet indirizzati lil wieħed jew aktar mill-Istati tal-EFTA;

(i) Fl-Artikolu 18(4) il-kliem "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jew il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA" għandu jiżdiedu wara l-kelma "ASE".".

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi …, jew fil-jum ta' wara l-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE, liema minnhom jiġi l-aħħar (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

*Is-Segretarji għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

(*) Rekwiżiti kostituzzjonali indikati.

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Partijiet Kontraenti

dwar Deċiżjoni Nru …/… li tinkorpora r-Regolament (UE) Nru 1092/2010 fil-Ftehim ŻEE

Il-Partijiet Kontraenti jfakkru li r-Regolament (UE) Nru 1092/2010 jippermetti biss ċertu livell ta' parteċipazzjoni fil-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku minn Stati li mhumiex Stati Membri tal-UE. Fil-kuntest ta' reviżjonijiet futuri possibbli tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010, l-UE ser tivvaluta jekk dritt ta' parteċipazzjoni li jikkorrispondi għall-parteċipazzjoni tal-Istati taż-ŻEE-EFTA fit-tliet Awtoritajiet Superviżorji Ewropej previsti fid-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/…, Nru …/… u Nru …/… jistax jingħatax lill-Istati taż-ŻEE-EFTA.

ABBOZZ

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru …**

**ta' …**

**li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 1022/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) fir-rigward tal-konferiment ta' kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(3) L-UE u l-Ministri taż-ŻEE-EFTA tal-Finanzi u l-Ekonomija, fil-konklużjonijiet tagħhom ([3]) tal-14 ta' Ottubru 2014 dwar l-inkorporazzjoni tar-Regolamenti dwar l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej tal-UE fil-Ftehim ŻEE, approvaw is-soluzzjoni bilanċjata li nstabet bejn il-Partijiet Kontraenti, li tqis l-istruttura u l-objettivi tar-Regolamenti tal-UE dwar l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej u tal-Ftehim ŻEE, kif ukoll ir-restrizzjonijiet legali u politiċi tal-UE u l-Istati taż-ŻEE-EFTA.

(4) Il-Ministri tal-Finanzi u l-Ekonomija tal-UE u taż-ŻEE-EFTA saħqu li, f'konformità mal-istruttura tal-Ftehim ŻEE mibnija fuq żewġ pilastri, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ser tieħu deċiżjonijiet indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti taż-ŻEE-EFTA jew operaturi tas-suq fl-Istati taż-ŻEE-EFTA, rispettivament. L-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej tal-UE ser ikunu kompetenti biex iwettqu azzjonijiet li ma jorbtux legalment, bħall-adozzjoni ta' rakkomandazzjonijiet u medjazzjoni li ma torbotx legalment, ukoll fejn jidħlu l-awtoritajiet kompetenti u l-operaturi tas-suq taż-ŻEE-EFTA. Azzjoni min-naħa ta' kwalunkwe minnhom ser tiġi ppreċeduta, kif xieraq, minn konsultazzjoni, koordinazzjoni, jew skambju ta' informazzjoni bejn l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej tal-UE u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.

(5) Biex tiġi żgurata integrazzjoni tal-għarfien espert tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej tal-UE fil-proċess u konsistenza bejn iż-żewġ pilastri, deċiżjonijiet individwali u opinjonijiet formali tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA indirizzati lil awtorità kompetenti individwali waħda jew operatur tas-suq wieħed jew aktar taż-ŻEE-EFTA ser jiġu adottati fuq bażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità Superviżorja Ewropea rilevanti tal-UE. Dan ser iħalli l-vantaġġi ewlenin ta' superviżjoni minn awtorità waħda.

(6) Il-Partijiet Kontraenti jikkondividu l-fehim li din id-Deċiżjoni timplimenta l-ftehim li ġie rifless f'dawn il-konklużjonijiet, u għalhekk għandu jiġi interpretat f'konformità mal-prinċipji li huma jirrappreżentaw.

(7) L-Anness IX tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

([1]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12.
([2]) ĠU L 287, 29.10.2013, p. 5.
([3]) Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ministri tal-Finanzi u l-Ekonomija tal-UE u ż-ŻEE-EFTA, 14178/1/14 REV 1.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 31f (ir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE:

"31 g. **32010 R 1093:** Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12), kif emendat bi:

— **32013 R 1022:** Ir-Regolament (UE) Nru 1022/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 5).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati tal-EFTA u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom, ħlief għad-dritt tal-vot, ikollhom l-istess drittijiet u obbligi bħall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-UE fil-ħidma tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Awtorità", il-Bord tas-Superviżuri tagħha, u l-korpi preparatorji kollha tal-Awtorità, inklużi kumitati interni u bordijiet, soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 108 u 109 ta' dan il-Ftehim, l-Awtorità għandha, ħlief għad-dritt tal-vot, id-dritt li tieħu sehem fix-xogħol tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA u l-korpi preparatorji tagħha, meta l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA twettaq, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-funzjonijiet tal-Awtorità kif previst f'dan il-Ftehim.

Ir-regoli ta' proċedura tal-Awtorità u tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jagħtu effett sħiħ lill-parteċipazzjoni tagħhom, kif ukoll dik tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati tal-EFTA, fix-xogħol ta' xulxin kif previst f'dan il-Ftehim;

(b) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 għal dan il-Ftehim, u sakemm mhux previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, it-termini "Stat Membru/Stati Membri" u "awtoritajiet kompetenti" għandhom jinftiehmu li jinkludu, apparti t-tifsira tagħhom fir-Regolament, l-Istati tal-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, rispettivament;

(c) Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, ir-regoli ta' proċedura interni tal-Awtorità għandhom japplikaw *mutatis mutandis* fir-rigward ta' kwistjonijiet li jikkonċernaw l-awtoritajiet kompetenti tal-EFTA u l-istituzzjonijiet finanzjarji. B'mod partikolari, it-tħejjija ta' abbozzi għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tkun soġġetta għall-istess proċeduri interni bħat-tħejjija ta' deċiżjonijiet adottati dwar kwistjonijiet simili li jikkonċernaw l-UE, l-Istati Membri, inklużi l-awtoritajiet kompetenti tagħhom u l-istituzzjonijiet finanzjarji;

(d) Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, l-Awtorità u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jikkooperaw, jiskambjaw informazzjoni u jikkonsultaw lil xulxin għall-finijiet tar-Regolament, b'mod partikolari qabel ma tittieħed kull azzjoni;

F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn l-Awtorità u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fir-rigward tal-amministrazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament, il-President tal-Awtorità u l-Kulleġġ tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom, filwaqt li jqisu l-urġenza tal-kwistjoni, mingħajr dewmien żejjed, isejħu laqgħa biex jintlaħaq kunsens. Jekk ma jintlaħaqx dan il-kunsens, il-President tal-Awtorità jew il-Kulleġġ tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jistgħu jitolbu lill-Partijiet Kontraenti biex jirreferu l-kwistjoni lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li għandu jindirizzaha skont l-Artikolu 111 ta' dan il-Ftehim li għandu japplika *mutatis mutandis*. F'konformità mal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 1/94 tat-8 ta' Frar 1994 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (ĠU L 85, 30.3.1994, p. 60), Parti Kontraenti tista' titlob immedjatament biex jiġu organizzati laqgħat f'ċirkustanzi ta' urġenza. Minkejja dan il-paragrafu, Parti Kontraenti tista' f'kull ħin tirreferi l-kwistjoni lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fuq inizjattiva tagħha stess skont l-Artikoli 5 jew 111 ta' dan il-Ftehim;

(e) Referenzi għal atti oħra fir-Regolament għandhom japplikaw sal-punt u fil-forma li dawk l-atti jkunu inkorporati fil-Ftehim.

(f) Rigward l-Istati tal-EFTA, l-Artikolu 1(4) għandu jinqara kif ġej:

"Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament huma mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, b'mod partikolari skont l-Artikolu 31 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja, biex tiġi żgurata konformità mal-Ftehim ŻEE jew dak il-Ftehim.";

(g) Fl-Artikolu 9(5):

(i) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fl-ewwel subparagrafu, il-kelma "L-Awtorità" għandha tinqara "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(ii) rigward l-Istati tal-EFTA, it-tieni u t-tielet subparagrafi għandhom jinqraw kif ġej:

"Id-Deċiżjonijiet tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jiġu adottati, mingħajr dewmien bla bżonn, fuq bażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tirrevedi d-deċiżjoni msemmija fl-ewwel żewġ subparagrafi f'intervalli adatti u mill-inqas kull tliet (3) xhur. Jekk id-deċiżjoni ma tiġġeddidx wara perjodu ta' tliet (3) xhur, din għandha tiskadi awtomatikament.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tinforma, mill-aktar fis possibbli wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni msemmija fl-ewwel żewġ subparagrafi, lill-Awtorità dwar id-data ta' skadenza. Fi żmien xieraq, qabel l-iskadenza tat-terminu ta' tliet xhur imsemmi fit-tielet subparagrafu, l-Awtorità għandha tissottometti l-konklużjonijiet lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, akkumpanjati jekk meħtieġ minn abbozz. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' tinforma lill-Awtorità dwar kwalunkwe żvilupp li hija tikkunsidra rilevanti għar-rieżami.

Stat tal-EFTA jista' jitlob lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA sabiex terġa' tikkunsidra d-deċiżjoni tagħha. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tgħaddi din it-talba lill-Awtorità. F'dak il-każ l-Awtorità għandha tikkunsidra li tħejji abbozz ġdid għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, bi qbil mal-proċedura stipulata fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 44(1).

Meta l-Awtorità temenda jew tirrevoka xi deċiżjoni b'mod parallel għad-deċiżjoni adottata mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, l-Awtorità għandha tħejji abbozz għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, bla dewmien żejjed.";

(h) Fl-Artikolu 16(4), il-kliem "il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "il-Kummissjoni";

(i) Fl-Artikolu 17:

(i) il-kliem "Liġi tal-Unjoni" għandu jinqara "il-Ftehim ŻEE";

(ii) fil-paragrafu 1, il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, skont il-każ," għandu jiddaħħal wara l-kelma "l-Awtorità";

(iii) fil-paragrafu 2, il-kliem "il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "il-Kummissjoni";

(iv) is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied mal-paragrafu 2:

"Meta l-Awtorità tinvestiga allegazzjoni ta' ksur jew nuqqas ta' applikazzjoni tal-Ftehim ŻEE fir-rigward ta' awtorità kompetenti ta' Stat tal-EFTA, din għandha tinforma lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA dwar in-natura u l-għan tal-investigazzjoni u tipprovdiha b'mod regolari b'din l-informazzjoni aġġornata meħtieġa sabiex l-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA tkun tista' twettaq il-kompiti tagħha kif suppost skont il-paragrafi 4 u 6.";

(v) rigward l-Istati tal-EFTA, it-tieni subparagrafi ta' paragrafu 3 għandu jinqara kif ġej:

"Fi żmien għaxart ijiem minn meta tirċievi r-rakkomandazzjoni, l-awtorità kompetenti, għandha tinforma lill-Awtorità u lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA dwar il-passi li tkun ħadet jew li jkun beħsiebha tieħu biex tiżgura li tikkonforma ma' dik l-opinjoni formali.";

(vi) rigward l-Istati tal-EFTA, il-paragrafi 4 u 5 għandhom jinqraw kif ġej:

"4. Meta l-awtorità kompetenti ma tikkonformax mal-Ftehim ŻEE fi żmien xahar minn meta tkun irċeviet ir-rakkomandazzjoni tal-Awtorità, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' toħroġ opinjoni formali li tirrikjedi li l-awtorità kompetenti tieħu l-azzjoni meħtieġa biex tikkonforma mal-Ftehim ŻEE. L-opinjoni formali tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tqis ir-rakkomandazzjoni tal-Awtorità.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha toħroġ din l-opinjoni formali mhux iżjed tard minn tliet (3) xhur wara l-adozzjoni tar-rakkomandazzjoni. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' testendi dan il-perjodu b'xahar.

L-opinjonijiet formali tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jiġu adottati, mingħajr dewmien bla bżonn, fuq bażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu lill-Awtorità u lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA bl-informazzjoni kollha meħtieġa.

5. Fi żmien għaxart ijiem minn meta tirċievi l-opinjoni formali msemmija fil-paragrafu 4, l-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-Awtorità u lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA dwar il-passi li tkun ħadet jew li jkun beħsiebha tieħu biex tkun konformi ma' dik l-opinjoni formali.";

(vii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 6, il-kliem "Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 258 TFUE" għandu jinqara "mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont l-Artikolu 31 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja", u l-kelma "l-Awtorità" għandha tinqara "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(viii) rigward l-Istati tal-EFTA, it-tieni subparagrafu ta' paragrafu 6 għandu jinqara kif ġej:

"Id-Deċiżjonijiet tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jiġu adottati, mingħajr dewmien bla bżonn, fuq bażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.";

(ix) rigward l-Istati tal-EFTA, il-paragrafi 8 għandhom jinqraw kif ġej:

"8. Kull sena l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tippubblika informazzjoni dwar liema awtoritajiet kompetenti u parteċipanti fis-swieq finanzjarji fl-Istati tal-EFTA ma jkunux ikkonformaw mal-opinjonijiet formali jew mad-deċiżjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 4 u 6.";

(j) Fl-Artikolu 18:

(i) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafi 3 u 4, il-kliem "l-Awtorità" għandu jinqara "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(ii) is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied fil-paragrafi 3 u 4:

"Id-Deċiżjonijiet tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jiġu adottati, mingħajr dewmien bla bżonn, fuq bażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.";

(iii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafu 4, il-kliem "Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 258 TFUE" għandu jinqara "Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont l-Artikolu 31 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja", u l-kelma "l-Awtorità" tinqara "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(k) Fl-Artikolu 19:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, skont il-każ," għandu jiddaħħal wara l-kelma "l-Awtorità";

(ii) fil-paragrafu 3, il-kliem "fl-Istati Membri tal-UE" għandu jiddaħħal wara l-kliem "b'effett vinkolanti għall-awtoritajiet kompetenti kkonċernati";

(iii) is-subparagrafi li ġejjin għandhom jiżdiedu fil-paragrafu 3:

"Fil-każ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu esklussivament awtoritajiet kompetenti tal-Istati tal-EFTA, u jekk dawn l-awtoritajiet ma jirnexxilhomx jilħqu ftehim fi żmien il-fażi ta' konċiljazzjoni msemmi fil-paragrafu 2, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' tieħu deċiżjoni li titlobhom jieħdu azzjoni speċifika jew joqogħdu lura milli jieħdu azzjoni sabiex isolvu l-kwistjoni, b'effetti vinkolanti għall-awtoritajiet kompetenti kkonċernati, sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Ftehim ŻEE.

Fil-każ li jkunu kkonċernati l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru wieħed jew iktar u Stat tal-EFTA wieħed jew iktar, u jekk dawn l-awtoritajiet ma jirnexxilhomx jilħqu ftehim fi żmien il-fażi ta' konċiljazzjoni msemmi fil-paragrafu 2, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' tieħu deċiżjoni li titlob lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri rispettivi u l-Istati tal-EFTA kkonċernati biex jieħdu azzjoni speċifika jew joqogħdu lura milli jieħdu azzjoni sabiex isolvu l-kwistjoni, b'effetti vinkolanti għall-awtoritajiet kompetenti kkonċernati, sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Ftehim ŻEE.

Id-Deċiżjonijiet tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jiġu adottati, mingħajr dewmien bla bżonn, fuq bażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.";

(iv) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafu 4, il-kliem "Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 258 TFUE" għandu jinqara "mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont l-Artikolu 31 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja", u l-kelma "l-Awtorità" għandha tinqara "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" u l-kliem "liġi tal-Unjoni" għandu jinqara "il-Ftehim ŻEE";

(v) fil-paragrafu 4 għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Id-Deċiżjonijiet tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jiġu adottati, mingħajr dewmien bla bżonn, fuq bażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.".

(l) Is-subparagrafi li ġejjin għandhom jiżdiedu fl-Artikolu 20:

"Fil-każ li jkunu kkonċernati esklussivament l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' tieħu deċiżjoni skont l-Artikolu 19(3) u (4).

Jekk l-awtoritajiet kompetenti ta' wieħed jew aktar Stati Membri tal-UE u wieħed jew aktar Stati tal-EFTA huma kkonċernati, l-Awtorità jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' tadotta deċiżjoni skont l-Artikolu 19(3) u (4).

Id-deċiżjonijiet mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jiġu adottati, mingħajr dewmien bla bżonn, fuq bażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità, kif xieraq, mill-Awtorità, l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u/jew l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) fuq l-inizjattiva tagħhom stess jew fuq talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA. L-Awtorità, l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), għandhom jilħqu, kif opportun, skont l-Artikolu 56, pożizzjonijiet konġunti u jadottaw id-deċiżjonijiet u/jew abbozzi b'mod parallel.";

(m) Fl-Artikolu 21(4), il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, skont il-każ," għandu jiddaħħal wara l-kelma "L-Awtorità";

(n) Fl-Artikoli 22(1a) u 31(d), il-kliem "kif ukoll l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA u l-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "il-Kummissjoni";

(o) Fl-Artikoli 22(4) u 34(1), il-kliem "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jew il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kliem "il-Parlament Ewropew, il-Kunsill jew il-Kummissjoni";

(p) Fl-Artikolu 32(3a), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA:

(i) il-kliem "Tista' titlob" għandu jinqara "L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' titlob";

(ii) il-kliem "l-Awtorità u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal qabel il-kliem "tista' tipparteċipa";

(iii) għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"It-talbiet tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA f'dan il-paragrafu, għandhom isiru, mingħajr dewmien bla bżonn, fuq bażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(q) Fl-Artikolu 35(5), il-kliem "lill-bank ċentrali nazzjonali" ma għandux japplika għal-Liechtenstein.

(r) Fl-Artikolu 36(5), il-kliem "u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "il-Kummissjoni".

(s) Fl-Artikolu 38, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA:

(i) il-kliem "l-Awtorità", "l-Awtorità u l-Kummissjoni", "l-Awtorità, il-Kummissjoni" u "il-Kummissjoni u l-Awtorità" għandu jinqara "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(ii) il-kelma "il-Kunsill" għandha tinqara "il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA";

(iii) is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied wara r-raba' subparagrafu tal-paragrafu 2:

"L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tgħaddi, mingħajr dewmien żejjed, l-avviż tal-Istat tal-EFTA kkonċernat lill-Awtorità u l-Kummissjoni. Id-Deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA biex tinżamm, tiġi emendata jew revokata deċiżjoni titttieħed fuq bażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.";

(iv) is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied wara t-tielet subparagrafu tal-paragrafu 3:

"L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tgħaddi, mingħajr dewmien żejjed, l-avviż tal-Istat tal-EFTA lill-Awtorità, lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.";

(v) is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied wara l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 4:

"L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tgħaddi, mingħajr dewmien żejjed, l-avviż tal-Istat tal-EFTA lill-Awtorità, lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.";

(vi) għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"6. Jekk, f'każ li jaqa' taħt l-Artikolu 19(3), flimkien mal-Artikolu 20, skont kif ikun, u fir-rigward ta' nuqqas ta' qbil li jinvolvi wkoll l-awtoritajiet kompetenti ta' wieħed jew iktar mill-Istati tal-EFTA, deċiżjoni tiġi sospiża jew terminata skont dan l-Artikolu, kull deċiżjoni parallela tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fil-każ ikkonċernat għandha tiġi ugwalment sospiża jew terminata.

Jekk, f'każijiet bħal dawn, l-Awtorità temenda jew tirrevoka d-deċiżjoni tagħha, l-Awtorità għandha, bla dewmien żejjed, tħejji abbozz għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.";

(t) Fl-Artikolu 39:

(i) is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied fil-paragrafu 1:

"Meta tħejji abbozz għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont dan ir-Regolament, l-Awtorità għandha tinforma lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, u tistabbilixxi limitu ta' żmien li fih l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' tippermetti lil kull persuna fiżika jew ġuridika, inkluża awtorità kompetenti, li hija d-destinatarja tad-deċiżjoni li għandha tinftiehem, li tesprimi l-opinjonijiet tagħha dwar il-kwistjoni, b'kunsiderazzjoni sħiħa tal-urġenza, il-kumplessità u l-konsegwenzi potenzjali tal-kwistjoni.";

(ii) is-subparagrafi li ġejjin għandhom jiżdiedu fil-paragrafu 4:

"Jekk l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tkun ħadet deċiżjoni skont l-Artikolu 18(3) jew (4), hija għandha tagħmel rieżami ta' dik id-deċiżjoni f'intervalli xierqa. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tinforma lill-Awtorità dwar ir-reviżjonijiet li jkunu ġejjin, kif ukoll l-iżviluppi li huma rilevanti għar-rieżami.

Id-deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA biex tiġi emendata jew revokata deċiżjoni għandha tittieħed fuq bażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità. Fi żmien xieraq, qabel ir-reviżjoni maħsuba, l-Awtorità għandha tissottometti l-konklużjonijiet lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, akkumpanjati jekk meħtieġ minn abbozz.";

(iii) rigward l-Istati tal-EFTA, fil-paragrafu 5, il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, skont il-każ," għandu jiddaħħal wara l-kelma "l-Awtorità";

(u) Fl-Artikolu 40(1):

(i) fil-punt (b), dan li ġej għandu jiddaħħal wara l-kliem "Stat Membru":

"u, mingħajr id-dritt tal-vot, il-kap tal-awtorità pubblika nazzjonali kompetenti għas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu f'kull Stat tal-EFTA,";

(ii) fil-punt (f), il-kliem "u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "Awtoritajiet";

(v) Fl-Artikolu 43:

(i) fil-paragrafu 2, il-kliem "tħejji abbozzi għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "deċiżjonijiet";

(ii) fil-paragrafi 4 u 6, il-kliem "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA u l-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "il-Kunsill";

(w) Fl-Artikolu 44:

(i) is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied fil-paragrafu 1:

"Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu għandu japplika, *mutatis mutandis*, fil-każ ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont id-dispożizzjonijiet rispettivi ta' dan ir-Regolament.";

(ii) fil-paragrafu 4, il-kliem "kif ukoll ir-rappreżentant tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kliem "id-Direttur Eżekuttiv";

(iii) is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied fil-paragrafu 4:

"Il-membri tal-"Istati tal-EFTA" tal-Bord tas-Superviżuri skont l-Artikolu 40(1)(b) għandhom ikunu intitolati li jattendu diskussjonijiet fil-Bord tas-Superviżuri dwar istituzzjonijiet finanzjarji individwali.";

(x) Fl-Artikolu 57(2), dan il-kliem li ġej għandu jiddaħħal wara l-kliem "Stat Membru":

"kif ukoll rappreżentant wieħed ta' livell għoli tal-awtorità kompetenti rilevanti minn kull Stat tal-EFTA u rappreżentant wieħed mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.";

(y) Is-subparagrafu segwenti għandu jiżdied fl-Artikolu 60(4):

"Jekk l-appell jikkonċerna deċiżjoni tal-Awtorità adottata fl-Artikolu 19, flimkien mal-Artikolu 20, skont il-każ, f'każ fejn in-nuqqas ta' qbil jista' jinvolvi wkoll l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat tal-EFTA jew aktar, il-Bord tal-Appell għandu jistieden lill-awtorità kompetenti involuta tal-EFTA sabiex tippreżenta l-osservazzjonijiet dwar il-komunikazzjonijiet li ġejjin mill-partijiet fil-proċedimenti tal-appell, fil-limiti taż-żmien speċifikati. L-awtorità kompetenti tal-EFTA involuta għandha tkun intitolata biex tagħmel rappreżentazzjonijiet orali.";

(z) Is-subparagrafi segwenti għandhom jiżdiedu fl-Artikolu 62(1)(a):

"L-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali tal-EFTA għandhom jikkontribwixxu finanzjarjament għall-baġit tal-Awtorità b'mod konformi ma' dan il-punt.

Għall-fini tad-determinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet obbligatorji mill-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali tal-EFTA kompetenti għas-superviżjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji f'dan il-punt, il-piż ta' kull Stat tal-EFTA għandu jkun dan li ġej:

L-Iżlanda: 2

Il-Liechtenstein: 1

In-Norveġja: 7";

(za) Dan li ġej għandu jiżdied fl-Artikolu 67:

"L-Istati tal-EFTA għandhom japplikaw lill-Awtorità u lill-impjegati tagħha l-Protokoll (Nru 7) dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-TFUE.";

(zb) Il-paragrafu li ġej għandu jiżdied fl-Artikolu 68:

"5. Permezz ta' deroga mill-Artikoli 12(2)(a) u 82(3)(a) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Uffiċjali Oħrajn, persuni li jkollhom nazzjonalità tal-Istati tal-EFTA li jgawdu d-drittijiet kollha tagħhom bħala ċittadini jistgħu jingħataw impjieg b'kuntratt mid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità.

B'deroga mill-Artikoli 12(2)(e) u 82(3)(e) u 85(3) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Uffiċjali Oħrajn, il-lingwi msemmija fl-Artikolu 129(1) tal-Ftehim ŻEE għandu jitqiesu mill-Awtorità, fir-rigward tal-persunal tagħha, bħala lingwi tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 55(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.";

(zc) Il-paragrafu li ġej għandu jiżdied fl-Artikolu 72:

"4. Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, għall-applikazzjoni tar-Regolament, għandu japplika għall-awtorità kompetenti tal-Istati tal-EFTA rigward id-dokumenti imħejjija mill-Awtorità.".".

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1022/2013 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Il-Partijiet Kontraenti għandhom jirrevedu l-qafas stabbilit skont din id-Deċiżjoni u d-Deċiżjonijiet [Nru…/… [BERS],] Nru…/… [EIOPA], u Nru…/… [ESMA] sa mhux aktar tard minn tmiem is-sena [ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni] biex jiżguraw li jkompli jiżgura l-applikazzjoni effettiva u omoġenja tar-regoli komuni u superviżjoni fl-EFTA kollha.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi … [daħħal il-jum ta' wara l-adozzjoni tagħha], jew fil-jum ta' wara l-aħħar avviż skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE, liema minnhom jiġi l-aħħar (*).

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President* *Is-Segretarji għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

(*) Rekwiżiti kostituzzjonali indikati.

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Partijiet Kontraenti

dwar Deċiżjoni Nru […] li tinkorpora r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 fil-Ftehim ŻEE

[għall-adozzjoni mad-Deċiżjoni u għall-pubblikazzjoni fil-ĠU]

Skont l-Artikolu 1(5) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 1022/2013, l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Awtorità", ser taġixxi indipendentement u oġġettivament u b'mod mhux diskriminatorju fl-interessi tal-Unjoni biss. Wara l-inkorporazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 fil-Ftehim ŻEE, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati tal-EFTA, ikollhom, bl-eċċezzjoni għad-dritt għall-vot, l-istess drittijiet bħall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-UE fil-ħidma tal-Awtorità.

Għaldaqstant, u b'rispett sħiħ lejn l-indipendenza tal-Awtorità, il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE jikkondividu l-fehma li, meta taġixxi skont id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ŻEE, l-Awtorità taġixxi fl-interess komuni tal-Partijiet Kontraenti kollha għall-Ftehim ŻEE.

ABBOZZ

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru …

## ta' …

## li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) L-UE u l-Ministri taż-ŻEE-EFTA tal-Finanzi u l-Ekonomija, fil-konklużjonijiet ([2]) tagħhom tal-14 ta' Ottubru 2014 dwar l-inkorporazzjoni tar-Regolamenti tal-UE dwar l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej fil-Ftehim ŻEE, laqgħu b'sodisfazzjon is-soluzzjoni bilanċjata miftehma bejn il-Partijiet Kontraenti, li tqis l-istruttura u l-objettivi tar-Regolamenti tal-UE dwar l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej u l-Ftehim ŻEE, kif ukoll ir-restrizzjonijiet legali u politiċi tal-UE u l-Istati taż-ŻEE-EFTA.

(3) Il-Ministri tal-Finanzi u l-Ekonomija tal-UE u taż-ŻEE-EFTA saħqu li, f'konformità mal-istruttura mibnija fuq żewġ pilastri tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ser tieħu deċiżjonijiet indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti taż-ŻEE-EFTA jew operaturi tas-suq fl-Istati taż-ŻEE-EFTA, rispettivament. L-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej tal-UE ser ikunu kompetenti biex iwettqu azzjonijiet li ma jorbtux legalment, bħall-adozzjoni ta' rakkomandazzjonijiet u medjazzjoni li ma torbotx legalment, anki fejn jidħlu l-awtoritajiet kompetenti u l-operaturi tas-suq taż-ŻEE-EFTA. Azzjoni min-naħa ta' kwalunkwe minnhom ser tiġi preċeduta, kif xieraq, minn konsultazzjoni, koordinazzjoni, jew skambju ta' informazzjoni bejn l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej tal-UE u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.

(4) Biex żgur ikun hemm integrazzjoni tal-għarfien espert tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej tal-UE fil-proċess u konsistenza bejn iż-żewġ pilastri, deċiżjonijiet individwali u opinjonijiet formali tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA indirizzati lil awtorità kompetenti individwali waħda jew iktar, jew operatur tas-suq wieħed jew aktar taż-ŻEE-EFTA ser jiġu adottati abbażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità Superviżorja Ewropea rilevanti tal-UE. Dan ser jippreserva l-vantaġġi ewlenin ta' superviżjoni minn awtorità waħda.

(5) Il-Partijiet Kontraenti jikkondividu l-fehma li din id-Deċiżjoni timplimenta l-ftehim li ġie rifless f'dawn il-konkluż-jonijiet, u għalhekk għandha tiġi interpretata f'konformità mal-prinċipji li jirrappreżentaw.

(6) L-Anness IX tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 31 g (ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE:

"31 h. **32010 R 1094:** Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

([1]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48.
([2]) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ministri tal-Finanzi u l-Ekonomija tal-UE u ż-ŻEE-EFTA, 14178/1/14 REV 1.

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati tal-EFTA u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom, ħlief għad-dritt tal-vot, ikollhom l-istess drittijiet u obbligi bħall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-UE fil-ħidma tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u tal-Pensjonijiet tax-Xogħol) (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Awtorità", il-Bord tas-Superviżuri tagħha, u l-korpi preparatorji kollha tal-Awtorità, inklużi kumitati interni u panels, soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 108 u 109 ta' dan il-Ftehim, l-Awtorità għandha, ħlief għad-dritt tal-vot, ikollha d-dritt li tieħu sehem fil-ħidma tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA u l-korpi preparatorji tagħha, meta l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA twettaq, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-funzjonijiet tal-Awtorità kif previsti f'dan il-Ftehim.

Ir-regoli ta' proċedura tal-Awtorità u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jagħtu għandhom effett sħiħ lill-parteċipazzjoni tagħhom, kif ukoll lil dik tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati tal-EFTA, f'xogħol xulxin kif previst f'dan il-Ftehim;

(b) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 ta' dan il-Ftehim, u sakemm mhux previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, it-termini "Stat/i Membru/i" u "awtoritajiet kompetenti" għandhom jinftiehmu li jinkludu, apparti t-tifsira tagħhom fir-Regolament, l-Istati tal-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, rispettivament;

(c) Sakemm mhux previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, ir-regoli interni ta' proċedura tal-Awtorità għandhom japplikaw *mutatis mutandis* fir-rigward ta' kwistjonijiet li jikkonċernaw l-awtoritajiet kompetenti u l-parteċipanti fis-suq finanzjarju tal-EFTA. B'mod partikolari, it-tħejjija ta' abbozzi għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jkunu soġġetti għall-istess proċeduri interni fejn it-tħejjija ta' deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet simili li jikkonċernaw l-UE, l-Istati Membri, inklużi l-awtoritajiet kompetenti tagħhom u l-parteċipanti fis-suq finanzjarju;

(d) Sakemm mhux previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, l-Awtorità u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jikkooperaw, jiskambjaw informazzjoni u jikkonsultaw lil xulxin għall-għanijiet tar-Regolament, b'mod partikolari qabel ma tittieħed kwalunkwe azzjoni.

F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn l-Awtorità u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fir-rigward tal-amministrazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament, il-President tal-Awtorità u l-Kulleġġ tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom, waqt li titqies l-urġenza tal-kwistjoni u mingħajr dewmien żejjed, isejħu laqgħa sabiex jintlaħaq kunsens. Jekk tali kunsens ma jinstabx, il-President tal-Awtorità jew il-Kulleġġ tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jistgħu jitolbu lill-Partijiet Kontraenti sabiex jirreferu l-kwistjoni lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li għandu jindirizzaha skont l-Artikolu 111 ta' dan il-Ftehim li għandu japplika *mutatis mutandis*. F'konformità mal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 1/94 tat-8 ta' Frar 1994 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (ĠU L 85, 30.3.1994, p. 60), Parti Kontraenti tista' titlob l-organizzazzjoni immedjatament ta' laqgħat f'ċirkustanzi ta' urġenza. Minkejja dan il-paragrafu, Parti Kontraenti tista' f'kull ħin tirreferi l-kwistjoni lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fuq inizjattiva tagħha stess skont l-Artikoli 5 jew 111 ta' dan il-Ftehim;

(e) Referenzi għal atti oħra fir-Regolament għandhom japplikaw sal-punt u fil-forma li dawk l-atti jkunu inkorporati f'dan il-Ftehim;

(f) Fl-Artikolu 1, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA:

(i) fil-paragrafu 4, il-kliem "jew mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, skont il-każ," għandhom jiddaħħlu wara l-kliem "l-Awtorità";

(ii) il-paragrafu 5 għandu jinqara kif ġej:

"Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament huma mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, b'mod partikolari skont l-Artikolu 31 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja, sabiex tiġi żgurata konformità mal-Ftehim ŻEE jew dak il-Ftehim.";

(g) Fl-Artikolu 9(5):

(i) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fl-ewwel subparagrafu, il-kelma "L-Awtorità" għandha tinqara "L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(ii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, it-tieni u t-tielet subparagrafi għandhom jinqraw kif ġej:

"Deċiżjonijiet tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jiġu adottati, mingħajr dewmien żejjed, abbażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tirrevedi d-deċiżjoni msemmija fl-ewwel żewġ subparagrafi f'intervalli adatti u mill-inqas kull tliet (3) xhur. Jekk id-deċiżjoni ma tiġġeddidx wara perjodu ta' tliet xhur, għandha tiskadi awtomatikament.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tinforma lill-Awtorità dwar id-data ta' skadenza mill-aktar fis possibbli wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni msemmija fl-ewwel żewġ subparagrafi. Fi żmien propizju qabel l-iskadenza tat-terminu ta' tliet xhur imsemmi fit-tielet subparagrafu, l-Awtorità għandha tissottometti l-konklużjonijiet lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, akkumpanjati minn abbozz jekk meħtieġ. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' tinforma lill-Awtorità dwar kwalunkwe żvilupp li huwa jikkunsidra rilevanti għar-reviżjoni.

Stat tal-EFTA jista' jitlob lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA sabiex terġa' tikkunsidra d-deċiżjoni tagħha. L-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA għandha tgħaddi din it-talba lill-Awtorità. F'dak il-każ l-Awtorità għandha, bi qbil mal-proċedura stipulata fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 44(1), tikkunsidra li tħejji abbozz ġdid għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.

Fejn l-Awtorità temenda jew tħassar kwalunkwe deċiżjoni parallela għad-deċiżjoni adottata mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, l-Awtorità għandha tħejji abbozz għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, bla dewmien żejjed.";

(h) Fl-Artikolu 16(4), il-kliem ", il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandhom jiddaħħlu wara l-kelma "il-Kummissjoni";

(i) Fl-Artikolu 17:

(i) il-kliem "Liġi tal-Unjoni" għandu jinqara "il-Ftehim ŻEE";

(ii) fil-paragrafu 1, il-kliem "jew mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, skont il-każ," għandu jiddaħħal wara l-kelma "l-Awtorità";

(iii) fil-paragrafu 2, il-kliem ", il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "il-Kummissjoni";

(iv) is-sub-paragrafu li ġej għandu jiżdied mal-paragrafu 2:

"Fejn l-Awtorità tinvestiga allegazzjoni ta' ksur jew nuqqas ta' applikazzjoni tal-Ftehim ŻEE fir-rigward ta' awtorità kompetenti ta' Stat tal-EFTA, din għandha tinforma lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA dwar in-natura u l-għan tal-investigazzjoni u wara tipprovdiha regolarment b'informazzjoni aġġornata meħtieġa sabiex l-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA tkun tista' twettaq il-kompiti tagħha kif suppost skont il-paragrafi 4 u 6.";

(v) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, it-tieni subparagrafi ta' paragrafu 3 għandu jinqara kif ġej:

"L-awtorità kompetenti għandha, fi żmien għaxart ijiem minn meta tirċievi r-rakkomandazzjoni, tinforma lill-Awtorità u lill-Awtorità dwar il-passi li tkun ħadet jew li jkun biħsiebha tieħu biex tiżgura konformità mal-Ftehim ŻEE.";

(vi) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-paragrafi 4 u 5 għandhom jinqraw kif ġej:

"4. Fejn l-awtorità kompetenti ma tkunx ikkonformat mal-Ftehim ŻEE fi żmien xahar minn meta tkun irċeviet ir-rakkomandazzjoni tal-Awtorità, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' toħroġ opinjoni formali li tirrikjedi li l-awtorità kompetenti tieħu l-azzjoni meħtieġa sabiex tikkonforma mal-Ftehim ŻEE. L-opinjoni formali tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tqis ir-rakkomandazzjoni tal-Awtorità.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha toħroġ din l-opinjoni formali mhux iżjed tard minn tliet xhur wara l-adozzjoni tar-rakkomandazzjoni. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' testendi dan il-perjodu b'xahar.

Opinjonijiet formali tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jiġu adottati, mingħajr dewmien żejjed, abbażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu lill-Awtorità u lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA bl-informazzjoni kollha meħtieġa.

5. L-awtorità kompetenti għandha, fi żmien għaxart ijiem minn meta tirċievi l-opinjoni formali msemmija fil-paragrafu 4, tinforma lill-Awtorità u lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA dwar il-passi li tkun ħadet jew li jkun biħsiebha tieħu biex tikkonforma ma' dik l-opinjoni formali.";

(vii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 6, il-kliem "Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 258 TFUE" għandu jinqara "Mingħajr preġudizzju għall-poteri tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont l-Artikolu 31 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja", u l-kelma "l-Awtorità" għandha tinqara "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(viii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, it-tieni subparagrafi ta' paragrafu 6 għandu jinqara kif ġej:

"Deċiżjonijiet tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jiġu adottati, mingħajr dewmien żejjed, abbażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.";

(ix) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-paragrafu 8 għandu jinqara kif ġej:

"8. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha, kull sena, tippubblika informazzjoni dwar liema awtoritajiet kompetenti u istituzzjonijiet finanzjarji fl-Istati tal-EFTA ma jkunux ikkonformaw mal-opinjonijiet jew d-deċiżjonijiet formali imsemmijin fil-paragrafi 4 u 6.";

(j) Fl-Artikolu 18:

(i) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafi 3 u 4, il-kelma "l-Awtorità" għandha tinqara "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(ii) is-subparagrafu li ġej għandhom jiżdied fil-paragrafi 3 u 4:

"Deċiżjonijiet tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jiġu adottati, mingħajr dewmien żejjed, abbażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.";

(iii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafu 4, il-kliem "Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 258 TFUE" għandu jinqara "Mingħajr preġudizzju għall-poteri tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont l-Artikolu 31 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja";

(k) Fl-Artikolu 19:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem "jew mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, skont il-każ," għandhom jiddaħħlu wara l-kelma "l-Awtorità";

(ii) fil-paragrafu 3, il-kliem "l-Istati Membri tal-UE" għandhom jiddaħħlu wara l-kliem "b'effett vinkolanti għall-awtoritajiet kompetenti kkonċernati";

(iii) is-sub-paragrafi li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-paragrafu 3:

"Fejn jikkonċerna awtoritajiet kompetenti esklussivament, u fejn tali awtoritajiet ma jirnexxilhomx jilħqu ftehim matul il-fażi ta' konċiljazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' tieħu deċiżjoni li torbothom li jieħdu azzjoni speċifika jew li jżommu lura milli jaġixxu sabiex jindirizzaw il-kwistjoni, b'effetti vinkolanti għall-awtoritajiet kompetenti kkonċernati, sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Ftehim ŻEE.

Fejn jikkonċerna awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru tal-UE wieħed jew iktar u Stat tal-EFTA wieħed jew iktar, u fejn tali awtoritajiet ma jirnexxilhomx jilħqu ftehim matul il-fażi ta' konċil-jazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, l-Awtorità u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jistgħu jieħdu deċiżjoni li torbot lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-UE u tal-Istati tal-EFTA kkonċernati li jieħdu azzjoni speċifika jew li jżommu lura milli jaġixxu sabiex jindirizzaw il-kwistjoni, b'effetti vinkolanti għall-awtoritajiet kompetenti kkonċernati, sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Ftehim ŻEE.

Deċiżjonijiet tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jiġu adottati, mingħajr dewmien żejjed, abbażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.";

(iv) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafu 4, il-kliem "Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 258 TFUE" għandu jinqara "Mingħajr preġudizzju għall-poteri tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont l-Artikolu 31 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja", il-kelma "l-Awtorità" għandha tinqara "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" u l-kliem "liġi tal-Unjoni" għandu jinqara "il-Ftehim ŻEE";

(v) fil-paragrafu 4 għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Deċiżjonijiet tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jiġu adottati, mingħajr dewmien żejjed, abbażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.";

(l) Is-subparagrafi li ġejjin għandhom jiżdiedu fl-Artikolu 20:

"Fejn jikkonċerna awtoritajiet kompetenti esklussivament, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' tieħu deċiżjoni skont l-Artikolu 19(3) u (4).

Fejn jikkonċerna awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru tal-UE wieħed jew iktar u Stat tal-EFTA wieħed jew iktar l-Awtorità rispettivament l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' tadotta deċiżjoni skont l-Artikolu 19(3) u (4).

Deċiżjonijiet mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom, mingħajr dewmien żejjed, jiġu adottati abbażi ta' abbozzi mħejjija, skont kif xieraq, mill-Awtorità, mill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u/jew l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) b'inizjattiva tagħhom stess jew fuq talba tal-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA. L-Awtorità, l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq għandhom, kif xieraq, jilħqu, skont l-Artikolu 56, pożizzjonijiet konġunti u jadottaw d-deċiżjonijiet u/jew abbozzi b'mod parallel.";

(m) Fl-Artikolu 21(4), il-kliem ", jew mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, skont il-każ," għandu jiddaħħal wara l-kelma "L-Awtorità";

(n) Fl-Artikoli 22(4) u 34(1), il-kliem ", l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jew il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA," għandu jiddaħħal wara "il-Parlament Ewropew, il-Kunsill jew il-Kummissjoni";

(o) Fl-Artikolu 35(5), il-kliem ", lill-bank ċentrali nazzjonali" ma għandhomx japplikaw għal-Liechtenstein;

(p) Fl-Artikolu 38, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA:

(i) il-kliem "l-Awtorità", "l-Awtorità u l-Kummissjoni", "l-Awtorità, il-Kummissjoni" u "il-Kummissjoni u l-Awtorità" għandhom jinqraw "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(ii) il-kelma "il-Kunsill" għandha tinqara "il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA";

(iii) is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied wara r-raba' subparagrafu tal-paragrafu 2:

"L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tgħaddi mingħajr dewmien żejjed in-notifika tal-Istat tal-EFTA kkonċernat li l-Awtorità u l-Kummissjoni. Id-deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA li żżomm, temenda jew tħassar deċiżjoni għandha tittieħed abbażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.";

(iv) is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied wara t-tielet subparagrafu tal-paragrafu 3:

"L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tgħaddi mingħajr dewmien żejjed in-notifika tal-Istat tal-EFTA li l-Awtorità, il-Kummissjoni u l-Kunsill.";

(v) is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied wara l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 4:

"L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tgħaddi mingħajr dewmien żejjed in-notifika tal-Istat tal-EFTA li l-Awtorità, il-Kummissjoni u l-Kunsill.";

(vi) għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"6. Fejn, f'każ li jaqa' taħt l-Artikolu 19(3), flimkien mal-Artikolu 20, skont kif ikun il-każ, u fir-rigward ta' nuqqas ta' qbil li jinvolvi wkoll l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat tal-EFTA wieħed jew aktar deċiżjoni tiġi sospiża jew terminata skont dan l-Artikolu, kwalunkwe deċiżjoni parallela tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fil-kawża kkonċernata għandha tiġi ugwalment sospiża jew terminata.

Fejn, f'każijiet bħal dawn, l-Awtorità temenda jew tirrevoka d-deċiżjoni tagħha, l-Awtorità tħejji abbozz, bla dewmien żejjed, għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.";

(q) Fl-Artikolu 39:

(i) is-sub-paragrafi li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-paragrafu 1:

"Meta tkun qed tħejji abbozz għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont dan ir-Regolament, l-Awtorità għandha tinforma lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, tistipula limitu ta' żmien li fih l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' tippermetti lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, inkluża awtorità kompetenti, li hija d-destinatarja tad-deċiżjoni li għandha tittieħed sabiex tesprimi l-opinjonijiet tagħha dwar il-kwistjoni, b'kunsiderazzjoni sħiħa tal-urġenza, tal-kumplessità u tal-konsegwenzi potenzjali tal-kwistjoni.";

(ii) is-sub-paragrafi li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-paragrafu 4:

"Fejn l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tkun ħadet deċiżjoni skont l-Artikolu 18(3) jew (4), din għandha tirrevedi dik id-deċiżjoni f'intervalli xierqa. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tinforma lill-Awtorità dwar reviżjonijiet li jkun imiss, kif ukoll dwar kwalunkwe żviluppi li huma rilevanti għar-reviżjoni.

Id-deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA li temenda jew tħassar deċiżjoni għandha tittieħed abbażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità. Fi żmien propizju qabel kwalunkwe reviżjoni intiża, l-Awtorità għandha tissottometti l-konklużjonijiet lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, akkumpanjati minn abbozz jekk meħtieġ.";

(iii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafu 5 il-kliem "jew mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, skont il-każ," għandhom jiddaħħlu wara l-kelma "l-Awtorità";

(r) Fl-Artikolu 40(1):

(i) fil-punt (b), dan li ġej għandu jiddaħħal wara l-kliem "Stat Membru":

"u, mingħajr id-dritt tal-vot, il-kap tal-awtorità pubblika nazzjonali kompetenti għas-supervizjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji f'kull Stat tal-EFTA,";

(ii) f'punt (e), il-kliem "u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandhom jiddaħħlu wara l-kelma "Awtoritajiet";

(s) Fl-Artikolu 43:

(i) fil-paragrafu 2, il-kliem ", tħejji abbozzi għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA," għandu jiddaħħal wara l-kelma "deċiżjonijiet";

(ii) fil-paragrafi 4 u 6, il-kliem ", l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jew il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA," għandu jiddaħħal wara "il-Kunsill";

(t) Fl-Artikolu 44:

(i) is-sub-paragrafi li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-paragrafu 1:

"Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, fil-każ ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont id-dispożizzjonijiet rispettivi ta' dan ir-Regolament.";

(ii) fil-paragrafu 4, il-kliem "kif ukoll ir-rappreżentattivi tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kliem "id-Direttur Eżekuttiv";

(iii) is-subparagrafi li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-paragrafu 4:

"Il-membri tal-Bord ta' Superviżuri tal-Istati tal-EFTA skont l-Artikolu 40(1)(b) għandhom ikunu intitolati li jattendu diskussjonijiet fil-Bord ta' Superviżuri dwar istituzzjonijiet finanzjarji individwali.";

(u) Fl-Artikolu 57(2), dan il-kliem li ġej għandu jiddaħħal wara l-kliem "Stat Membru":

"kif ukoll rappreżentant wieħed ta' livell għoli tal-awtorità kompetenti rilevanti minn kull Stat tal-EFTA u rappreżentant wieħed mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.";

(v) Is-subparagrafi li ġejjin għandu jiżdiedu fl-Artikolu 60(4):

"Jekk l-appell jikkonċerna deċiżjoni tal-Awtorità adottata skont l-Artikolu 19, flimkien mal-Artikolu 20 skont il-każ, f'każ fejn in-nuqqas ta' qbil jista' jinvolvi wkoll l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat tal-EFTA wieħed jew aktar, il-Bord tal-Appell għandu jistieden lill-awtorità kompetenti tal-EFTA involuta sabiex tippreżenta osservazzjonijiet fuq il-komunikazzjonijiet mill-partijiet fil-proċedimenti tal-appell, fil-limiti taż-żmien speċifikati. L-awtorità kompetenti tal-EFTA involuta għandha tkun intitolata tagħmel rappreżentazzjonijiet orali.";

(w) Is-subparagrafi li ġejjin għandhom jiżdiedu fl-Artikolu 62(1)(a):

"L-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali tal-EFTA għandhom jikkontribwixxu finanzjarjament għall-baġit tal-Awtorità b'mod konformi ma' dan il-punt.

Għall-fini tad-determinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet obbligatorji mill-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali kompetenti tal-EFTA għas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji skont dan il-punt, il-piż ta' kull Stat tal-EFTA għandu jkun dan li ġej:

L-Iżlanda: 2

Il-Liechtenstein: 1

In-Norveġja: 7";

(x) Dan li ġej għandu jiżdied fl-Artikolu 67:

"L-Istati tal-EFTA għandhom japplikaw lill-Aġenzija u l-impjegati tagħha l-Protokoll (Nru 7) dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.";

(y) Il-paragrafi li ġejjin għandhom jiżdiedu fl-Artikolu 68:

"5. Permezz ta' deroga mill-Artikoli 12(2)(a) u 82(3)(a) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Persunal Ieħor, ċittadini tal-Istati tal-EFTA li jgawdu d-drittijiet kollha tagħhom bħala ċittadini jistgħu jiddaħħlu jaħdmu b'kuntratt mid-Direttur Eżekuttiva tal-Awtorità.

Permezz ta' deroga mill-Artikoli 12(2)(e) u 82(3)(e) u 85(3) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Persunal Ieħor, il-lingwi msemmija fl-Artikolu 129(1) tal-Ftehim ŻEE għandhom jitqiesu mill-awtorità, fir-rigward tal-persunal tagħha, bħala l-lingwi tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 55(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.";

(z) Il-paragrafi li ġejjin għandhom jiżdiedu fl-Artikolu 72:

"4. Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandu, fl-applikazzjoni tar-Regolament, japplika għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati EFTA dwar dokumenti mħejjija mill-Awtorità.".".

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Il-Partijiet Kontraenti għandhom jirrevedu l-qafas stabbilit skont din id-Deċiżjoni u d-Deċiżjonijiet Nru …/… [BERS], Nru …/… [EBA] u Nru …/… [ESMA] sa mhux aktar tard minn tmiem is-sena [ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni] sabiex jiżguraw li jkompli jiżgura l-applikazzjoni effettiva u omoġenja tar-regoli komuni u superviżjoni fiż-ŻEE kollha.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi …, jew fil-jum ta' wara l-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE, liema minnhom jiġi l-aħħar (*).

(*) [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

*Is-Segretarji għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Partijiet Kontraenti

għad-Deċiżjoni Nru […] li tinkorpora r-Regolament (UE) Nru 1094/2010 fil-Ftehim ŻEE

[għall-adozzjoni mad-Deċiżjoni u għall-pubblikazzjoni fil-ĠU]

Skont l-Artikolu 1(6) tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Awtorità", ser taġixxi b'mod indipendenti u imparzjali u fl-interess tal-Unjoni biss. Wara l-inkorporazzjoni ta' dan ir-Regolament fil-Ftehim ŻEE, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati tal-EFTA, ħlief għad-dritt għall-vot, ser ikollhom l-istess drittijiet bħall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-UE fil-ħidma tal-Awtorità.

Għaldaqstant, u b'rispett sħiħ lejn l-indipendenza tal-Awtorità, il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE jaqblu li, meta taġixxi skont id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ŻEE, l-Awtorità ser taġixxi fl-interess komuni tal-Partijiet Kontraenti kollha li l-Ftehim ŻEE.

ABBOZZ

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru …**

**ta' …**

**li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE ([1]) ser jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) L-UE u l-Ministri għall-Finanzi u l-Ekonomija taż-ŻEE-EFTA, fil-konklużjonijiet tagħhom ([2]) tal-14 ta' Ottubru 2014 dwar l-inkorporazzjoni tar-Regolamenti tal-UE dwar l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej fil-Ftehim ŻEE, laqgħu b'merħba s-soluzzjoni bbilanċjata li nstabet bejn il-Partijiet Kontraenti, filwaqt li jieħdu kont tal-istruttura u l-objettivi tar-Regolamenti tal-UE dwar l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej u tal-Ftehim ŻEE, kif ukoll tar-restrizzjonijiet legali u politiċi tal-UE u l-Istati taż-ŻEE-EFTA.

(3) Il-Ministri tal-Finanzi u l-Ekonomija tal-UE u taż-ŻEE-EFTA saħqu li, f'konformità mal-istruttura tal-Ftehim dwar iż-ŻEE imwaqqfa fuq żewġ pilastri, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ser tieħu deċiżjonijiet indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti taż-ŻEE-EFTA jew operaturi tas-suq fl-Istati taż-ŻEE-EFTA, rispettivament. L-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej tal-UE ser ikunu kompetenti biex iwettqu azzjonijiet li ma jorbtux legalment, bħall-adozzjoni ta' rakkomandazzjonijiet u medjazzjoni li ma torbotx legalment, ukoll fejn jidħlu l-awtoritajiet kompetenti u l-operaturi tas-suq taż-ŻEE-EFTA. Azzjoni min-naħa ta' kwalunkwe minnhom ser tiġi ppreċeduta, kif xieraq, minn konsultazzjoni, koordinazzjoni, jew skambju ta' informazzjoni bejn l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej tal-UE u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.

(4) Biex tiġi żgurata l-integrazzjoni tal-għarfien espert tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej tal-UE fil-proċess u l-konsistenza bejn iż-żewġ pilastri, deċiżjonijiet individwali u opinjonijiet formali tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA indirizzati lil awtorità kompetenti individwali taż-ŻEE-EFTA waħda jew iktar, jew operatur tas-suq taż-ŻEE-EFTA wieħed jew aktar ser jiġu adottati abbażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità Superviżorja Ewropea rilevanti tal-UE. Din ser tippriserva vantaġġi prinċipali ta' superviżjoni minn awtorità unika.

(5) Il-Partijiet Kontraenti jaqsmu l-fehma li din id-Deċiżjoni timplimenta l-ftehim li kien rifless f'dawn il-konklużjonijiet, u għaldaqstant għandha tiġi interpretata b'konformità mal-prinċipji li jirrappreżentaw.

(6) L-Anness IX tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 31h (ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE:

"31i. **32010 R 1095:** Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

([1]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.
([2]) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ministri tal-Finanzi u l-Ekonomija tal-UE u ż-ŻEE-EFTA, 14178/1/14 REV 1.

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati tal-EFTA u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom, ħlief għad-dritt tal-vot, l-istess drittijiet u obbligi bħall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-UE fil-ħidma tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità", tal-Bord tas-Superviżuri tagħha, u l-entitajiet preparatorji kollha tal-Awtorità, inklużi l-kumitati u l-panels interni, soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 108 u 109 ta' dan il-Ftehim, l-Awtorità għandha, ħlief għad-dritt tal-vot, id-dritt li tipparteċipa fil-ħidma tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA u l-entitajiet preparatorji tagħha, meta l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA twettaq, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-funzjonijiet tal-Awtorità kif previsti minn dan il-Ftehim.

Ir-regoli tal-proċedura tal-Awtorità u tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jagħtu effett sħiħ lill-parteċipazzjoni tagħhom, kif ukoll dik tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati tal-EFTA, f'xogħol xulxin kif previst minn dan il-Ftehim;

(b) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 ta' dan il-Ftehim, u sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, it-termini "Stat(i) Membru(i)" u "awtoritajiet kompetenti" għandhom jinftiehem li jinkludi, minbarra t-tifsira tagħhom fir-Regolament, l-Istati tal-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, rispettivament;

(c) Sakemm mhux previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, ir-regoli interni tal-proċedura tal-Awtorità għandhom japplikaw *mutatis mutandis* fejn jidħlu kwistjonijiet dwar l-awtoritajiet kompetenti u parteċipanti fi swieq finanzjarji tal-EFTA. B'mod partikolari, it-tħejjija ta' abbozzi għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tkun soġġetta għall-istess proċeduri interni bħat-tħejjija ta' deċiżjonijiet adottati dwar kwistjonijiet simili dwar l-Istati Membri tal-UE, inklużi l-awtoritajiet kompetenti u l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji tagħhom;

(d) Sakemm mhux previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, l-Awtorità u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jikkooperaw, jiskambjaw l-informazzjoni u jikkonsultaw lil xulxin għall-fini tar-Regolament, b'mod partikolari qabel tittieħed kwalunkwe azzjoni.

F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn l-Awtorità u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA dwar l-amministrazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament, il-President tal-Awtorità u l-Kulleġġ tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom, filwaqt li jikkunsidraw l-urġenza tal-kwistjoni, isejħu laqgħa bla dewmien żejjed sabiex jilħqu kunsens. Meta tali kunsens ma jintlaħaqx, il-President tal-Awtorità jew il-Kulleġġ tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jistgħu jitolbu lill-Partijiet Kontraenti sabiex jirreferu l-kwistjoni lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li għandu jindirizzaha skont l-Artikolu 111 ta' dan il-Ftehim li għandu japplika *mutatis mutandis*. Skont l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 1/94 tat-8 ta' Frar 1994 li tadotta r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (ĠU L 85, 30.3.1994, p. 60), f'ċirkostanzi urġenti Parti Kontraenti tista' titlob l-organizzazzjoni immedjata ta' laqgħat. Minkejja dan il-paragrafu, Parti Kontraenti tista' fi kwalunkwe żmien tirreferi l-kwistjoni lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fuq inizjattiva tagħha skont l-Artikoli 5 jew 111 ta' dan il-Ftehim;

(e) Referenzi għal atti oħra fir-Regolament għandhom japplikaw sal-punt u fil-forma li dawk l-atti jkunu inkorporati f'dan il-Ftehim;

(f) Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, l-Artikolu 1(4) għandu jinqara kif ġej:

"Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament huma mingħajr preġudizzju għall-poteri tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, b'mod partikolari skont l-Artikolu 31 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar l-Istabbiliment ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti ta' Ġustizzja, sabiex jiżguraw konformità mal-Ftehim ŻEE jew dak il-Ftehim.";

(g) Fl-Artikolu 9(5):

(i) fir-rigward l-Istati tal-EFTA, fl-ewwel subparagrafu, il-kelma "L-Awtorità" għandha tinqara "L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(ii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, it-tieni u t-tielet subparagrafi għandhom jinqraw kif ġej:

"Deċiżjonijiet tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jiġu adottati mingħajr dewmien żejjed abbażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità fuq inizjattiva tagħha jew fuq it-talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tirrevedi d-deċiżjoni msemmija fl-ewwel żewġ subparagrafi f'intervalli xierqa u mill-inqas kull tliet (3) xhur. Jekk id-deċiżjoni ma tiġġeddidx wara perjodu ta' tliet xhur, din għandha tiskadi awtomatikament.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tinforma kemm jista' jkun malajr wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni msemmija fl-ewwel żewġ subparagrafi lill-Awtorità bid-data ta' skadenza. Fi żmien propizju qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' tliet xhur imsemmi fit-tielet subparagrafu, l-Awtorità għandha tissottometti konklużjonijiet lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, akkumpanjati minn abbozz jekk ikun meħtieġ. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' tinforma lill-Awtorità bi kwalunkwe żvilupp li tikkunsidra rilevanti għar-reviżjoni.

Stat tal-EFTA jista' jitlob lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA sabiex tirrikonsidra d-deċiżjoni tagħha. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tgħaddi din it-talba lill-Awtorità. F'dak il-każ, l-Awtorità għandha, skont il-proċedura stipulata fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 44(1), tikkunsidra tħejji abbozz ġdid għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.

Fejn l-Awtorità temenda jew tħassar kwalunkwe deċiżjoni parallela mad-deċiżjoni adottata mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, l-Awtorità għandha tħejji abbozz għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA bla dewmien żejjed.";

(h) Fl-Artikolu 16(4), il-kliem ", il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandhom jiddaħħlu wara l-kelma "il-Kummissjoni";

(i) Fl-Artikolu 17:

(i) il-kliem "Liġi tal-Unjoni" għandu jinqara "l-Ftehim ŻEE";

(ii) fil-paragrafu 1, il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, skont il-każ," għandu jiddaħħal wara l-kelma "l-Awtorità";

(iii) fil-paragrafu 2, il-kliem ", il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "il-Kummissjoni";

(iv) is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied ma' paragrafu 2:

"Fejn l-Awtorità tinvestiga ksur jew non-applikazzjoni allegati tal-Ftehim ŻEE rigward l-awtorità kompetenti ta' Stat tal-EFTA, din għandha tavża lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA bin-natura u l-għan tal-investigazzjoni u tibqa' tipprovdiha regolarment bl-informazzjoni aġġornata meħtieġa għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA sabiex twettaq b'mod xieraq il-kompiti tagħha skont paragrafi 4 u 6.";

(v) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, it-tieni subparagrafu ta' paragrafu 3 għandu jinqara kif ġej:

"L-awtorità kompetenti għandha, fi żmien għaxart ijiem minn meta tirċievi r-rakkomandazzjoni, tinforma lill-Awtorità u lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA dwar il-passi li tkun ħadet jew li jkun bi ħsiebha tieħu sabiex tiżgura konformità mal-Ftehim ŻEE.";

(vi) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-paragrafi 4 u 5 għandhom jinqraw kif ġej:

"4. Fejn l-awtorità kompetenti ma tkunx ikkonformat mal-Ftehim ŻEE fi żmien xahar (1) wara li tkun irċeviet ir-rakkomandazzjoni tal-Awtorità, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tkun tista' tfassal opinjoni formali li teħtieġ lill-awtorità kompetenti tieħu l-azzjoni neċessarja sabiex tiġi konformi mal-Ftehim ŻEE. L-opinjoni formali tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tikkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Awtorità.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha toħroġ tali opinjoni formali sa mhux aktar tard minn tliet (3) xhur wara l-adozzjoni tar-rakkomandazzjoni. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' testendi dan il-perjodu b'xahar (1).

Opinjonijiet formali tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jiġu adottati mingħajr dewmien żejjed abbażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità fuq inizjattiva tagħha jew fuq it-talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa lill-Awtorità u lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.

5. L-awtorità kompetenti għandha, fi żmien għaxart ijiem minn meta tirċievi l-opinjoni formali msemmija fil-paragrafu 4, tinforma lill-Awtorità u lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA dwar il-passi li tkun ħadet jew li jkun biħsiebha tieħu biex tikkonforma ma' dik l-opinjoni formali.";

(vii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 6, il-kliem "Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 258 TFUE" għandu jinqara "Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont l-Artikolu 31 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar l-Istabbiliment ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja", u l-kelma "l-Awtorità" għandha tinqara "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(viii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, it-tieni subparagrafu ta' paragrafu 6 għandu jinqara kif ġej:

"Deċiżjonijiet tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jiġu adottati mingħajr dewmien żejjed abbażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità fuq inizjattiva tagħha jew fuq it-talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.";

(ix) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-paragrafu 8 għandu jinqara kif ġej:

"8. Annwalment l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tippubblika informazzjoni dwar liema awtoritajiet kompetenti u parteċipanti fis-suq finanzjarju fl-Istati tal-EFTA ma kkonformawx mal-opinjonijiet formali jew id-deċiżjonijiet imsemmija f'paragrafi 4 u 6.";

(j) Fl-Artikolu 18:

(i) fir-rigward l-Istati tal-EFTA, fis-subparagrafi 3 u 4, il-kliem "l-Awtorità" għandu jinqara "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(ii) is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied fil-paragrafi 3 u 4:

"Deċiżjonijiet tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jiġu adottati mingħajr dewmien żejjed abbażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità fuq inizjattiva tagħha jew fuq it-talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.";

(iii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafu 4, il-kliem "Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 258 TFUE" għandu jinqara "Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont l-Artikolu 31 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar l-Istabbiliment ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja";

(k) Fl-Artikolu 19:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, skont il-każ," għandu jiddaħħal wara l-kelma "l-Awtorità";

(ii) fil-paragrafu 3, il-kliem "fl-Istati Membri tal-UE" għandhom jiddaħħlu wara l-kliem "b'effetti vinkolanti fuq l-awtoritajiet kompetenti konċernati";

(iii) is-subparagrafi li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-paragrafu 3:

"Fejn jikkonċerna awtoritajiet kompetenti esklussivament, u fejn tali awtoritajiet ma jirnexxilhomx jilħqu ftehim matul il-fażi ta' konċiljazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' tieħu deċiżjoni li torbothom li jieħdu azzjoni speċifika jew li jżommu lura milli jaġixxu sabiex jindirizzaw il-kwistjoni, b'effetti vinkolanti għall-awtoritajiet kompetenti kkonċernati, sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Ftehim ŻEE.

Fejn jikkonċerna awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru tal-UE wieħed jew iktar u Stat tal-EFTA wieħed jew iktar, u fejn tali awtoritajiet ma jirnexxilhomx jilħqu ftehim matul il-fażi ta' konċiljazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, l-Awtorità u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jistgħu jieħdu deċiżjoni li torbot lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-UE u tal-Istati tal-EFTA kkonċernati li jieħdu azzjoni speċifika jew li jżommu lura milli jaġixxu sabiex jindirizzaw il-kwistjoni, b'effetti vinkolanti għall-awtoritajiet kompetenti kkonċernati, sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Ftehim ŻEE.

Deċiżjonijiet tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jiġu adottati mingħajr dewmien żejjed abbażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità fuq inizjattiva tagħha jew fuq it-talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.";

(iv) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafu 4, il-kliem "Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 258 TFUE" għandu jinqara "Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont l-Artikolu 31 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar l-Istabbiliment ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja", u l-kliem "l-Awtorità" għandu jinqara "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" u l-kliem "il-liġi tal-Unjoni" għandu jinqara "il-Ftehim ŻEE";

(v) fil-paragrafu 4, għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Deċiżjonijiet tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jiġu adottati mingħajr dewmien żejjed abbażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità fuq inizjattiva tagħha jew fuq it-talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.";

(l) Is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied fl-Artikolu 20:

"Fejn jikkonċerna awtoritajiet kompetenti esklussivament, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' tieħu deċiżjoni skont l-Artikolu 19(3) u (4).

Fejn jikkonċerna awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru tal-UE jew aktar u wieħed jew aktar mill-Istati tal-EFTA l-Awtorità rispettivament l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' tadotta deċiżjoni skont l-Artikolu 19(3) u (4).

Deċiżjonijiet mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jiġu adottati, mingħajr dewmien żejjed, abbażi ta' abbozzi mħejjija, kif xieraq, mill-Awtorità, l-Awtorità, l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) jew l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) fuq inizjattiva tagħhom stess jew fuq talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA. L-Awtorità, l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) għandhom, kif xieraq, jaslu skont l-Artikolu 56, għal pożizzjonijiet konġunti u jadottaw id-deċiżjonijiet u/jew abbozzi b'mod parallel.";

(m) Fl-Artiklu 21(4), il-kliem ", jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, skont il-każ," għandu jiddaħħal wara l-kelma "L-Awtorità";

(n) Fl-Artikoli 22(4) u 34(1), il-kliem ", u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jew il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA," għandhom jiddaħħlu wara "Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill jew il-Kummissjoni";

(o) Fl-Artikolu 35(5), il-kliem ", lill-bank ċentrali nazzjonali" ma għandhomx japplikaw għal-Liechtenstein;

(p) Fl-Artikolu 38, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA:

(i) il-kliem "l-Awtorità", "l-Awtorità u l-Kummissjoni", "l-Awtorità, il-Kummissjoni" u "Il-Kummissjoni u l-awtorità" għandu jinqara "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(ii) il-kelma "il-Kunsill" għandha tinqara "Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA";

(iii) is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied wara r-raba' subparagrafu tal-paragrafu 2:

"L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha, mingħajr dewmien żejjed, tgħaddi n-notifika tal-Istat tal-EFTA kkonċernat li l-Awtorità u l-Kummissjoni. Id-deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA li żżomm, temenda jew tħassar deċiżjoni għandha tittieħed abbażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità fuq inizjattiva tagħha jew fuq it-talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.";

(iv) is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied wara t-tielet subparagrafu tal-paragrafu 3:

"L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha, mingħajr dewmien żejjed, tgħaddi n-notifika tal-Istat tal-EFTA lill-Awtorità, il-Kummissjoni u l-Kummissjoni.";

(v) is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied wara l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 4:

"L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tgħaddi n-notifika tal-Istat tal-EFTA lill-Awtorità, il-Kummissjoni u l-Kummissjoni mingħajr dewmien żejjed.";

(vi) għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"6. Fejn, f'każ li jaqa' taħt l-Artikolu 19(3), flimkien mal-Artikolu 20, skont kif ikun il-każ, u fir-rigward ta' nuqqas ta' qbil li jinvolvi wkoll lill-awtoritajiet kompetenti ta' wieħed jew aktar mill-Istati tal-EFTA deċiżjoni tiġi sospiża, jew terminata skont dan l-Artikolu, kwalunkwe deċiżjoni parallela tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fil-kawża kkonċernata għandha tiġi ugwalment sospiża jew itterminata.

Fejn, f'każijiet bħal dawn, l-Awtorità temenda jew tħassar id-deċiżjoni tagħha, l-Awtorità għandha tħejji abbozz għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, bla dewmien żejjed.";

(q) Fl-Artikolu 39:

(i) is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied ma' paragrafu 1:

"Meta tkun qed tħejji abbozz għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont dan ir-Regolament, l-Awtorità għandha tinforma lill-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA, tistipula limitu ta' żmien li fih l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' tippermetti lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, inkluża awtorità kompetenti, li hija d-destinatarja tad-deċiżjoni li għandha tittieħed, sabiex tesprimi l-opinjonijiet tagħha dwar il-kwistjoni, b'kunsiderazzjoni sħiħa tal-urġenza, tal-kumplessità u tal-konsegwenzi potenzjali tal-kwistjoni.";

(ii) is-subparagrafi li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-paragrafu 4:

"Fejn l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tkun ħadet deċiżjoni skont l-Artikolu 18(3) jew (4), din għandha tirrevedi dik id-deċiżjoni f'intervalli xierqa. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tinforma lill-Awtorità b'reviżjonijiet li jkun imiss, kif ukoll bi kwalunkwe żviluppi li jkunu rilevanti għar-reviżjoni.

Id-deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA li temenda jew tħassar deċiżjoni għandha tittieħed abbażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità. Fi żmien propizju qabel kwalunkwe reviżjoni intiża, l-Awtorità għandha tissottometti konklużjonijiet lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, akkumpanjati minn abbozz jekk ikun meħtieġ.";

(iii) fir-rigward tal-Istati EFTA, fil-paragrafu 5, il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, skont il-każ," għandu jiddaħħal wara l-kelma "l-Awtorità";

(r) Fl-Artikolu 40(1):

(i) fil-punt (b), dan li ġej għandu jiddaħħal wara l-kliem "Stat Membru":

"u, mingħajr id-dritt tal-vot, il-kap tal-awtorità pubblika nazzjonali kompetenti għas-superviżjoni tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji f'kull Stat tal-EFTA,";

(ii) f'punt (e), il-kliem "u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "Awtoritajiet";

(s) Fl-Artikolu 43:

(i) fil-paragrafu 2, il-kliem "tħejji abbozzi għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "deċiżjonijiet";

(ii) fil-paragrafi 4 u 6, il-kliem ", u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA," għandu jiddaħħal wara l-kelma "il-Kunsill";

(t) Fl-Artikolu 44:

(i) is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied ma' paragrafu 1:

"Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu għandu japplikaw, *mutatis mutandis*, fil-każ ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont id-dispożizzjonijiet rispettivi ta' dan ir-Regolament.";

(ii) fil-paragrafu 4, il-kliem "kif ukoll ir-rappreżentant tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "id-Direttur Eżekuttiv";

(iii) is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied mal-paragrafu 4:

"Il-membri tal-Bord tas-Superviżuri tal-Istati tal-EFTA skont l-Artikolu 40(1)(b) għandhom ikunu intitolati li jattendu diskussjonijiet fil-Bord tas-Superviżuri dwar parteċipanti individwali fis-swieq finanzjarji.";

(u) Fl-Artikolu 57(2), il-kliem li ġejjin għandu jiddaħħal wara l-kliem "Stat Membru":

"kif ukoll rappreżentant wieħed ta' livell għoli tal-awtorità kompetenti rilevanti minn kull Stat tal-EFTA u rappreżentant wieħed mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.";

(v) Is-subparagrafi segwenti għandhom jiżdiedu fl-Artikolu 60(4):

"Jekk l-appell jikkonċerna deċiżjoni tal-Awtorità adottata fl-Artikolu 19, flimkien mal-Artikolu 20, skont il-każ, f'każ fejn in-nuqqas ta' qbil jista' jinvolvi wkoll l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat tal-EFTA jew aktar, il-Bord tal-Appell għandu jistieden lill-awtorità kompetenti involuta tal-EFTA sabiex tippreżenta l-osservazzjonijiet dwar il-komunikazzjonijiet li ġejjin mill-partijiet fil-proċedimenti tal-appell, fil-limiti taż-żmien speċifikati. L-awtorità kompetenti tal-EFTA involuta għandha tkun intitolata biex tagħmel rappreżentazzjonijiet orali.";

(w) Is-subparagrafi li ġejjin għandhom jiżdiedu fl-Artikolu 62(1)(a):

"L-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali tal-EFTA għandhom jikkontribwixxu finanzjarjament għall-baġit tal-Awtorità b'mod konformi ma' dan il-punt.

Għall-fini tad-determinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet obbligatorji mill-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali tal-EFTA kompetenti għas-superviżjoni ta' parteċipanti fis-suq finanzjarji skont dan il-punt, il-piż ta' kull Stat tal-EFTA għandu jkun dan li ġej:

L-Iżlanda: 2

Il-Liechtenstein: 1

In-Norveġja: 7";

(x) Dan li ġej għandu jiżdied fl-Artikolu 67:

"L-Istati tal-EFTA għandhom japplikaw lill-Awtorità u lill-impjegati tagħha l-Protokoll (Nru 7) dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-TFUE.";

(y) Il-paragrafu li ġej għandu jiżdied fl-Artikolu 68:

"5. Permezz ta' deroga mill-Artikoli 12(2)(a) u 82(3)(a) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Persunal Ieħor, ċittadini tal-Istati tal-EFTA li jgawdu d-drittijiet kollha tagħhom bħala ċittadini jistgħu jiddaħħlu jaħdmu b'kuntratt mid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità.

Permezz ta'deroga mill-Artikoli 12(2)(e) u 82(3)(e) u 85(3) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Uffiċjali Oħrajn, il-lingwi msemmija fl-Artikolu 129(1) tal-Ftehim ŻEE għandhom jitqiesu mill-Awtorità, fir-rigward tal-persunal tagħha, bħala lingwi tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 55(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.";

(z) Il-paragrafu li ġej għandu jiżdied fl-Artikolu 72:

"4. Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni għandu, għall-applikazzjoni tar-Regolament, japplika għall-awtorità kompetenti tal-Istati tal-EFTA rigward id-dokumenti mħejjija mill-Awtorità.".".

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Il-Partijiet Kontraenti għandhom jirrevedu l-qafas stabbilit skont din id-Deċiżjoni u d-Deċiżjonijiet Nru …/… [BERS], Nru …/… [EBA] u Nru …/… [EIOPA] sa mhux aktar tard minn tmiem is-sena [ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni] biex jiżguraw li jkompli jiżgura l-applikazzjoni effettiva u omoġenja tar-regoli komuni u superviżjoni fiż-ŻEE kollha.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi …, jew fil-jum ta' wara l-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE, liema minnhom jiġi l-aħħar (*).

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President* *Is-Segretarji tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

(*) [Mhuma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Partijiet Kontraenti

għad-Deċiżjoni Nru […] li tinkorpora r-Regolament (UE) Nru 1095/2010 fil-Ftehim ŻEE

[għall-adozzjoni mad-Deċiżjoni u għall-pubblikazzjoni fil-ĠU]

Skont l-Artikolu 1(5) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), minn hawn 'il quddiem imsemmija bħala "l-Awtorità", ser taġixxi b'mod indipendenti u imparzjali u fl-interessi biss tal-Unjoni. Wara l-inkorporazzjoni ta' dan ir-Regolament fil-Ftehim ŻEE, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati tal-EFTA ser ikollhom l-istess drittijiet, ħlief għad-dritt tal-vot, bħall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-UE fil-ħidma tal-Awtorità.

Għaldaqstant, u b'rispett sħiħ għall-indipendenza tal-Awtorità, il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE jaqsmu l-fehma li, meta taġixxi skont id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ŻEE, l-Awtorità ser taġixxi fl-interess komuni tal-Partijiet Kontraenti kollha tal-Ftehim ŻEE.

ABBOZZ

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru …**

**ta' …**

**li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 ([1]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jissupplimenta d-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-eżenzjonijiet, il-kundizzjonijiet ġenerali tal-operat, id-depożitarji, l-ingranaġġ, it-trasparenza u s-superviżjoni ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(3) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 694/2014 tas-17 ta' Diċembru 2013 li jissupplimenta d-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jiddeterminaw it-tipi ta' maniġers ta' fondi ta' investiment alternattiv ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(4) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/514 tat-18 ta' Diċembru 2014 dwar l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-awtoritajiet kompetenti lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq skont l-Artikolu 67 (3) tad-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(5) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 447/2013 tal-15 ta' Mejju 2013 li jistabbilixxi l-proċedura għall-AIFMs li jagħżlu li jipparteċipaw skont id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(6) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 448/2013 tal-15 ta' Mejju 2013 li jistabbilixxi proċedura għad-determinazzjoni tal-Istat Membru ta' referenza ta' AIFM mhux mill-UE skont id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(7) Il-Ministri tal-Finanzi u l-Ekonomija tal-UE u taż-ŻEE-EFTA, fil-konklużjonijiet tagħhom ([7]) tal-14 ta' Ottubru 2014 dwar l-inkorporazzjoni tar-Regolamenti tal-UE dwar l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej fil-Ftehim ŻEE, saħqu li, f'konformità mal-istruttura mibnija fuq żewġ pilastri tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ser tieħu deċiżjonijiet indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti taż-ŻEE-EFTA jew operaturi tas-suq fl-Istati taż-ŻEE-EFTA, rispettivament. L-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej tal-UE ser ikunu kompetenti biex iwettqu azzjonijiet li ma jorbtux legalment, bħall-adozzjoni ta' rakkomandazzjonijiet u medjazzjoni li ma torbotx legalment, ukoll fejn jidħlu l-awtoritajiet kompetenti u l-operaturi tas-suq taż-ŻEE-EFTA. Azzjoni min-naħa ta' kwalunkwe minnhom ser tiġi ppreċeduta, kif xieraq, minn konsultazzjoni, koordinazzjoni, jew skambju ta' informazzjoni bejn l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej tal-UE u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.

([1]) ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1.
([2]) ĠU L 83, 22.3.2013, p. 1.
([3]) ĠU L 183, 24.6.2014, p. 18.
([4]) ĠU L 82, 27.3.2015, p. 5.
([5]) ĠU L 132, 16.5.2013, p. 1.
([6]) ĠU L 132, 16.5.2013, p. 3.
([7]) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ministri tal-Finanzi u l-Ekonomija tal-UE u ż-ŻEE-EFTA, 14178/1/14 REV 1.

(8) Id-Direttiva 2011/61/UE tispeċifika każijiet fejn l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) tista' temporanjament tipprojbixxi jew tirrestrinġi ċerti attivitajiet finanzjarji, u tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għalihom, f'konformità mal-Artikolu 9(5) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). Għall-fini tal-Ftehim ŻEE, dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, skont il-punt 31i tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE u skont il-kundizzjonijiet preskritti fihom. Biex żgur ikun hemm integrazzjoni tal-għarfien espert tal-ESMA fil-proċess u konsistenza bejn iż-żewġ pilastri taż-ŻEE, tali deċiżjonijiet tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ser jiġu adottati abbażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq. Dan ser jippreserva l-vantaġġi ewlenin ta' superviżjoni minn awtorità waħda. Il-Partijiet Kontraenti jikkondividu l-fehma li din id-Deċiżjoni timplimenta l-ftehim li ġie rifless fil-konklużjonijiet tal-14 ta' Ottubru 2014.

(9) L-Anness IX tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 31bac (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1287/2006) tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE:

"31bb. **32011 L 0061:** Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 ta' dan il-Ftehim, u sakemm mhux previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, it-termini "Stat Membru/i" u "awtoritajiet kompetenti" għandhom jinftiehmu li jinkludu, apparti t-tifsira tagħhom fir-Regolament, l-Istati tal-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, rispettivament;

(b) Sakemm mhux previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jikkooperaw, jiskambjaw informazzjoni u jikkonsultaw lil xulxin għall-finijiet tad-Direttiva u, b'mod partikolari qabel ma tittieħed kwalunkwe azzjoni;

(c) Referenzi għal atti oħrajn fid-Direttiva għandhom japplikaw sal-punt u l-mod li dawk l-atti jiġu inkorporati f'dan il-Ftehim.

(d) Referenzi għas-setgħat tal-ESMA skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward id-Direttiva għandhom jinftiehmu bħala li jirreferu, fil-każijiet previsti fi u f'konformità mal-punt 31i ta' dan l-Anness, għas-setgħat tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fir-rigward tal-Istati tal-EFTA;

(e) Fir-rigward tal-Istati EFTA, l-Artikolu 4(1)(an) għandu jinqara kif ġej:

""entitajiet ta' titolizzazzjoni b'għan speċjali" tfisser entitajiet li l-għan uniku tagħhom huwa li jwettqu titolizzazzjoni jew titolizzazzjonijiet fit-tifsira definita hawn taħt, u attivitajiet oħra li huma adatti sabiex jintlaħaq dak l-għan.

Għall-fini ta' din id-Direttiva, "titolizzazzjoni" tfisser tranżazzjoni jew skema fejn entità li hija separata mill-oriġinatur jew l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni u hija maħluqa għal jew isservi l-iskop tat-tranżazzjoni jew skema, toħroġ strumenti ta' finanzjament lill-investituri, u jseħħu wieħed jew iktar minn dawn li ġejjin:

(a) attiv jew ġabra ta' attivi, jew parti minnu, jiġi ttrasferit lil entità li hija separata mill-oriġinatur u hija maħluqa għal jew isservi l-iskop tat-tranżazzjoni jew skema, jew bit-trasferiment tat-titolu legali jew tal-interess benefiċjarju ta' dak l-attiv mill-oriġinatur jew permezz ta' subparteċipazzjoni;

([1]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.

(b) ir-riskju ta' kreditu ta' attiv jew ġabra ta' attivi, jew parti minnu, jiġi ttrasferit permezz tal-użu ta' derivattivi ta' kreditu, garanziji jew kull mekkaniżmu simili ieħor lill-investituri fl-istrumenti ta' finanzjament maħruġin minn entità li hija separata mill-oriġinatur u hija maħluqa għal jew isservi l-finijiet tat-tranżazzjoni jew tal-iskema;

(c) ir-riskji tal-assigurazzjoni huma ttrasferiti minn impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni lil entità separata li hija maħluqa għal jew isservi l-iskop tat-tranżazzjoni jew tal-iskema, fejn l-entità tiffinanzja għal kollox l-esponiment tagħha għal dawn ir-riskji permezz tal-ħruġ ta' strumenti ta' finanzjament, u d-drittijiet ta' ħlas lura tal-investituri f'dawk l-istrumenti ta' finanzjament jiġu ssubordinati għall-obbligi tar-riassigurazzjoni tal-entità;

Meta jinħarġu dawn l-istrumenti ta' finanzjament, ma jirrappreżentawx l-obbligi tal-ħlas tal-oriġinatur, jew tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni;";

(f) Fl-Artikolu 7(5), għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-AETS [ESMA] għandha tinkludi fir-reġistru pubbliku ċentrali msemmi fit-tieni subparagrafu, taħt l-istess kundizzjonijiet, informazzjoni dwar l-AIFMs awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat tal-EFTA skont din id-Direttiva, AIF immaniġġjati u/jew ikkummerċjalizzati fiż-ŻEE minn AIFM tali u l-awtoritajiet kompetenti għal kull AIFM tali.";

(g) Fl-Artikolu 9(6) u fl-Artikolu 21(6)(b), (7) u (17)(b), il-kliem "liġi tal-Unjoni" għandu jinbidel bil-kliem "Ftehim ŻEE";

(h) Fl-Artikolu 21(3)(c), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem "21 ta' Lulju 2011" għandu jinqara "id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta'… [din id-deċiżjoni]";

(i) Fl-Artikolu 43:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem "tal-liġi tal-Unjoni" għandu jinqara "applikabbli skont il-Ftehim ŻEE";

(ii) fil-paragrafu 2, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem "sat-22 ta' Lulju 2014" għandu jinqara "id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta'… [din id-deċiżjoni]";

(j) Fl-Artikolu 47:

(i) fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 u fil-paragrafi 2, 8 u 10, il-kliem "jew, kif jista' jkun il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA," għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(ii) fil-paragrafu 3, il-kliem "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(iii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-punti 4, 5 u 9, il-kelma "AETS" għandha tinqara "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(iv) fil-paragrafu 7 għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"F'każijiet li jirrigwardaw l-Istati tal-EFTA, qabel it-tħejjija ta' abbozz skont l-Artikolu 9(5) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 fid-dawl ta' deċiżjoni min-naħa tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont il-paragrafu 4, l- AETS [ESMA] għandha tikkonsulta, fejn ikun xieraq, il-BERS u awtoritajiet rilevanti oħrajn. Hija għandha tibgħat l-osservazzjonijiet lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.";

(k) Fl-Artikolu 50, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem ", l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(ii) fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 4, il-kliem ", l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħal wara l-kliem "lil xulxin";

(l) Fl-Artikolu 61, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem "it-22 ta' Lulju 2013" u "it-22 ta' Lulju 2017" għandu jinqara "tmintax-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta'… [din id-deċiżjoni]".

31bba. **32013 R 0231:** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2013 tad- 19 ta' Diċembru 2012 li jissupplimenta d-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-eżenzjonijiet, il-kundizzjonijiet ġenerali tal-operat, id-depożitarji, l-ingranaġġ, it-trasparenza u s-superviżjoni (ĠU L 83, 22.3.2013, p. 1).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Delegat għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 ta' dan il-Ftehim, u sakemm mhux previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, ir-referenzi għal "UE" jew Stati Membri u awtoritajiet kompetenti tal-"Unjoni" għandhom jinftiehmu li jinkludu, apparti t-tifsira tagħhom fir-Regolament Delegat, l-Istati tal-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, rispettivament;

(b) Fl-Artikolu 15, 84, 86 u 99, il-kliem "liġi tal-Unjoni" għandu jinbidel bil-kliem "Ftehim ŻEE";

(c) Fl-Artikolu 55, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem "l-1 ta' Jannar 2011" għandu jinqara "id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta'… [din id-deċiżjoni]" u l-kliem "il-31 ta' Diċembru 2014" għandu jinqara "tnax-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta' … [din id-deċiżjoni]";

(d) Fl-Artikolu 114(3), il-kliem "leġislazzjoni tal-Unjoni" għandu jinbidel bil-kliem "leġislazzjoni applikabbli skont il-Ftehim ŻEE".

31bbb. **32013 R 0447:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 447/2013 tal-15 ta' Mejju 2013 li jistabbilixxi l-proċedura għall-AIFMs li jagħżlu li jipparteċipaw skont id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 132, 16.5.2013, p. 1).

31bbc. **32013 R 0448:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 448/2013 tal-15 ta' Mejju 2013 li jistabbilixxi proċedura għad-determinazzjoni tal-Istat Membru ta' referenza ta' AIFM mhux mill-UE skont id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 132, 16.5.2013, p. 3).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni għandhom jinqraw bl-adattament li ġej:

Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 ta' dan il-Ftehim, u sakemm mhux previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, it-termini "Stat Membru/i" u "awtoritajiet kompetenti" għandhom jinftiehmu li jinkludu, apparti t-tifsira tagħhom fir-Regolament ta' Implimentazzjoni, l-Istati tal-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, rispettivament.

31bbd. **32014 R 0694:** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 694/2014 tas-17 ta' Diċembru 2013 li jissupplimenta d-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jiddeterminaw it-tipi ta' maniġers ta' fondi ta' investiment alternattiv (ĠU L 183, 24.6.2014, p. 18).

31bbe. **32015 R 0514:** Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/514 tat-18 ta' Diċembru 2014 dwar l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-awtoritajiet kompetenti lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq skont l-Artikolu 67(3) tad-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 82, 27.3.2015, p. 5).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Delegat għandhom jinqraw bl-adattament li ġej:

Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 ta' dan il-Ftehim, u sakemm mhux previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, it-termini "Stat Membru/i" u "awtoritajiet kompetenti" għandhom jinftiehmu li jinkludu, apparti t-tifsira tagħhom fir-Regolament Delegat, l-Istati tal-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, rispettivament.".

*Artikolu 2*

L-Anness IX tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Dan li ġej jiżdied fil-punti 30 (id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill), 31eb (ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) u 31i (ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

   ", kif emendat bi:

   — **32011 L 0061:** Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1)."

2. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 31d (id-Direttiva 2003/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

   "— **32011 L 0061:** Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).".

*Artikolu 3*

It-testi tad-Direttiva 2011/61/UE u r-Regolamenti Delegati (UE) Nru 231/2013, (UE) Nru 694/2014 u (UE) 2015/514 u r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 447/2013 u (UE) Nru 448/2013 fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi […], dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*), jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta' … ([1]) [li tinkorpora r-Regolament ESMA (UE) Nru 1095/2010], skont liema data tkun l-iżjed tard.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

*Is-Segretarji tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

(*) [Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]

([1]) ĠU L …

ABBOZZ

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru …**

**ta' …**

**li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 236/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 dwar bejgħ bin-nieqes u ċerti aspetti tas-swaps ta' inadempjenza tal-kreditu ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 826/2012 tad-29 ta' Ġunju 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 236/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar ir-rekwiżiti tan-notifika u d-divulgazzjoni fir-rigward tal-pożizzjonijiet bin-nieqes netti, id-dettalji tal-informazzjoni li għandha tiġi provduta lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq fir-rigward tal-pożizzjonijiet bin-nieqes netti u l-metodu għall-kalkolu tal-fatturat li jiddetermina l-ishma eżentati ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 827/2012 tad-29 ta' Ġunju 2012 li jistabbilixxi l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-mezzi għad-divulgazzjoni pubblika ta' pożizzjoni netta f'ishma, il-format tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq fir-rigward tal-pożizzjonijiet bin-nieqes netti, it-tipi ta' ftehimiet, arranġamenti u miżuri li jiżguraw b'mod xieraq li ishma jew strumenti ta' dejn sovran huma disponibbli għas-saldu u d-dati u l-perjodu għad-determinazzjoni taċ-ċentru ewlieni għal sehem skont ir-Regolament (UE) Nru 236/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar bejgħ bin-nieqes u ċerti aspetti tas-swaps ta' inadempjenza tal-kreditu ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(4) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 918/2012 tal-5 ta' Lulju 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 236/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar bejgħ bin-nieqes u ċerti aspetti ta' swaps ta' inadempjenza tal-kreditu fir-rigward tad-definizzjonijiet, il-kalkolu ta' pożizzjonijiet bin-nieqes netti, swaps ta' inadempjenza tal-kreditu sovrani koperti, livelli limitu ta' notifika, livelli limitu ta' likwidità għas-sospensjoni tar-restrizzjonijiet, waqgħat sinifikanti fil-valur tal-istrumenti finanzjarji u avvenimenti avversi ([4]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(5) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 919/2012 tal-5 ta' Lulju 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 236/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar bejgħ bin-nieqes u ċerti aspetti ta' swaps ta' inadempjenza tal-kreditu fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għall-metodu tal-kalkolu tal-waqgħa fil-valur għal ishma likwidi u strumenti finanzjarji oħra ([5]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(6) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/97 tas-17 ta' Ottubru 2014 li jikkoreġi r-Regolament Delegat (UE) Nru 918/2012 fir-rigward tan-notifiki tal-pożizzjonijiet bin-nieqes netti sinifikanti f'dejn sovran ([6]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(7) Il-Ministri tal-Finanzi u l-Ekonomija tal-UE u taż-ŻEE-EFTA, fil-konklużjonijiet tagħhom ([7]) tal-14 ta' Ottubru 2014 dwar l-inkorporazzjoni tar-Regolamenti tal-UE dwar l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej fil-Ftehim ŻEE, saħqu li, f'konformità mal-istruttura tal-Ftehim dwar iż-ŻEE mibnija fuq żewġ pilastri, l-Awtorità ta'

([1]) ĠU L 86, 24.3.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 251, 18.9.2012, p. 1.
([3]) ĠU L 251, 18.9.2012, p. 11.
([4]) ĠU L 274, 9.10.2012, p. 1.
([5]) ĠU L 274, 9.10.2012, p. 16.
([6]) ĠU L 16, 23.1.2015, p. 22.
([7]) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ministri tal-Finanzi u l-Ekonomija tal-UE u ż-ŻEE-EFTA, 14178/1/14 REV 1.

Sorveljanza tal-EFTA ser tieħu deċiżjonijiet indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti taż-ŻEE-EFTA jew operaturi tas-suq fl-Istati taż-ŻEE-EFTA, rispettivament. L-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej tal-UE ser ikunu kompetenti biex iwettqu azzjonijiet li ma jorbtux legalment fejn jidħlu l-awtoritajiet kompetenti u l-operaturi tas-suq taż-ŻEE-EFTA wkoll. Azzjoni min-naħa ta' kwalunkwe minnhom ser tiġi ppreċeduta, kif xieraq, minn konsultazzjoni, koordinazzjoni, jew skambju ta' informazzjoni bejn l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej tal-UE u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.

(8) Ir-Regolament (UE) Nru 236/2012 jispeċifika l-każijiet fejn l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) tista' temporanjament tipprojbixxi jew tirrestrinġi ċerti attivitajiet finanzjarji, u jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għalihom, f'konformità mal-Artikolu 9(5) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). Għall-finijiet tal-Ftehim ŻEE, dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, skont il-punt 31i tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE u skont il-kundizzjonijiet preskritti fih. Biex żgur ikun hemm integrazzjoni tal-għarfien espert tal-ESMA fil-proċess u konsistenza bejn iż-żewġ pilastri taż-ŻEE, tali deċiżjonijiet tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ser jiġu adottati abbażi ta' abbozzi mħejjija mill-ESMA. Dan ser jippreserva l-vantaġġi ewlenin ta' superviżjoni minn awtorità waħda. Il-Partijiet Kontraenti jikkondividu l-fehma li din id-Deċiżjoni timplimenta l-ftehim li ġie rifless fil-konklużjonijiet tal-14 ta' Ottubru 2014.

(9) L-Anness IX tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 29e (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1569/2007) tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE:

"29f. **32012 R 0236:** Ir-Regolament (UE) Nru 236/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 dwar bejgħ bin-nieqes u ċerti aspetti tas-swaps ta' inadempjenza tal-kreditu (ĠU L 86, 24.3.2012, p. 1).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 ta' dan il-Ftehim, u sakemm mhux previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, it-termini "Stat/i Membru/i" u "awtoritajiet kompetenti" għandhom jinftiehmu li jinkludi, apparti t-tifsira tagħhom fir-Regolament, l-Istati tal-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, rispettivament;

(b) Sakemm mhux previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jikkooperaw, jiskambjaw informazzjoni u jikkonsultaw lil xulxin għall-finijiet tar-Regolament, b'mod partikolari qabel ma tittieħed kwalunkwe azzjoni;

(c) Fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 23(4), il-kliem "u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, skont kif ikun il-każ," għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(d) Fl-Artikolu 28:

(i) fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, il-kliem "jew, fil-każ tal-Istati tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(ii) fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, fil-paragrafi 2, 3, 5, 6, 8, 10 u 11 u fil-punt (b) tal-paragrafu 7, il-kliem "jew, skont kif ikun il-każ, lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA," għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

([1]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.

(iii) fil-paragrafu 3, il-kliem "mingħajr ma toħroġ l-opinjoni" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "mingħajr ma l-AETS [ESMA] toħroġ l-opinjoni";

(iv) fil-paragrafu 4, għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"F'każijiet li jirrigwardaw l-Istati tal-EFTA, qabel it-tħejjija ta' abbozz skont l-Artikolu 9(5) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 fid-dawl ta' deċiżjoni min-naħa tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont il-paragrafu 1, l-AETS [ESMA] għandha tikkonsulta l-BERS u, fejn xieraq, awtoritajiet rilevanti oħra. Hija għandha tibgħat l-osservazzjonijiet lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.";

(v) fil-paragrafu 7, il-kliem "kwalunkwe deċiżjoni" għandha tfisser "kull deċiżjoni tiegħu";

(vi) fil-paragrafu 7, il-kliem ". L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tippubblika fis-sit tal-Internet tagħha avviż ta' kull waħda mill-għażliet tagħha li timponi jew iġġedded kwalunkwe miżura msemmija fil-paragrafu 1. Referenza għall-pubblikazzjoni tal-avviż mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha titqiegħed fuq is-sit tal-Internet tal-AETS [ESMA]" għandu jiddaħħal wara l-kliem "il-paragrafu 1";

(vii) fil-paragrafu 9, il-kliem "jew, fir-rigward ta' miżuri meħuda mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, meta l-avviż jiġi ppubblikat fuq is-sit tal-Internet tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA," għandu jiddaħħlu wara l-kliem "sit tal-Internet tal-AETS";

(e) Fl-Artikolu 31, il-kliem "il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "awtoritajiet";

(f) Fl-Artikolu 32, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem ", l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(g) Fl-Artikolu 36, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem "u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(h) Fl-Artikolu 37(3), il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, skont kif ikun il-każ," għandu jiddaħħal wara l-kliem "meħtieġ mill-AETS";

(i) Fl-Artikolu 46, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA:

(i) il-paragrafu 1 ma għandux japplika;

(ii) fil-paragrafu 2, il-kliem "il-25 ta' Marzu 2012" għandu jinqara "id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta' … [din id-deċiżjoni]".

29fa. **32012 R 0826:** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 826/2012 tad-29 ta' Ġunju 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 236/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar ir-rekwiżiti tan-notifika u d-divulgazzjoni fir-rigward tal-pożizzjonijiet bin-nieqes netti, id-dettalji tal-informazzjoni li għandha tiġi provduta lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq fir-rigward tal-pożizzjonijiet bin-nieqes netti u l-metodu għall-kalkolu tal-fatturat li jiddetermina l-ishma eżentati (ĠU L 251, 18.9.2012, p. 1).

29fb. **32012 R 0827:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 827/2012 tad-29 ta' Ġunju 2012 li jistabbilixxi l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-mezzi għad-divulgazzjoni pubblika ta' pożizzjoni netta f'ishma, il-format tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq fir-rigward tal-pożizzjonijiet bin-nieqes netti, it-tipi ta' ftehimiet, arranġamenti u miżuri li jiżguraw b'mod xieraq li ishma jew strumenti ta' dejn sovran huma disponibbli għas-saldu u d-dati u l-perjodu għad-determinazzjoni taċ-ċentru ewlieni għal sehem skont ir-Regolament (UE) Nru 236/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar bejgħ bin-nieqes u ċerti aspetti tas-swaps ta' inadempjenza tal-kreditu (ĠU L 251, 18.9.2012, p. 11).

29fc. **32012 R 0918:** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 918/2012 tal-5 ta' Lulju 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 236/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar bejgħ bin-nieqes u ċerti aspetti ta' swaps ta' inadempjenza tal-kreditu fir-rigward tad-definizzjonijiet, il-kalkolu ta' pożizzjonijiet bin-nieqes netti, swaps ta' inadempjenza tal-kreditu sovrani koperti, livelli limitu ta' notifika, livelli limitu ta' likwidità għas-sospensjoni tar-restrizzjonijiet, waqgħat sinifikanti fil-valur tal-istrumenti finanzjarji u avvenimenti avversi (ĠU L 274, 9.10.2012, p. 1) kif emendat b'li ġej:

— **32015 R 0097:** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/97 tas-17 ta' Ottubru 2014 (ĠU L 16, 23.1.2015, p. 22).

29fd. **32012 R 0919:** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 919/2012 tal-5 ta' Lulju 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 236/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar bejgħ bin-nieqes u ċerti aspetti ta' swaps ta' inadempjenza tal-kreditu fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għall-metodu tal-kalkolu tal-waqgħa fil-valur għal ishma likwidi u strumenti finanzjarji oħra (ĠU L 274, 9.10.2012, p. 16).".

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 236/2012 u tar-Regolamenti Delegati (UE) Nru 826/2012, (UE) Nru 918/2012, (UE) Nru 919/2012 u (UE) 2015/97 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 827/2012 bl-ilsien Iżlandiż u b'dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi […], dment li jkunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*), jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta'… ([1]) [li tinkorpora r-Regolament ESMA (UE) Nru 1095/2010], skont liema data tkun l-iżjed tard.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President* *Is-Segretarji għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

(*) [Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]
([1]) ĠU L …

ABBOZZ

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru …**

**ta' …**

**li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivattivi OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Il-Ministri tal-Finanzi u l-Ekonomija tal-UE u taż-ŻEE-EFTA, fil-konklużjonijiet tagħhom ([2]) tal-14 ta' Ottubru 2014 dwar l-inkorporazzjoni tar-Regolamenti dwar l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej tal-UE fil-Ftehim dwar iż-ŻEE, laqgħu b'sodisfazzjon is-soluzzjoni bilanċjata misjuba bejn il-partijiet kontraenti, li tqis l-istruttura u l-objettivi tar-Regolamenti tal-UE dwar l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej u tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, kif ukoll ir-restrizzjonijiet legali u politiċi tal-UE u l-Istati taż-ŻEE-EFTA.

(3) Il-Ministri tal-Finanzi u l-Ekonomija tal-UE u taż-ŻEE-EFTA saħqu li, f'konformità mal-istruttura tal-Ftehim dwar iż-ŻEE mibni fuq żewġ pilastri, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ser tieħu deċiżjonijiet indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti taż-ŻEE-EFTA jew lill-operaturi tas-suq fl-Istati taż-ŻEE-EFTA. L-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej tal-UE ser ikunu kompetenti biex iwettqu azzjonijiet ta' natura mhux vinkolanti, anki rigward awtoritajiet kompetenti u operaturi tas-suq taż-ŻEE-EFTA. L-azzjoni minn kull waħda miż-żewġ naħat tkun preċeduta, kif xieraq, b'konsultazzjoni, koordinazzjoni, jew skambju ta' informazzjoni bejn l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej tal-UE u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.

(4) Biex żgur ikun hemm integrazzjoni tal-għarfien espert tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej tal-UE fil-proċess u konsistenza bejn iż-żewġ pilastri, deċiżjonijiet individwali u opinjonijiet formali tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA indirizzati lil awtorità kompetenti individwali waħda jew operatur tas-suq wieħed jew aktar taż-ŻEE-EFTA ser jiġu adottati fuq bażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità Superviżorja Ewropea rilevanti tal-UE. Dan jippreserva l-vantaġġi ewlenin ta' superviżjoni minn awtorità waħda. Dawn il-prinċipji japplikaw b'mod partikolari għas-superviżjoni diretta mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) ta' repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet.

(5) Il-Partijiet Kontraenti jikkondividu l-fehim li din id-Deċiżjoni timplimenta l-ftehim li kien rifless f'dawn il-konklużjonijiet, u għalhekk għandha tiġi interpretata f'konformità mal-prinċipji li huma jirrappreżentaw.

(6) L-Anness IX tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness IX tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej jiddaħħal fil-punt 16b (id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"— **32012 R 0648:** Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).".

([1]) ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1.
([2]) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Ministri tal-Finanzi u l-Ekonomija tal-UE u ż-ŻEE-EFTA, 14178/1/14 REV 1.

2. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 31bb (id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"31bc. **32012 R 0648:** Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 ta' dan il-Ftehim, u sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, it-termini "Stat Membru(i)" u "awtoritajiet kompetenti" għandhom jinftiehmu li jinkludu, apparti t-tifsira tagħhom fir-Regolament, lill-Istati tal-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, rispettivament;

(b) Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jikkooperaw, jiskambjaw informazzjoni u jikkonsultaw lil xulxin għall-iskopijiet tar-Regolament, b'mod partikolari, qabel ma tittieħed xi azzjoni. B'mod partikolari, dan jinkludi l-obbligu li jgħaddu lil xulxin, mingħajr dewmien bla bżonn, l-informazzjoni meħtieġa minn kull entità biex twettaq id-dmirijiet tagħha skont dan ir-Regolament, bħalma hija t-tħejjija ta' abbozzi mill-ESMA kif stabbilit fil-punt (d). Dan ikopri, fost l-oħrajn, informazzjoni riċevuta minn kwalunkwe korp bħala riżultat tal-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni jew tweġibiet għal talbiet għal informazzjoni mibgħuta lil operaturi tas-suq jew miksuba minn kwalunkwe korp matul investigazzjonijiet fuq il-post.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 109 ta' dan il-Ftehim, l-ESMA u l-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA għandhom jgħaddu f'idejn il-korp l-ieħor kull applikazzjoni, informazzjoni, ilment jew talba li jaqgħu fil-kompetenza ta' dak il-korp.

F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn l-ESMA u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fir-rigward tal-amministrazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, il-President tal-ESMA u l-Kulleġġ tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom, waqt li jittieħed kont tal-urġenza tal-kwistjoni, mingħajr dewmien bla bżonn, isejħu laqgħa biex jintlaħaq kunsens. Jekk it-tali kunsens ma jinstabx, il-President tal-ESMA jew il-Kulleġġ tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jistgħu jitolbu li l-Partijiet Kontraenti għandhom jirreferu l-kwistjoni lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li għandu jindirizzaha skont l-Artikolu 111 ta' dan il-Ftehim li għandu japplika *mutatis mutandis*. F'konformità mal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 1/94 tat-8 ta' Frar 1994 li tadotta r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (ĠU L 85, 30.3.1994, p. 60), Parti Kontraenti tista' titlob immedjatament l-organizzazzjoni ta' laqgħat f'ċirkustanzi ta' urġenza. Minkejja dak kollu li hemm f'dan il-paragrafu, Parti Kontraenti tista' f'kull ħin tirreferi l-kwistjoni lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fuq inizjattiva tagħha stess skont l-Artikoli 5 jew 111 ta' dan il-Ftehim;

(c) Kull referenza għal "il-membri tas-SEBĊ" jew għal "banek ċentrali" għandha tinftiehem li tinkludi, apparti t-tifsira tagħha fir-Regolament, il-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati tal-EFTA, ħlief fir-rigward tal-Liechtenstein li għalihom dawn ir-referenzi ma għandhomx japplikaw;

(d) Id-deċiżjonijiet, id-deċiżjonijiet interim, in-notifiki, is-sempliċi talbiet, ir-revoki ta' deċiżjonijiet u miżuri oħra mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont l-Artikoli 56(2), 58(1), 61(1), 62(3), 63(4), 64(5), 65(1), 66(1), 71 u 73(1) għandhom, mingħajr dewmien bla bżonn, jiġu adottati fuq il-bażi ta' abbozzi mħejjija mill-ESMA fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA;

(e) Fl-Artikoli 4(2)(a) u 7(5) u fl-Artikolu 11(6) u (10), il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, kif ikun il-każ" għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(f) Fl-Artikolu 6(2)(c), il-kliem "fl-Unjoni u, fejn huwa differenti, fl-Istati tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kliem "jieħu effett";

(g) Fl-Artikoli 9(1) u 11(3), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem "16 ta' Awwissu 2012" isir "id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru…/… ta'… [din id-deċiżjoni]";

(h) Fl-Artikoli 12(2), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem "Sas-17 ta' Frar 2013" għandu jinqara "Fi żmien sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru…/… ta'… [din id-deċiżjoni]";

(i) Fl-Artikolu 17:

(i) fil-paragrafu 4 u fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 5, il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, kif ikun il-każ" għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(ii) fil-paragrafu 5, il-kliem "liġi tal-Unjoni" għandu jiġi ssostitwit bil-kliem "il-Ftehim ŻEE";

(j) Fl-Artikoli 18 u 25, il-kliem "il-muniti l-aktar rilevanti tal-Unjoni" għandu jiġu ssostitwit bil-kliem "il-muniti l-aktar rilevanti tal-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim ŻEE";

(k) Fl-Artikolu 55(1), il-kliem "jew, fil-każ ta' repożitorju tad-data dwar it-tranżazzjonijiet stabbilit fi Stat tal-EFTA, mal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA", għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(l) Fl-Artikolu 56:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem "jew, fil-każ ta' repożitorju tad-data dwar it-tranżazzjonijiet stabbilit fi Stat tal-EFTA, lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA", għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(ii) fil-paragrafu 2, il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, kif ikun il-każ" għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(m) fl-Artikolu 57, il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, kif ikun il-każ" għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(n) fl-Artikolu 58, il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, kif ikun il-każ" għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(o) Fl-Artikolu 59:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, kif ikun il-każ" għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(ii) il-paragrafu 2 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"L-AETS [ESMA] u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jikkomunikaw lil xulxin u lill-Kummissjoni kull deċiżjoni li tittieħed f'konformità mal-paragrafu 1.".

(p) Fl-Artikolu 60, il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(q) Fl-Artikolu 61:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem "jew, fil-każ ta' repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet jew partijiet terzi relatati li lilhom ir-repożitorji tad-data jkunu esternalizzaw il-funzjonijiet jew attivitajiet operattivi, li jkunu stabbiliti fi Stat tal-EFTA, lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA", għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(ii) fil-paragrafi 2, 3 u 5, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kelma "AETS" għandha tinqara "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(iii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-punt (g) tal-paragrafu 3 għandu jinqara kif ġej:

"tindika d-dritt li d-deċiżjoni tiġi eżaminata mill-Qorti tal-EFTA skont l-Artikolu 36 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja.";

(iv) fil-paragrafu 5 għandu jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:

"L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha mingħajr dewmien bla bżonn tibgħat l-informazzjoni li tirċievi skont dan l-Artikolu lill-AETS [ESMA].";

(r) Fl-Artikolu 62:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem "jew, fil-każ li persuna soġġetta għal investigazzjoni tkun stabbilita fi Stat tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA", għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(ii) fil-paragrafu 1 għandu jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:

"Uffiċjali tal-AETS [ESMA] u persuni oħrajn awtorizzati minnha għandhom ikunu intitolati li jassistu lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fit-twettiq tad-dmirijiet tagħha skont dan l-Artikolu u għandhom id-dritt li jipparteċipaw f'investigazzjonijiet fuq talba tal-AETS [ESMA].";

(iii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafi 2, 3, 4 u l-ewwel u t-tieni sentenza tal-paragrafu 6, il-kelma "AETS" għandha tinqara "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(iv) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, it-tieni sentenza tal-paragrafu 3 għandha tinqara kif ġej:

"Id-deċiżjoni għandha tispeċifika s-suġġett u l-fini tal-investigazzjoni, il-pagamenti perjodiċi ta' penali li jsir provvediment għalihom fl-Artikolu 66 u d-dritt li d-deċiżjoni tkun eżaminata mill-Qorti tal-EFTA skont l-Artikolu 36 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja.";

(v) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fit-tielet sentenza tal-paragrafu 6, il-kliem "il-fajl tal-AETS" għandu jinqara "il-fajl tal-AETS [ESMA] u tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(vi) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, ir-raba' sentenza tal-paragrafu 6 għandu jinqara kif ġej:

"Il-legalità tad-deċiżjoni tal-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA għandha tkun soġġetta li tiġi eżaminata biss mill-Qorti tal-EFTA skont il-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja.";

(s) Fl-Artikolu 63:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem "jew, fil-każ ta' persuni ġuridiċi stabbiliti fi Stat tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA", għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(ii) fil-paragrafu 1 jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:

"L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha mingħajr dewmien bla bżonn tibgħat l-informazzjoni li tirċievi skont dan l-Artikolu lill-AETS [ESMA].";

(iii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafi 2 sa 7 u l-ewwel u t-tieni u t-tielet sentenzi tal-paragrafu 9, il-kelma "AETS" għandha tinqara "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(iv) fil-paragrafu 2 għandu jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:

"Uffiċjali tal-AETS [ESMA] u persuni oħrajn awtorizzati minnha għandhom ikunu intitolati biex jassistu lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fit-twettiq tad-dmirijiet tagħha skont dan l-Artikolu u għandhom id-dritt li jipparteċipaw fi spezzzjonijiet fuq il-post.";

(v) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, it-tieni sentenza tal-paragrafu 4 għandha tinqara kif ġej:

"Id-deċiżjoni għandha tispeċifika s-suġġett u l-fini tal-investigazzjoni, tispeċifika d-data li fiha hija tkun ser tibda u tindika l-pagamenti perjodiċi ta' penali li jsir provvediment għalihom fl-Artikolu 66 kif ukoll id-dritt li d-deċiżjoni tkun eżaminata mill-Qorti tal-EFTA skont l-Artikolu 36 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja.";

(vi) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fir-raba' sentenza tal-paragrafu 9, il-kliem "il-fajl tal-ESMA" għandu jinqara "il-fajl tal-AETS [ESMA] u tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(vii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-ħames sentenza tal-paragrafu 9 għandha tinqara kif ġej:

"Il-legalità tad-deċiżjoni tal-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA tkun soġġetta li tiġi eżaminata biss mill-Qorti tal-EFTA skont il-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja.";

(t) Fl-Artikolu 64:

(i) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafu 1, l-ewwel sentenza, il-kliem "l-AETS taħtar uffiċjal indipendenti tal-investigazzjoni fl-AETS biex jinvestiga l-kwistjoni" għandu jinqara "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha taħtar uffiċjal indipendenti tal-investigazzjoni fl-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA biex jinvestiga l-kwistjoni, wara konsultazzjonijiet mal-AETS [ESMA].";

(ii) fil-paragrafu 1 għandu jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:

"L-uffiċjal tal-investigazzjoni maħtur mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ma għandux ikun involut jew kien involut, direttament jew indirettament, fis-superviżjoni jew fil-proċess tar-reġistrazzjoni tar-repożitorju tad-data dwar it-tranżazzjonijiet ikkonċernat u għandu jwettaq il-funzjonijiet tiegħu indipendentement mill-Kulleġġ tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA u mill-Bord ta' Superviżuri tal-AETS [ESMA].";

(iii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafi 2, 3 u 4, il-kliem "u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(iv) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafu 5, wara l-kliem "l-Artikolu 67,", il-bqija tas-sentenza għandha taqra kif ġej:

"l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tiddeċiedi jekk wieħed jew aktar mill-ksur elenkati fl-Anness I ikunx twettaq mill-persuni li kienu soġġetti għall-investigazzjonijiet, u f'tali każ, għandha tieħu miżura superviżorja skont l-Artikolu 73 u timponi multa skont l-Artikolu 65.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tipprovdi lill-AETS [ESMA] bl-informazzjoni u l-fajls kollha meħtieġa għat-twettiq tal-obbligi tagħha skont dan il-paragrafu.";

(v) fil-paragrafu 6, il-kliem "jew tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "tal-AETS";

(vi) fil-paragrafu 8, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kelma "AETS" għandha tinqara "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(u) Fl-Artikolu 65:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem "jew, fil-każ ta' repożitorju tad-data dwar it-tranżazzjonijiet stabbilit fi Stat tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA", għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(ii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafu 2, il-kelma "AETS" għandha tinqara "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(v) Fl-Artikolu 66:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem "jew, fil-każ li r-repożitorju tad-data dwar it-tranżazzjonijiet jew il-persuna kkonċernata tkun stabbilita fi Stat tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA", għandu jiddaħħal wara l-kliem "AETS";

(ii) fil-paragrafu 4, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kelma "AETS" għandha tinqara "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(w) Fl-Artikolu 67:

(i) fil-paragrafu 1 għandhom jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

“Qabel ma tipprepara xi abbozz għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont l-Artikoli 65 u 66, l-AETS [ESMA] għandha tagħti lill-persuni soġġetti għal proċedimenti l-opportunità li jixhdu rigward il-kostatazzjonijiet tagħha. L-AETS [ESMA] għandha tibbaża l-abbozzi tagħha biss fuq kostatazzjonijiet li dwarhom il-persuni soġġetti għall-proċeduri kellhom l-opportunità li jikkummentaw.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tibbaża d-deċiżjonijiet tagħha skont l-Artikoli 65 u 66 biss fuq kostatazzjonijiet li dwarhom il-persuni soġġetti għall-proċedimenti kellhom l-opportunità li jikkummentaw.”;

(ii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafu 2, il-kliem “il-fajl tal-AETS” għandu jinqara “il-fajl tal-AETS [ESMA] u tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA”;

(iii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafu 2, il-kliem “id-dokumenti preparatorji interni tal-AETS” għandu jinqara “id-dokumenti preparatorji interni tal-AETS [ESMA] u tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA”;

(x) Fl-Artikolu 68:

(i) fil-paragrafu 1, għandu jiddaħħal dan li ġej:

“L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tiddivulga wkoll lill-pubbliku kull multa u penali perjodika li tkun imponiet skont l-Artikoli 65 u 66, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan il-paragrafu fir-rigward tal-iżvelar ta' multi u penali perjodiċi mill-AETS [ESMA]”;

(ii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafi 3 u 4, il-kelma “AETS” għandha tinqara “l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA”;

(iii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafu 3, il-kliem “il-Parlament Ewropew, il-Kunsill” għandu jinqara “l-AETS [ESMA] u l-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA”;

(iv) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafu 4, il-kliem “il-Qorti tal-Ġustizzja” għandu jinqara “il-Qorti tal-EFTA”;

(v) fil-paragrafu 5 għandu jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:

“Il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA għandu jiddetermina l-allokazzjoni tal-ammonti tal-multi u tal-pagamenti perjodiċi ta' penali miġbura mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.”;

(y) Fl-Artikolu 71:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem “jew, fil-każ ta' repożitorju tad-data dwar it-tranżazzjonijiet stabbilit fi Stat tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA”, għandu jiddaħħal wara l-kelma “AETS”;

(ii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafu 2, il-kelma “AETS” għandha tinqara “l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA”;

(iii) fit-tieni sentenza tal-paragrafu 3, il-kliem “jew, fil-każ ta' repożitorju tad-data dwar it-tranżazzjonijiet stabbilit fi Stat tal-EFTA, li ma jiġix ippreparat abbozz għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għal dak l-effett”, għandu jiddaħħal wara l-kelma “konċernat”;

(z) Fl-Artikolu 72(1), għandhom jiddaħħlu s-subparagrafi li ġejjin:

“Fir-rigward ta' repożitorju tad-data dwar it-tranżazzjonijiet stabbiliti fi Stat tal-EFTA, għandhom jiġu imposti miżati mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fuq l-istess bażi tal-miżati mitluba għal repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet oħrajn skont dan ir-Regolament u l-atti ddelegati li ssir referenza għalihom fil-paragrafu 3.

L-ammonti miġbura mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont dan il-paragrafu għandhom jingħaddu lill-AETS [ESMA] mingħajr dewmien bla bżonn.”;

(za) Fl-Artikolu 73:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem "jew, fil-każ ta' repożitorju tad-data dwar it-tranżazzjonijiet stabbilit fi Stat tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA", għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(ii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafu 2, il-kelma "AETS" għandha tinqara "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(iii) fil-paragrafu 3 għandhom jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"Mingħajr dewmien bla bżonn, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tinnotifika kwalunkwe deċiżjoni adottata skont il-paragrafu 1 lir-repożitorju tad-data dwar it-tranżazzjonijiet ikkonċernat, u għandha tikkomunikaha lill-awtoritajiet kompetenti u lill-Kummissjoni. L-AETS [ESMA] għandha tippubblika kull tali deċiżjoni fuq is-sit elettroniku tagħha fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data meta tkun ġiet adottata. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tippubblika wkoll kull deċiżjoni li tieħu fuq is-sit elettroniku tagħha fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data meta tkun ġiet adottata.

Meta jippubblikaw deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA kif imsemmi fit-tielet subparagrafu, l-AETS [ESMA] u l-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA għandhom jinfurmaw ukoll pubblikament bil-fatt li r-repożitorju tad-data dwar it-tranżazzjonijiet ikkonċernat kollu d-dritt li d-deċiżjoni li tolqtu tiġi eżaminata mill-Qorti tal-EFTA, bil-fatt, fejn rilevanti, li tali proċedimenti jkunu ġew istitwiti, bl-ispeċifikazzjoni li l-azzjonijiet imressqa quddiem il-Qorti tal-EFTA ma jkollhomx effett ta' sospensjoni, u bil-fatt li huwa possibbli li l-Qorti tal-EFTA tissospendi l-applikazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata skont l-Artikolu 40 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja.";

(zb) Fl-Artikolu 74:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, kif ikun il-każ," għandu jiddaħħal qabel il-kliem "tista' tiddelega kompiti superviżorji speċifiċi";

(ii) fil-paragrafi 2 u 5 il-kliem "jew, skont il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(iii) għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"6. Qabel ma jiddelegaw kompitu, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA u l-ESMA għandhom jikkonsultaw lil xulxin.";

(zc) L-Artikoli 75(2) u (3) u 76 ma għandhomx japplikaw;

(zd) Fl-Artikolu 81(3), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA:

(i) fil-punt (h), il-kliem "mal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 75" għandu jinqara "mal-Istat tal-EFTA fejn ikun stabbilit li jagħti l-aċċess reċiproku għal kuntratti derivattivi miżmuma f'repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet";

(ii) fil-punt (k), il-kliem "mal-AETS, kif imsemmi fl-Artikolu 76" għandu jinqara "mal-Istat tal-EFTA fejn ikun stabbilit li jagħti aċċess għall informazzjoni dwar kuntratti derivattivi miżmuma f'repożitorji tad-data dwar it-transazzjonijiet stabbiliti f'dak l-Istat tal-EFTA";

(iii) it-test tal-punt (j) għandu jinqara kif ġej:

"l-Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija, soġġett għall-kontenut u d-dħul fis-seħħ ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li jinkorpora r-Regolament (KE) Nru 713/2009 tar-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija.";

(zf) Fl-Artikolu 83, il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(zg) Fl-Artikolu 84, il-kliem ", l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(zh) Fl-Artikoli 87(2), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem "sas-17 ta' Awwissu 2014" għandu jinqara "fi żmien sena mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru…/… ta'… [din id-deċiżjoni]";

(zi) Fl-Artikolu 89:

(i) fil-paragrafu 1, għandu jiddaħħal is-subparagrafu li ġej wara l-ewwel subparagrafu:

"Għal tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru…/… ta'… [din id-deċiżjoni], l-obbligu ta' kklerjar stabbilit fl-Artikolu 4 ma għandux japplika għall-kuntratti tad-derivati OTC li huma oġġettivament miżurabbli bħala li jnaqqsu r-riskji ta' investiment direttament relatati mas-solvenza finanzjarja ta' arranġamenti ta' skemi tal-pensjoni kif definiti fl-Artikolu 2(10) li huma stabbiliti fi Stat tal-EFTA. Il-perjodu tranżitorju għandu japplika wkoll għall-entitajiet stabbiliti għall-iskop li jingħata kumpens lil membri ta' arranġamenti ta' skemi tal-pensjoni f'każ ta' inadempjenza.";

(ii) fil-paragrafi 3, 5, 6 u 8, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem " jiġu adottati mill-Kummissjoni" għandu jinqara "jkunu japplikaw fiż-ŻEE, wara li jkunu adottati mill-Kummissjoni,";

(iii) fil-paragrafu 3, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem "tad-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li jkunu jinkludu" għandu jiddaħħal wara l-kliem "tad-dħul fis-seħħ";

(iv) fil-paragrafi 5 u 6, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem "tad-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li jkunu jinkludu" għandu jiddaħħal wara l-kliem "tad-dħul fis-seħħ";

(zj) Fil-punti (a) u (c) tal-Parti IV tal-Anness I u fil-punt (g) tal-Parti I u fil-punt (c) tal-Parti II tal-Anness II, il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, kif ikun il-każ" għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS".".

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi […], dment li jkunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*), jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta' … [1] [li tinkorpora r-Regolament ESMA (UE) Nru 1095/2010], skont liema data tkun l-iżjed tard.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President* — *Is-Segretarji għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

(*) [Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.] [Hemm indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]

(1) ĠU L …

ABBOZZ

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru …

# ta' …

# li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 513/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 462/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(3) Il-Ministri tal-Finanzi u l-Ekonomija tal-UE u taż-ŻEE-EFTA, fil-konklużjonijiet tagħhom ([3]) tal-14 ta' Ottubru 2014 dwar l-inkorporazzjoni tar-Regolamenti dwar l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej tal-UE fil-Ftehim dwar iż-ŻEE, laqgħu b'sodisfazzjon is-soluzzjoni bilanċjata misjuba bejn il-partijiet kontraenti, li tqis l-istruttura u l-objettivi tar-Regolamenti tal-UE dwar l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej u tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, kif ukoll ir-restrizzjonijiet legali u politiċi tal-UE u l-Istati taż-ŻEE-EFTA.

(4) Il-Ministri tal-Finanzi u l-Ekonomija tal-UE u taż-ŻEE-EFTA saħqu li, f'konformità mal-istruttura tal-Ftehim dwar iż-ŻEE mibni fuq żewġ pilastri, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ser tieħu deċiżjonijiet indirizzati lill-operaturi tas-suq fl-Istati taż-ŻEE-EFTA. L-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej tal-UE ser ikunu kompetenti biex iwettqu azzjonijiet ta' natura mhux vinkolanti, anki rigward awtoritajiet kompetenti u operaturi tas-suq taż-ŻEE-EFTA. L-azzjoni minn kull waħda miż-żewġ naħat tkun preċeduta, kif xieraq, b'konsultazzjoni, koordinazzjoni, jew skambju ta' informazzjoni bejn l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej tal-UE u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.

(5) Biex żgur ikun hemm integrazzjoni tal-għarfien espert tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej tal-UE fil-proċess u konsistenza bejn iż-żewġ pilastri, deċiżjonijiet individwali u opinjonijiet formali tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA indirizzati lil awtorità kompetenti individwali waħda jew operatur tas-suq wieħed jew aktar taż-ŻEE-EFTA ser jiġu adottati fuq bażi ta' abbozzi mħejjija mill-Awtorità Superviżorja Ewropea rilevanti tal-UE. Dan jippreserva l-vantaġġi ewlenin ta' superviżjoni minn awtorità waħda. Dawn il-prinċipji japplikaw b'mod partikolari għas-superviżjoni diretta mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) ta' aġenziji li jiggradaw il-kreditu.

(6) Il-Partijiet Kontraenti jikkondividu l-fehim li din id-Deċiżjoni timplimenta l-ftehim li kien rifless f'dawn il-konklużjonijiet, u għalhekk għandha tiġi interpretata f'konformità mal-prinċipji li huma jirrappreżentaw.

(7) L-Anness IX tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Dan li ġej jiżdied mal-punt 31eb (ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE:

"— **32011 R 0513:** Ir-Regolament (UE) Nru 513/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2011 (ĠU L 145, 31.5.2011, p. 30),

([1]) ĠU L 145, 31.5.2011, p. 30.
([2]) ĠU L 146, 31.5.2013, p. 1.
([3]) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Ministri tal-Finanzi u l-Ekonomija tal-UE u ż-ŻEE-EFTA, 14178/1/14 REV 1.

— **32013 R 0462:** Ir-Regolament (UE) Nru 462/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 (ĠU L 146, 31.5.2013, p. 1),

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 ta' dan il-Ftehim, u sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, it-termini "Stat Membru(i)", "awtoritajiet kompetenti" u "awtoritajiet kompetenti settorjali" għandhom jinftiehmu li jinkludu, apparti t-tifsira tagħhom fir-Regolament, lill-Istati tal-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet kompetenti settorjali tagħhom, rispettivament;

(b) Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jikkooperaw, jiskambjaw informazzjoni u jikkonsultaw lil xulxin għall-iskopijiet tar-Regolament, b'mod partikolari, qabel ma tittieħed xi azzjoni. B'mod partikolari, dan jinkludi l-obbligu li jgħaddu lil xulxin, mingħajr dewmien bla bżonn, l-informazzjoni meħtieġa minn kull entità biex twettaq id-dmirijiet tagħha skont dan ir-Regolament, bħalma hija t-tħejjija ta' abbozzi mill-ESMA kif stabbilit fil-punt (d). Dan ikopri, fost l-oħrajn, informazzjoni riċevuta minn kwalunkwe korp bħala riżultat tal-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni jew tweġibiet għal talbiet għal informazzjoni mibgħuta lil operaturi tas-suq jew miksuba minn kwalunkwe korp matul investigazzjonijiet fuq il-post.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 109 ta' dan il-Ftehim, l-ESMA u l-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA għandhom jgħaddu f'idejn il-korp l-ieħor kull applikazzjoni, informazzjoni, ilment jew talba li jaqgħu fil-kompetenza ta' dak il-korp.

F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn l-ESMA u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fir-rigward tal-amministrazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, il-President tal-ESMA u l-Kulleġġ tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom, waqt li jittieħed kont tal-urġenza tal-kwistjoni, mingħajr dewmien bla bżonn, isejħu laqgħa biex jintlaħaq kunsens. Jekk tali kunsens ma jinstabx, il-President tal-ESMA jew il-Kulleġġ tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jistgħu jitolbu li l-Partijiet Kontraenti jirreferu l-kwistjoni lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li għandu jindirizzaha skont l-Artikolu 111 ta' dan il-Ftehim għandu li japplika *mutatis mutandis*. F'konformità mal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 1/94 tat-8 ta' Frar 1994 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (ĠU L 85, 30.3.1994, p. 60), Parti Kontraenti tista' titlob immedjatament l-organizzazzjoni ta' laqgħat f'ċirkustanzi ta' urġenza. Minkejja dak kollu li hemm f'dan il-paragrafu, Parti Kontraenti tista' f'kull ħin tirreferi l-kwistjoni lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fuq inizjattiva tagħha stess skont l-Artikoli 5 jew 111 ta' dan il-Ftehim;

(c) Ir-referenzi kollha għal banek ċentrali nazzjonali skont ir-Regolament ma għandhomx japplikaw għal-Liechtenstein;

(d) Id-deċiżjonijiet, id-deċiżjonijiet interim, in-notifiki, is-sempliċi talbiet, ir-revoki ta' deċiżjonijiet u miżuri oħra mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont l-Artikoli 6(3), 15(4), 16(2), 16(3), 17(2), 17(3), 20, 23b(1), 23c (3), 23d(4), 23e(5), 24(1), 24(4), 25(1), 36a(1) u 36b(1) għandhom, mingħajr dewmien bla bżonn, jiġu adottati fuq il-bażi ta' abbozzi mħejjija mill-ESMA fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA;

(e) Fl-Artikolu 3(1)(g), il-kliem "liġi tal-Unjoni" għandu jiġi ssostitwit bil-kliem "il-Ftehim ŻEE";

(f) Fl-Artikolu 6(3):

(i) il-kliem "jew, fil-każ ta' aġenzija li tiggrada l-kreditu stabbilita fi Stat tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA", għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(ii) għandhom jiżdiedu is-subparagrafi li ġejjin:

"Fil-każ ta' grupp ta' aġenziji li jiggradaw il-kreditu li jikkonsisti minn tal-anqas aġenzija waħda li tiggrada l-kreditu stabbilita fi Stat tal-EFTA, u tal-anqas aġenzija li tiggrada l-kreditu waħda li jkollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fi Stat Membru tal-UE, l-AETS [ESMA] u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jiżguraw b'mod konġunt li tal-anqas waħda mill-aġenziji li tiggrada l-kreditu fil-grupp ma tkunx eżenti milli tikkonforma mar-rekwiżiti tal-punti 2, 5 u 6 tat-Taqsima A tal-Anness I u mal-Artikolu 7(4).

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA u l-AETS [ESMA] għandhom jgħarrfu lil xulxin dwar kwalunkwe żviluppi li jkunu rilevanti għall-adozzjoni ta' atti skont dan il-paragrafu.";

(g) Fl-Artikolu 8b(2), il-kliem "liġi tal-Unjoni" għandu jiġi ssostitwit bil-kliem "il-Ftehim ŻEE";

(h) Fl-Artikoli 8d(2) u 18(3), għandu jiżdied dan li ġej:

"L-AETS [ESMA] għandha tinkludi f'dik il-lista aġenziji li jiggradaw il-kreditu stabbiliti fi Stat tal-EFTA.";

(i) Fl-Artikolu 9, il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fir-rigward tal-Istati tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(j) Fl-Artikolu 10(6) u fil-punt 52 tal-Parti I tal-Anness III, il-kliem ", l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(k) Fl-Artikoli 11(2) u 11a(2), għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-AETS [ESMA] għandha tippubblika l-informazzjoni ppreżentata mill-aġenziji li jiggradaw il-kreditu stabbiliti fi Stat tal-EFTA skont dan l-Artikolu.";

(l) Fl-Artikolu 14:

(i) fil-paragrafi 2 u 5, il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, kif ikun il-każ" għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(ii) fil-paragrafu 4, il-kliem "jew, fil-każ ta' aġenzija li tiggrada l-kreditu stabbilita fi Stat tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA", għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(m) Fl-Artikolu 15:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem "jew, fil-każ ta' aġenzija li tiggrada l-kreditu stabbilita fi Stat tal-EFTA, lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA", għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(ii) fil-paragrafu 2, il-kliem "jew, fil-każ fejn jingħata mandat lil aġenzija li tiggrada l-kreditu stabbilita fi Stat tal-EFTA, lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA", għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(iii) fil-paragrafu 4, il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, kif ikun il-każ" għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(n) fl-Artikolu 16, il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, kif ikun il-każ" għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS".

(o) Fl-Artikolu 17:

(i) fil-paragrafi 1, 2 u 4, il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, kif ikun il-każ" għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(ii) fil-paragrafu 3, il-kliem "jew, fil-każ ta' kull aġenzija li tiggrada l-kreditu stabbilita fi Stat tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA", jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(p) Fl-Artikolu 18:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, kif ikun il-każ" għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(ii) il-paragrafu 2 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"L-AETS [ESMA] u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jikkomunikaw lil xulxin, lill-Kummissjoni, lill-EBA, lill-EIOPA, lill-awtoritajiet kompetenti u lill-awtoritajiet kompetenti settorjali, kull deċiżjoni skont l-Artikolu 16, 17 jew 20.";

(q) Fl-Artikolu 19(1), jiddaħħlu s-subparagrafi li ġejjin:

"Fir-rigward ta' aġenziji li jiggradaw il-kreditu stabbiliti fi Stat tal-EFTA, għandhom jiġu imposti miżati mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fuq l-istess bażi tal-miżati mitluba għal aġenziji oħrajn li jiggradaw il-kreditu skont dan ir-Regolament u r-regolament tal-Kummissjoni msemmi fil-paragrafu 2.

L-ammonti miġbura mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont dan il-paragrafu għandhom jingħaddew lill-AETS [ESMA] mingħajr dewmien bla bżonn.";

(r) Fl-Artikolu 20:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem "jew, fil-każ ta' aġenzija li tiggrada l-kreditu stabbilita fi Stat tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA", għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(ii) fit-tieni sentenza tal-paragrafu 2, il-kliem "jew, fil-każ ta' aġenzija li tiggrada l-kreditu stabbilita fi Stat tal-EFTA, li ma jiġix ippreparat abbozz għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għal dak l-effett", jiddaħħal wara l-kelma "konċernata".

(s) Fl-Artikolu 21:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fil-każ ta' aġenzija li tiggrada l-kreditu stabbilita fi Stat tal-EFTA", għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(ii) fil-paragrafu 5, għandu jiddaħħal dan li ġej:

"Dak ir-rapport għandu jinkludi wkoll lill-aġenziji li jiggradaw il-kreditu tal-EFTA rreġistrati skont dan ir-Regolament, f'konformità ma' deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tgħarraf lill-AETS [ESMA] bl-informazzjoni kollha meħtieġa għat-twettiq tal-obbligi tagħha skont dan il-paragrafu.";

(iii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-paragrafu 6 għandu jinqara kif ġej:

"L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tissottometti annwalment lill-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA rapport dwar miżuri superviżorji meħuda u penali imposti mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont dan ir-Regolament, inklużi multi u ħlasijiet ta' penali perjodiċi.";

(t) Fl-Artikolu 23, il-kliem ", l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS".

(u) Fl-Artikolu 23a, il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS".

(v) Fl-Artikolu 23b:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem "jew, fil-każ ta' aġenzija li tiggrada l-kreditu jew ta' persuni involuti f'attivitajiet ta' ggradar tal-kreditu, entitatjiet relatati uu partijiet terzi relatati, partijiet terzi li lilhom l-aġenziji li jiggradaw il-kreditu ikunu esternalizzaw il-funzjonijiet operattivi jew attivitajiet u persuni b'xi mod ieħor relatati mill-qrib u b'mod sostanzjali jew konnessi ma' aġenziji li jiggradaw il-kreditu jew attivitajiet ta' ggradar tal-kreditu, stabbiliti f'xi Stat tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA," għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(ii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafi 2, 3 u 5, il-kelma "AETS" għandha tinqara "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(iii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-punt (g) tal-paragrafu 3 għandu jinqara kif ġej:

"tindika d-dritt li d-deċiżjoni tiġi eżaminata mill-Qorti tal-EFTA skont l-Artikolu 36 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja.";

(iv) fil-paragrafu 5 għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha mingħajr dewmien bla bżonn tibgħat l-informazzjoni li tirċievi skont dan l-Artikolu lill-AETS [ESMA].";

(w) Fl-Artikolu 23c:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem "jew, fil-każ li persuna suġġetta għal investigazzjoni tkun stabbilita fi Stat tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA", għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(ii) fil-paragrafu 1 għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Uffiċjali tal-AETS [ESMA]u persuni oħrajn awtorizzati minnha għandhom ikunu intitolati biex jassistu lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fit-twettiq tad-dmirijiet tagħha skont dan l-Artikolu u għandhom id-dritt li jipparteċipaw f'investigazzjonijiet fuq talba tal-AETS [ESMA].";

(iii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafi 2, 3, 4 u l-ewwel u t-tieni sentenza tal-paragrafu 6, il-kelma "AETS" għandha tinqara "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(iv) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, it-tieni sentenza tal-paragrafu 3 għandha taqra kif ġej:

"Id-deċiżjoni għandha tispeċifika s-suġġett u l-fini tal-investigazzjoni, il-pagamenti perjodiċi ta' penali li jsir provvediment għalihom fl-Artikolu 36b u d-dritt li d-deċiżjoni tkun eżaminata mill-Qorti tal-EFTA skont l-Artikolu 36 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja.";

(v) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fit-tielet sentenza tal-paragrafu 6, il-kliem "il-fajl tal-ESMA" għandha tinqara "il-fajl tal-ESMA u tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(vi) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, ir-raba' sentenza tal-paragrafu 6 għandha tinqara kif ġej:

"Il-legalità tad-deċiżjoni tal-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA għandha tkun suġġetta li tiġi eżaminata biss mill-Qorti tal-EFTA skont il-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja.";

(x) Fl-Artikolu 23d:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem "jew, fil-każ ta' persuni ġuridiċi stabbiliti fi Stat tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA", għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(ii) fil-paragrafu 1 jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha mingħajr dewmien bla bżonn tibgħat l-informazzjoni li tirċievi skont dan l-Artikolu lill-AETS [ESMA].";

(iii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafi 2 sa 7 u l-ewwel u t-tieni sentenzi tal-paragrafu 9, il-kelma "AETS" għandha taqra "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(iv) fil-paragrafu 2 għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Uffiċjali tal-AETS [ESMA] u persuni oħrajn awtorizzati minnha għandhom ikunu intitolati biex jassistu lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fit-twettiq tad-dmirijiet tagħha skont dan l-Artikolu u għandhom id-dritt li jipparteċipaw fi spezzzjonijiet fuq il-post fuq talba tal-AETS [ESMA].";

(v) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, it-tieni sentenza tal-paragrafu 4 għandu jaqra kif ġej:

"Id-deċiżjoni għandha tispeċifika s-suġġett u l-fini tal-investigazzjoni, tispeċifika d-data li fiha hija tkun ser tibda u tindika l-pagamenti perjodiċi ta' penali li jsir provvediment għalihom fl-Artikolu 36b kif ukoll id-dritt li d-deċiżjoni tkun eżaminata mill-Qorti tal-EFTA skont l-Artikolu 36 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja.";

(vi) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fit-tielet sentenza tal-paragrafu 9, il-kliem "il-fajl tal-AETS" għandha tinqara "il-fajl tal-AETS [ESMA] u tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(vii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, ir-raba' sentenza tal-paragrafu 9 għandha tinqara kif ġej:

"Il-legalità tad-deċiżjoni tal-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA għandha tkun suġġetta li tiġi eżaminata biss mill-Qorti tal-EFTA skont il-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja.";

(y) Fl-Artikolu 23e:

(i) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafu 1, l-ewwel sentenza, il-kliem "l-AETS għandha taħtar uffiċjal indipendenti tal-investigazzjoni fl-ESMA biex jinvestiga l-kwistjoni" għandu jsir "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha taħtar uffiċjal indipendenti tal-investigazzjoni fl-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA biex jinvestiga l-kwistjoni, wara konsultazzjonijiet mal-AETS [ESMA]."

(ii) fil-paragrafu 1 għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-uffiċjal tal-investigazzjoni maħtur mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ma għandux ikun involut jew kien involut fis-superviżjoni diretta jew indiretta jew fil-proċess tar-reġistrazzjoni tal-aġenzija li tiggradaw il-kreditu kkonċernata u għandu jwettaq il-funzjonijiet tiegħu indipendentement mill-Kulleġġ tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA u mill-Bord ta' Superviżuri tal-AETS [ESMA].";

(iii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafi 2, 3 u 4, il-kliem "u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "il-Bord tas-Superviżuri tal-AETS [ESMA]";

(iv) fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2, il-kliem "u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(v) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafu 5, wara l-kliem "u 36c,", il-bqija tas-sentenza għandha tinqara kif ġej:

"l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tiddeċiedi jekk wieħed jew aktar mit-tipi ta' ksur elenkati fl-Anness III ikunx twettaq mill-persuni li kienu soġġetti għall-investigazzjonijiet, u f'tali każ, għandha tieħu miżura superviżorja skont l-Artikolu 24 u timponi multa skont l-Artikolu 36a.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tipprovdi lill-AETS [ESMA] bl-informazzjoni u l-fajls kollha meħtieġa għat-twettiq tal-obbligi tagħha skont dan il-paragrafu.";

(vi) fil-paragrafu 6, il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kliem "il-Bord ta' Superviżuri tal-AETS";

(vii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafu 8, il-kelma "AETS" għandha tinqara "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(z) Fl-Artikolu 24:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem "jew, fil-każ ta' aġenzija li tiggrada l-kreditu stabbilita fi Stat tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA", għandu jiddaħħal wara l-kliem "il-Bord ta' Superviżuri tal-AETS";

(ii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafi 2 u 4, il-kelma "il-Bord ta' Superviżuri tal-AETS" għandha tinqara "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(iii) fil-paragrafu 4, il-kliem "id-deċiżjoni tal-AETS" għandu jiġi sostitut bil-kliem "id-deċiżjoni tal-AETS [ESMA] jew tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, skont il-każ,";

(iv) fil-paragrafu 5 jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"Mingħajr dewmien bla bżonn, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tinnotifika kwalunkwe deċiżjoni adottata skont il-paragrafu 1 lill-aġenzija li tiggrada l-kreditu stabbilita fl-Istat tal-EFTA kkonċernat u għandha tikkomunika kwalunkwe tali deċiżjoni lill-awtoritajiet kompetenti u lill-awtoritajiet kompetenti settorjali, lill-Kummissjoni, lill-AETS [ESMA], lill-EBA u lill-EIOPA. L-AETS [ESMA] għandha tippubblika kull tali deċiżjoni fuq il-websajt tagħha fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mid-data meta tkun ġiet adottata. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tippubblika wkoll kull deċiżjoni li tieħu fuq il-websajt tagħha fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data meta tkun ġiet adottata.

Meta jippubblikaw deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA kif imsemmi fit-tielet subparagrafu, l-AETS [ESMA] u l-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA għandhom ukoll jinfurmaw pubblikament bil-fatt li l-aġenzija li tiggrada l-kreditu kkonċernata jkollha d-dritt li d-deċiżjoni li tolqotha tiġi eżaminata mill-Qorti tal-EFTA, bil-fatt, fejn rilevanti, li tali proċedimenti jkunu ġew istitwiti, bl-ispeċifikazzjoni li l-azzjonijiet imressqa quddiem il-Qorti tal-EFTA ma jkollhomx effett ta' sospensjoni, u bil-fatt li huwa possibbli li l-Qorti tal-EFTA tissospendi l-applikazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata skont l-Artikolu 40 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja.";

(za) Fl-Artikolu 25:

(i) fil-paragrafu 1 għandhom jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"Qabel ma tipprepara xi abbozz għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont l-Artikolu 24(1), il-Bord tas-Superviżuri tal-AETS [ESMA] għandu jagħti lill-persuni soġġetti għal proċedimenti l-opportunità li jixhdu rigward il-kostatazzjonijiet. Il-Bord tas-Superviżuri tal-AETS [ESMA] għandu jibbaża l-abbozzi tiegħu biss fuq kostatazzjonijiet li dwarhom il-persuni soġġetti għall-proċedimenti kellhom l-opportunita' li jikkummentaw.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tibbaża d-deċiżjonijiet tagħha skont l-Artikolu 24(1) biss fuq kostatazzjonijiet li dwarhom il-persuni soġġetti għall-proċedimenti kellhom l-opportunità li jikkummentaw.

It-tielet u r-raba' subparagrafu ma għandhomx japplikaw jekk tkun meħtieġa azzjoni urġenti biex ma titħalliex li ssir ħsara sinifikanti u imminenti lis-sistema finanzjarja. F'każ bħal dan, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' tadotta deċiżjoni interim, u l-persuni kkonċernati għandhom jingħataw l-opportunità li jixhdu mill-Bord ta' Superviżuri tal-AETS [ESMA] malajr kemm jista' jkun wara li tkun iittieħdet id-deċiżjoni";

(ii) fil-paragrafu 2, il-kliem "il-fajl tal-AETS" għandu jinqara "il-fajl tal-AETS [ESMA] u tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(zb) Fl-Artikoli 26 u 27(1), il-kliem "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(zc) Fl-Artikolu 27(2), il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(zd) Fl-Artikolu 30:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, kif ikun il-każ," għandu jiddaħħal qabel il-kliem "tista' tiddelega kompiti superviżorji speċifiċi";

(ii) fil-paragrafi 2, 3 u 4 il-kliem "jew, skont il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(iii) għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"5. Qabel ma jiddelegaw kompitu, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA u l-AETS [ESMA] għandhom jikkonsultaw lil xulxin.";

(ze) Fl-Artikolu 31:

(i) fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, kif ikun il-każ" għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(ii) fil-paragrafu 2, il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, kif ikun il-każ" għandu jiddaħħal wara l-kliem "l-awtorità kompetenti li tinnotifika tista' titlob li l-AETS";

(ii) fil-paragrafu 2 għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Jekk it-talba minn awtorità kompetenti nazzjonali tkun tikkonċerna aġenzija li tiggrada l-kreditu stabbilita fi Stat tal-EFTA, l-AETS [ESMA] għandha tikkonsulta lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA mingħajr dewmien bla bżonn.";

(zf) Fl-Artikolu 32:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-ewwel darba li tintuża l-kelma "AETS";

(ii) fil-paragrafu 1, il-kliem "għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara t-tieni darba li tintuża l-kelma "AETS";

(iii) fil-paragrafu 1, il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara t-tielet darba li tintuża l-kelma "AETS";

(iv) fil-paragrafu 2, il-kliem "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(zg) Fl-Artikolu 35a(6), il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(zh) Fl-Artikolu 36a:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem "jew, fil-każ ta' aġenzija li tiggrada l-kreditu stabbilita fi Stat tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA", għandu jiddaħħal wara l-kliem "il-Bord ta' Superviżuri tal-AETS" u "AETS";

(ii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafu 2, il-kelma "AETS" għandha tinqara "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(zi) Fl-Artikolu 36b:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem "jew, fil-każ li l-aġenzija li tiggrada l-kreditu jew il-persuna kkonċernata tkun stabbilita fi Stat tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA", għandhom jiddaħħlu wara l-kliem "il-Bord ta' Superviżuri tal-AETS";

(ii) fil-paragrafi 4, il-kliem "jew, skont il-każ, tad-deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kliem "tad-deċiżjoni tal-AETS";

(zj) Fl-Artikolu 36c:

(i) fil-paragrafu 1 għandhom jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"Qabel ma jipprepara xi abbozz għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont l-Artikolu 36(a) jew il-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 36b(1), il-Bord tas-Superviżuri tal-AETS [ESMA] għandu jagħti lill-persuni soġġetti għal proċedimenti l-opportunità li jixhdu rigward il-kostatazzjonijiet. Il-Bord tas-Superviżuri tal-AETS [ESMA] għandu jibbaża l-abbozzi tiegħu biss fuq kostatazzjonijiet li dwarhom il-persuni soġġetti għall-proċedimenti kellhom l-opportunita' li jikkummentaw.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tibbaża d-deċiżjonijiet tagħha skont l-Artikolu 36a jew il-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 36b(1) biss fuq kostatazzjonijiet li dwarhom il-persuni soġġetti għall-proċedimenti kellhom l-opportunità li jikkummentaw.";

(ii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafu 2, il-kliem "il-fajl tal-AETS" għandha tinqara "il-fajl tal-AETS [ESMA] u tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(zk) Fl-Artikolu 36d:

(i) fil-paragrafu 1, għandu jiddaħħal dan li ġej:

"L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha wkoll tiddivulga lill-pubbliku kull multa u penali perjodika li tkun imponiet skont l-Artikoli 36a u 36b, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan il-paragrafu fir-rigward tal-iżvelar ta' multi u penali perjodiċi mill-AETS [ESMA]";

(ii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafu 3, il-kelma "AETS" issir "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(iii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafu 3, il-kliem "il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea" għandu jinqara "il-Qorti tal-EFTA";

(iv) fil-paragrafu 4 għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA għandu jiddetermina l-allokazzjoni tal-ammonti tal-multi u tal-pagamenti perjodiċi ta' penali miġbura mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.";

(zl) L-Artikolu 40a ma għandux japplika fil-każ tal-Istati tal-EFTA.

(zm) Fil-punt 7 tal-Parti I u l-punt 3 tal-Parti II tal-Anness IV, il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, kif ikun il-każ" għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS".".

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti (UE) Nru 513/2011 u (UE) Nru 462/2013 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi […], sakemm ikunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*), jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta' … [1] [li tinkorpora r-Regolament (UE) Nru 1095/2010], skont liema data tkun l-iżjed tard.

(*) [Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.] [Hemm indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]
[1] ĠU L …

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

*Is-Segretarji għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

Dikjarazzjoni mill-Istati tal-EFTA

għad-Deċiżjoni Nru …/… li tinkorpora r-Regolamenti (UE) Nru 513/2011 u (UE) Nru 462/2013 fil-Ftehim

Ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009, kif emendat bir-Regolamenti (UE) Nru 513/2011 u (UE) Nru 462/2013, b'mod partikolari jirregola l-użu, għal skopijiet regolatorji, tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu maħruġa minn aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu minn pajjiż terz, jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li taħthom il-Kummissjoni tista' tirrikonoxxi li l-qafas legali u superviżorju ta' pajjiż terz bħala ekwivalenti għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, u jipprovdi wkoll għall-possibbilta ta' intrapriżi ta' pajjiżi terzi li jiġu ċċertifikati mill-ESMA sabiex jiġi ffaċilitat l-użu tal-klassifikazzjonijiet ta' kreditu tagħhom. L-inkorporazzjoni ta' dan ir-Regolament fil-Ftehim taż-ŻEE huwa mingħajr preġudizzju għall-ambitu tal-Ftehim ŻEE rigward ir-relazzjonijiet ma' pajjiż terz.

ABBOZZ

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru …**

**ta' …**

**li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 272/2012 tas-7 ta' Frar 2012 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward it-tariffi mitluba mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq lill-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 446/2012 tal-21 ta' Marzu 2012 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar il-kontenut u l-format tar-rapportar perjodiku tad-data dwar il-klassifikazzjonijiet li għandu jiġi sottomess lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq mill-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(3) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 447/2012 tal-21 ta' Marzu 2012 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu billi jistabbilixxi standards tekniċi regolatorji għall-valutazzjoni tal-konformità tal-metodoloġiji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(4) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 448/2012 tal-21 ta' Marzu 2012 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għas-sottomissjoni tal-informazzjoni li l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandhom jagħmlu disponibbli f'repożitorju ċentrali stabbilit mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq ([4]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(5) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 449/2012 tal-21 ta' Marzu 2012 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward standards tekniċi regolatorji dwar informazzjoni għar-reġistrazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu ([5]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(6) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 946/2012 tat-12 ta' Lulju 2012 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli ta' proċedura dwar multi imposti fuq l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq inklużi regoli dwar id-dritt tad-difiża u dispożizzjonijiet temporali ([6]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(7) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/245/UE tat-28 ta' April 2014 dwar ir-rikonoxximent tal-qafas legali u superviżorju tal-Brażil bħala ekwivalenti għar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu ([7]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

([1]) ĠU L 90, 28.3.2012, p. 6.
([2]) ĠU L 140, 30.5.2012, p. 2.
([3]) ĠU L 140, 30.5.2012, p. 14.
([4]) ĠU L 140, 30.5.2012, p. 17.
([5]) ĠU L 140, 30.5.2012, p. 32.
([6]) ĠU L 282, 16.10.2012, p. 23.
([7]) ĠU L 132, 3.5.2014, p. 65.

(8) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/246/UE tat-28 ta' April 2014 dwar ir-rikonoxximent tal-qafas legali u superviżorju tal-Arġentina bħala ekwivalenti għall-ħtiġijiet tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(9) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/247/UE tat-28 ta' April 2014 dwar ir-rikonoxximent tal-qafas legali u superviżorju tal-Messiku bħala ekwivalenti għall-ħtiġijiet tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(10) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/248/UE tat-28 ta' April 2014 dwar ir-rikonoxximent tal-qafas legali u superviżorju ta' Singapor bħala ekwivalenti għall-ħtiġijiet tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu ([3]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(11) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/249/UE tat-28 ta' April 2014 dwar ir-rikonoxximent tal-qafas legali u superviżorju ta' Ħong Kong bħala ekwivalenti għall-ħtiġijiet tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu ([4]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(12) L-Anness IX tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 31ebd (id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/630/UE) tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE:

"31ebe. **32014 D 0245:** Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/245/UE tat-28 ta' April 2014 dwar ir-rikonoxximent tal-qafas legali u superviżorju tal-Brażil bħala ekwivalenti għar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (ĠU L 132, 3.5.2014, p. 65).

31ebf. **32014 D 0246:** Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/246/UE tat-28 ta' April 2014 dwar ir-rikonoxximent tal-qafas legali u superviżorju tal-Arġentina bħala ekwivalenti għall-ħtiġijiet tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (ĠU L 132, 3.5.2014, p. 68).

31ebg. **32014 D 0247:** Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/247/UE tat-28 ta' April 2014 dwar ir-rikonoxximent tal-qafas legali u superviżorju tal-Messiku bħala ekwivalenti għall-ħtiġijiet tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (ĠU L 132, 3.5.2014, p. 71).

31ebh. **32014 D 0248:** Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/248/UE tat-28 ta' April 2014 dwar ir-rikonoxximent tal-qafas legali u superviżorju ta' Singapor bħala ekwivalenti għall-ħtiġijiet tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (ĠU L 132, 3.5.2014, p. 73).

31ebi. **32014 D 0249:** Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/249/UE tat-28 ta' April 2014 dwar ir-rikonoxximent tal-qafas legali u superviżorju ta' Ħong Kong bħala ekwivalenti għall-ħtiġijiet tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (ĠU L 132, 3.5.2014, p. 76).

([1]) ĠU L 132, 3.5.2014, p. 68.
([2]) ĠU L 132, 3.5.2014, p. 71.
([3]) ĠU L 132, 3.5.2014, p. 73.
([4]) ĠU L 132, 3.5.2014, p. 76.

31ebj. **32012 R 0272:** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 272/2012 tas-7 ta' Frar 2012 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward it-tariffi mitluba mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq lill-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu (ĠU L 90, 28.3.2012, p. 6).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Delegat għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Fl-Artikolu 1, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, skont il-każ," jiddaħħlu wara l-kliem "l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS)";

(b) Fl-Artikolu 2, il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, skont il-każ," għandu jiddaħħal wara l-kliem "AETS";

(c) Fl-Artikolu 5(3):

(i) fir-raba' subparagrafu, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kelma "AETS" għandha tinqara "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(ii) għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Meta, fir-rigward ta' aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu stabbiliti fl-Istati tal-EFTA, l-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA għandha tibgħat il-fatturi għall-ħlasijiet parzjali, l-AETS [ESMA] għandha tinforma lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA bil-kalkoli meħtieġa fir-rigward ta' kull aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fi żmien suffiċjenti qabel id-data tal-ħlas rispettiva.";

(d) Fl-Artikolu 6(7):

(i) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kelma "AETS" għandha tinqara "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(ii) għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Meta, fir-rigward ta' aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu stabbiliti fl-Istati tal-EFTA, l-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA għandha tirrimborża parti mit-tariffa għar-reġistrazzjoni mħallsa, l-AETS [ESMA] għandha tagħmel disponibbli, mingħajr dewmien, l-ammonti li għandhom jiġu rimborżati lil aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għal dak l-għan.";

(e) Fl-Artikolu 9:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem "L-AETS biss" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "L-AETS [ESMA] biss jew, fir-rigward ta' aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu stabbiliti fl-Istati tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(ii) il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, skont il-każ," għandu jiddaħħal wara l-kliem "AETS".

31ebk. **32012 R 0446:** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 446/2012 tal-21 ta' Marzu 2012 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar il-kontenut u l-format tar-rapportar perjodiku tad-data dwar il-klassifikazzjonijiet li għandu jiġi sottomess lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq mill-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu (ĠU L 140, 30.5.2012, p. 2).

31ebl. **32012 R 0447:** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 447/2012 tal-21 ta' Marzu 2012 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi standards tekniċi regolatorji għall-valutazzjoni tal-konformità tal-metodoloġiji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu (ĠU L 140, 30.5.2012, p. 14).

31ebm. **32012 R 0448:** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 448/2012 tal-21 ta' Marzu 2012 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għas-sottomissjoni tal-informazzjoni li l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandhom jagħmlu disponibbli f'repożitorju ċentrali stabbilit mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ĠU L 140, 30.5.2012, p. 17).

31ebn. **32012 R 0449:** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 449/2012 tal-21 ta' Marzu 2012 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward standards tekniċi regolatorji dwar informazzjoni għar-reġistrazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu (ĠU L 140, 30.5.2012, p. 32).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Fl-Artikolu 1, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, skont il-każ," għandhom jiddaħħlu wara l-kelma "AETS".

(b) Fil-Kapitlu 2 u fl-Annessi IV u V, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kelma "AETS" għandha tinqara "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA".

31ebo. **32012 R 0946:** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 946/2012 tat-12 ta' Lulju 2012 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli ta' proċedura dwar multi imposti fuq l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq inklużi regoli dwar id-dritt tad-difiża u dispożizzjonijiet temporali għandu jiġi inkorporat (ĠU L 282, 16.10.2012, p. 23).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Fl-Artikolu 1, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem "l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS)" u "AETS" għandu jinqara "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(b) Fl-Artikolu 2, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem "u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "Bord tas-Superviżuri tal-AETS";

(c) Fl-Artikolu 3, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem "u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kliem "Bord tas-Superviżuri tal-AETS";

(ii) il-kliem "tinforma lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA dwarhom. L-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA għandha, mingħajr dewmien żejjed," għandu jiddaħħal wara l-kelma "għandha" fil-paragrafi 2, 4 u 5 u qabel il-kliem "tieħu deċiżjoni" fil-paragrafu 3;

(iii) fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 4, u fit-tielet sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 5, il-kliem ", qabel il-preparazzjoni tal-abbozz għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" jiddaħħlu wara l-kliem "il-Bord tas-Superviżuri tal-AETS";

(iv) fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 4, u fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 5, il-kliem "jew, skont kif ikun il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kliem "il-Bord tas-Superviżuri tal-AETS";

(v) fil-paragrafu 6, il-kliem "il-Bord tas-Superviżuri tal-AETS" għandu jinqara "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(d) Fl-Artikolu 4, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA:

(i) fl-ewwel subparagrafu, il-kliem "il-Bord tas-Superviżuri" għandu jinqara "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(ii) fit-tielet subparagrafu, il-kliem "jew, skont kif ikun il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kliem "il-Bord tas-Superviżuri tal-AETS";

(e) Fl-Artikolu 5, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA:

(i) il-kliem "jew, skont kif ikun il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kliem "il-Bord tas-Superviżuri tal-AETS";

(ii) il-kliem "il-Bord tas-Superviżuri" għandu jinqara "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA".

(f) Fl-Artikolu 6, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA:

(i) fil-paragrafi 1 u 4, il-kelma "AETS" għandha tinqara "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(ii) fil-paragrafi 3 u 5, il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "AETS";

(iii) fil-paragrafu 5, il-kliem "il-Bord tal-Appell, f'konformità mal-Artikolu 58 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, skont l-Artikolu 36e tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009" għandu jinqara "il-Qorti tal-EFTA skont l-Artikolu 35 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja";

(g) Fl-Artikolu 7, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA:

(i) il-kelma "AETS" għandha tinqara "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA";

(ii) fil-paragrafu 5(b), il-kliem "Bord tal-Appell tal-AETS, f'konformità mal-Artikolu 58 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, skont l-Artikolu 36e tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009" għandu jinqara "il-Qorti tal-EFTA skont l-Artikolu 35 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja".".

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti ta' Delega (UE) Nru 272/2012, (UE) Nru 446/2012, (UE) Nru 447/2012, (UE) Nru 448/2012, (UE) Nru 449/2012 u (UE) Nru 946/2012 u tad-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2014/245/UE, 2014/246/UE, 2014/247/UE, 2014/248/UE u 2014/249/UE bil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi […], dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*), jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… tal-… ([1]). [li tinkorpora r-Regolament (UE) Nru 513/2011], skont liema data tkun l-iżjed tard.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

*Is-Segretarji għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

---

(*) [Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]

([1]) ĠU L …

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2016/1172

## tat-18 ta' Lulju 2016

## li temenda d-Deċiżjoni 2012/392/PESK dwar il-missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28, l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-16 ta' Lulju 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/392/PESK ([1]) li stabbilixxiet missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer sabiex tappoġġa t-tisħiħ tal-kapaċità tal-atturi tas-sigurtà Niġerini biex jiġġieldu kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata (EUCAP SAHEL Niger).

(2) Fit-22 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/482/PESK ([2]), li estendiet il-Missjoni sal-15 ta' Lulju 2016.

(3) Fit-13 ta' Lulju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1141 ([3]), li pprovdiet ammont ta' referenza finanzjarja sal-15 ta' Lulju 2016. Fil-5 ta' Ottubru 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1780 ([4]) li rrivediet l-ammont ta' referenza finanzjarja fid-dawl ta' ppjanar operattiv ulterjuri.

(4) Wara l-Analiżi Strateġika, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà rrakkomanda li l-mandat tal-EUCAP Sahel Niger jiġi adattat u estiż b'perijodu ta' sentejn, sal-15 ta' Lulju 2018, u li jsir provvediment għal ammont ta' referenza finanzjarja għall-perijodu mis-16 ta' Lulju 2016 sal-15 ta' Lulju 2017.

(5) Permezz ta' ittra datata d-19 ta' Mejju 2016, il-Gvern tar-Repubblika tan-Niġer stieden lill-Unjoni Ewropea testendi l-mandat tal-EUCAP Sahel Niger għal perijodu ta' sentejn.

(6) Id-Deċiżjoni 2012/392/PESK għandha tiġi emendata kif meħtieġ.

(7) L-EUCAP Sahel Niger ser titmexxa fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi l-kisba tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2012/392/PESK hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

**Objettivi**

Fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u l-Iżvilupp fis-Sahel, l-EUCAP Sahel Niger għandha timmira li tagħmilha possibbli għall-awtoritajiet tan-Niġer li jiddefinixxu u jimplimentaw l-Istrateġija

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/392/PESK tas-16 ta' Lulju 2012 dwar il-missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) (ĠU L 187, 17.7.2012, p. 48).
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/482/PESK tat-22 ta' Lulju 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2012/392/PESK dwar il-missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) (ĠU L 217, 23.7.2014, p. 31).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1141 tat-13 ta' Lulju 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2012/392/PESK dwar il-missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) (ĠU L 185, 14.7.2015, p. 18).
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1780 tal-5 ta' Ottubru 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2012/392/PESK dwar il-missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) (ĠU L 259, 6.10.2015, p. 21).

tas-Sigurtà Nazzjonali tagħhom stess. L-EUCAP Sahel Niger għandha timmira wkoll li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' approċċ integrat, multidixxiplinari, koerenti, sostenibbli u li jkun ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem fost l-atturi varji tas-sigurtà tan-Niġer fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata. Barra minn hekk, għandha tgħin lill-awtoritajiet ċentrali u lokali u lill-forzi tas-sigurtà tan-Niġer jiżviluppaw politiki, tekniki u proċeduri sabiex jikkontrollaw aħjar u jiġġieldu kontra l-migrazzjoni irregolari.".

(2) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

**Kompiti**

1. Sabiex twettaq l-objettivi stipulati fl-Artikolu 2, l-EUCAP Sahel Niger għandha:

(a) issaħħaħ il-kmand u l-kontroll, l-interoperabbiltà u l-kapaċità tal-ippjanar Niġerini fil-livell strateġiku, filwaqt li tappoġġa l-iżvilupp ta' Strateġija tas-Sigurtà Nazzjonali u strateġiji marbuta magħha għall-ġestjoni tal-fruntieri f'koordinament ma' atturi oħrajn rilevanti;

(b) issaħħaħ il-ħiliet tekniċi tal-forzi tas-sigurtà rilevanti li huma meħtieġa fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata;

(c) permezz ta' kuntatti fuq livell kemm strateġiku kif ukoll operattiv, tħeġġeġ lill-forzi tas-sigurtà interna, u fejn ikun il-każ, il-forzi armati, biex isaħħu r-riżorsi umani, il-loġistika u l-politiki ta' taħriġ marbuta mal-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-migrazzjoni irregolari u l-kriminalità organizzata biex jiżguraw is-sostenibbiltà tal-azzjonijiet tal-EUCAP Sahel Niger, fosthom bl-għoti ta' appoġġ tekniku permezz tal-proġetti;

(d) issaħħaħ il-koordinament, fil-livelli nazzjonali, reġjonali u internazzjonali, fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari u l-kriminalità organizzata, u tesplora l-possibbiltà ta' kontribuzzjoni, skont kif ikun meħtieġ, għall-kooperazzjoni reġjonali, bħall-G5 Sahel;

(e) b'appoġġ għall-objettivi tal-Unjoni fil-qasam tal-migrazzjoni, tgħin lill-awtoritajiet ċentrali u lokali u lill-forzi tas-sigurtà tan-Niġer biex jiżviluppaw politiki, proċeduri u tekniki biex jikkontrollaw u jimmaniġġaw aħjar il-flussi migratorji, biex jiġġieldu kontra l-migrazzjoni irregolari u biex inaqqsu l-livell tal-kriminalità assoċjata.

2. L-EUCAP Sahel Niger għandha tiffoka fuq l-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 li jikkontribwixxu biex jitjieb il-kontroll tat-territorju tan-Niġer, anke f'koordinament mal-Forzi Armati tan-Niġer.

3. L-EUCAP Sahel Niger ma għandha twettaq l-ebda funzjoni eżekuttiva.".

(3) Fl-Artikolu 13(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-ammont ta' referenza finanzjarja biex ikopri n-nefqa relatata mal-EUCAP Sahel Niger għall-perijodu mis-16 ta' Lulju 2016 sal-15 ta' Lulju 2017 għandu jkun ta' EUR 26 300 000".

(4) Fl-Artikolu 16, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Hija għandha tapplika sal-15 ta' Lulju 2018.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mis-16 ta' Lulju 2016.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Lulju 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. MOGHERINI

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2016/1173

## tat-18 ta' Lulju 2016

## li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-20 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/788/PESK. ([1])

(2) Fit-23 ta' Ġunju 2016, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni 2293 (2016) dwar ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK). Dik ir-Riżoluzzjoni tipprevedi ċerti emendi għall-eżenzjonijiet għall-embargo fuq l-armi kif ukoll għall-kriterji għad-deżinjazzjoni fir-rigward tar-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u l-iffriżar tal-fondi, kif imposti mir-Riżoluzzjoni 1807 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

(3) Hija meħtieġa aktar azzjoni mill-Unjoni sabiex jiġu implimentati dawk l-emendi,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2010/788/PESK hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 2(1) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (c) jinbidel b'dan li ġej:

"(c) il-provvista, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' tagħmir militari mhux letali maħsub biss għall-użu umanitarju jew protettiv, jew l-għoti ta' għajnuna u taħriġ tekniku, relatati ma' tali tagħmir mhux letali, kif notifikat minn qabel lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet stabbilit skont il-UNSCR 1533 (2004) (Kumitat tas-Sanzjonijiet)";

(b) jiżdied il-punt li ġej:

"(e) bejgħ ieħor u/jew provvista oħra ta' armi u materjal relatat, jew l-għoti ta' għajnuna jew persunal, kif approvat minn qabel mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.";

(2) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (e) jinbidel b'dan li ġej:

"(e) li jkunu involuti fl-ippjanar, fit-tmexxija, jew fit-twettiq ta' atti fir-RDK li jikkostitwixxu ksur jew abbuż tad-drittijiet tal-bniedem jew ksur tal-liġi umanitarja internazzjonali, kif applikabbli, inkluż dawk l-atti li jinvolvu l-immirar lejn persuni ċivili, inkluż il-qtil u l-immankar, l-istupru u vjolenza sesswali oħra, il-ħtif, l-ispostament furzat, u l-attakki fuq skejjel u sptarijiet;";

(b) il-punt (g) jinbidel b'dan li ġej:

"(g) li jappoġġaw individwi jew entitajiet, inkluż gruppi armati jew netwerks kriminali, involuti f'attivitajiet destabbilizzanti fir-RDK permezz tal-isfruttament jew tal-kummerċ illeċitu ta' riżorsi naturali, inkluż id-deheb jew il-ħlejjaq salvaġġi kif ukoll il-prodotti mill-ħlejjaq salvaġġi;".

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/788/PESK tal-20 ta' Diċembru 2010 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2008/369/PESK (ĠU L 336, 21.12.2010, p. 30).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Lulju 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. MOGHERINI

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1174**

**tal-15 ta' Lulju 2016**

**dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni ta' prodott bijoċidali li fih id-difenakum mogħtija minn Spanja skont l-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

*(notifikata bid-dokument C(2016) 4380)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(3) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-20 ta' Diċembru 2013, il-kumpanija Will Kill S.A. plc ("l-applikant") bagħtet applikazzjoni sħiħa lil Franza ("l-Istat Membru konċernat") għar-rikonoxximent reċiproku ta' awtorizzazzjoni mogħtija minn Spanja ("l-Istat Membru ta' referenza") fir-rigward ta' prodott bijoċidali rodentiċida li fih is-sustanza attiva difenakum, bħala formulazzjoni likwida ("il-prodott ikkontestat").

(2) L-Istat Membru ta' referenza awtorizza l-prodott ikkontestat għall-użu kontra l-ġrieden u l-firien tal-ispeċi *Rattus norvegicus* ("firien") għall-użu fuq ġewwa u fil-bini u madwaru minn utenti professjonali, u fuq barra minn utenti professjonali biss. Il-prodott ikkontestat huwa pprovdut fi fliexken li ma jkunx jistgħu jerġgħu jintużaw flimkien ma' dispenser roll-on u stazzjon tal-lixki ("l-apparat") sabiex jiġi evitat avvelenament primarju u sekondarju. Wara li jintuża, l-apparat kollu għandu jintrema sabiex jiġi evitat l-esponiment għall-utent.

(3) Skont l-Artikolu 35(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, l-Istat Membru kkonċernat ressaq għadd ta' punti ta' nuqqas ta' qbil quddiem il-grupp ta' koordinazzjoni li jindikaw li l-prodott ikkontestat ma jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 19(1)(b)(i), (iii) u (iv) ta' dak ir-Regolament.

(4) Is-segretarjat tal-grupp ta' koordinazzjoni stieden lill-Istati Membri l-oħra u lill-applikant biex jibagħtu l-kummenti tagħhom bil-miktub dwar dan ir-riferiment. L-Awstrija, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, in-Netherlands, in-Norveġja, il-Portugall, Spanja, l-Iżvezja, ir-Renju Unit u l-applikant ressqu l-kummenti tagħhom. Il-punti ta' nuqqas ta' qbil identifikati ġew diskussi mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għall-prodotti bijoċidali fil-grupp ta' koordinazzjoni fil-laqgħat tat-23 ta' Jannar u tas-17 ta' Marzu 2015.

(5) Skont l-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, fit-30 ta' Ġunju 2015, l-Istat Membru ta' referenza bagħat lill-Kummissjoni dikjarazzjoni dettaljata tal-kwistjonijiet li dwarhom l-Istati Membri ma rnexxilhomx jiftiehmu u r-raġunijiet għan-nuqqas ta' qbil tagħhom. Intbagħtet ukoll kopja ta' dik id-dikjarazzjoni lill-Istati Membri kkonċernati u lill-applikant.

(6) L-oġġezzjonijiet mhux riżolti riferuti quddiem il-Kummissjoni kienu dwar l-effikaċja tal-prodott ikkontestat kontra l-firien u l-ġrieden, u waqt il-provi fuq il-post iddokumentati b'mod tajjeb, intwera li din kienet insuffiċjenti; l-effikaċja fi Stati Membri bi klima umda, li tista' tonqos bħala riżultat tal-fatt li l-organiżmi fil-mira jkollhom aċċess aktar faċli għall-ilma; l-effiċjenza tal-apparat bħala miżura ta' mitigazzjoni tar-riskji biex ikun evitat l-iskular; u riskju inaċċettabbli għas-saħħa tal-utenti waqt it-tindif tal-istazzjonijiet tal-lixki.

(7) Skont il-paragrafu 12 tal-Anness VI tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, l-Istat Membru ta' referenza qies li l-prodott ikkontestat mhuwiex effettiv biżżejjed abbażi tad-dejta fuq il-post iġġenerata bl-użu ta' apparat prototip u abbażi tal-ġudizzju tal-esperti tiegħu. Din il-konklużjoni hija, madankollu, kundizzjonali fuq is-sottomissjoni ta' dejta fuq il-post li tikkorrobora dawn is-sejbiet.

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.

(8) L-Istat Membru ta' referenza kkonkluda li r-riżultati mill-provi fuq il-post ipprovduti mill-applikant, juru livell aċċettabbli ta' effikaċja skont il-kriterji stabbiliti fil-linji gwida tal-Unjoni dwar l-evalwazzjoni tal-effikaċja tar-rodentiċidi ([1]).

(9) Rigward l-effikaċja fi klima umda, l-użu fuq ġewwa tal-prodott f'żoni fejn ikun hemm abbondanza ta' ikel jew ta' għalf disponibbli għal annimali gerriema, ma juri l-ebda differenza sinifikanti bejn l-Istati Membri. Rigward l-użu kemm madwar kif ukoll fuq barra tal-bini, l-awtorizzazzjoni tal-prodott diġà tinkludi kundizzjoni li tirrestrinġi l-użu tal-prodott għal sitwazzjonijiet fejn huwa diffiċli li jkollhom aċċess għal ilma. Minħabba li l-prodott kien effettiv b'mod suffiċjenti fil-provi fuq il-post f'żoni b'aċċess sħiħ għall-ilma, l-awtorizzazzjoni ta' prodott m'għandhiex tkun suġġetta għal xi restrizzjoni minħabba kundizzjonijiet ta' temp speċifiċi.

(10) L-Istat Membru ta' referenza qies li l-apparat jikkostitwixxi miżura xierqa tal-mitigazzjoni tar-riskji sabiex jiġu evitati t-tixrid u l-avvelenament primarju u sekondarju meta mqabbel mal-applikazzjoni tal-prodott ikkontestat f'konteni turi miftuħa. Din il-konklużjoni kienet ikkonfermata fil-provi fuq il-post fejn it-tixrid seħħ darbtejn biss minħabba aċċident b'makkinarju agrikolu jew minħabba vandaliżmu. Sabiex jiġi limitat kemm jista' jkun possibbli, it-tixrid aċċidentali l-awtorizzazzjoni tal-prodott għandha tinkludi struzzjonijiet addizzjonali għall-użu, bħat-tqegħid tal-istazzjon tal-lixki mal-art u rakkomandazzjoni li fil-każ ta' tixrid aċċidentali, l-istazzjon tal-lixki għandu jintrema bħala skart perikoluż.

(11) L-Istat Membru ta' referenza evalwa r-riskju tas-saħħa għall-utenti tal-prodott bl-użu ta' mudell żviluppat għal formulazzjonijiet ta' lixka solida u billi ntużaw parametri konservattivi ħafna skont xenarju tal-agħar każ. Minħabba l-fatt li ġie identifikat riskju inaċċettabbli għall-utent, ġiet introdotta miżura tal-mitigazzjoni tar-riskji li tiddikjara li l-apparat kellu jintrema wara li jintuża sabiex jiġi evitat kull esponiment potenzjali waqt it-tindif tal-istazzjonijiet tal-lixki.

(12) L-awtorizzazzjoni tal-prodott kienet soġġetta għal bidla maqbula bbażata fuq kalkolu mill-ġdid tar-riskju għas-saħħa tal-bniedem bħala riżultat ta' esponiment għall-prodott ikkontestat abbażi ta' studju ta' assorbiment mill-ġilda għall-prodott speċifiku u ta' parametri ġodda maħluqa mill-applikant ibbażati fuq l-użu reali tal-prodott ikkontestat (pereżempju l-għadd ta' tixrid li l-utent jista' jkun espost għalihom kif ukoll id-daqs tal-qtar tat-tixrid).

(13) Minħabba r-riskju ta' tixrid aċċidentali, miżuri addizzjonali tal-mitigazzjoni tar-riskji għandhom jiġu inklużi fl-awtorizzazzjoni. Dawk il-miżuri għandhom jinkludu restrizzjoni tal-użu għal utenti professjonali mħarrġa biss u għall-ispeċifikazzjoni li l-utenti jilbsu ingwanti protettivi. Meta jitqies li utenti professjonali mħarrġa huma mistennija li jsegwu mill-qrib l-istruzzjonijiet għall-użu, il-prodott ikkontestat huwa mistenni li jkun sikur għal din il-kategorija ta' utent skont it-termini u l-kundizzjonijiet proposti.

(14) Biex jiġi evitat l-iskart tal-plastik bla bżonn, għandha titneħħa mill-awtorizzazzjoni, il-kundizzjoni li hemm bħalissa fl-awtorizzazzjoni li l-prodott u r-roll-on dispenser jiġu fornuti flimkien mal-istazzjon tal-lixki bħala apparat wieħed, u li wieħed jarmi l-apparat kollu, inkluż l-istazzjon tal-lixki, wara l-użu.

(15) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Din id-Deċiżjoni tapplika għall-prodott identifikat min-numru tal-assi ES-0000196-0000, kif previst fir-Reġistru tal-Prodotti Bijoċidali.

*Artikolu 2*

1. Il-prodott jissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 19(1)(b)(i) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

---

([1]) Ara n-Noti Tekniċi għall-Gwida dwar l-Evalwazzjoni tal-Prodotti. L-Appendiċijiet tal-Kapitolu 7. Tip ta' Prodott 14: Efficacy Evaluation of Rodenticidal Biocidal Products, disponibbli fuq is-sit web http://echa.europa.eu/documents/10162/16960215/bpd_guid_revised_appendix_chapter_7_pt14_2009_en.pdf

2. Il-kundizzjoni li tirrestrinġi l-użu tal-prodott għal sitwazzjonijiet fejn l-aċċess għall-ilma huwa diffiċli għandha titneħħa minn fuq l-awtorizzazzjoni tal-prodott.

*Artikolu 3*

1. Il-kategorija ta' utent fl-użi awtorizzati tal-prodott għandha tkun ristretta għal utenti professjonali mħarrġa biss.

2. L-awtorizzazzjoni tal-prodott għandha tinkludi l-miżura tal-mitigazzjoni tar-riskji li ġejjin: "Ilbes ingwanti protettivi reżistenti għall-kimiċi matul il-fażi tal-immaniġġjar tal-prodott (il-materjal tal-ingwanti għandu jiġi speċifikat mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fl-informazzjoni tal-prodott)".

3. Il-kundizzjoni li l-prodott u r-roll-on dispenser jiġu fornuti flimkien mal-istazzjon tal-lixki bħala apparat wieħed u li wieħed jarmi l-istazzjon tal-lixki bħala parti mill-apparat kollu wara l-użu tal-prodott għandha titneħħa mill-awtorizzazzjoni tal-prodott.

4. Skont it-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1, 2 u 3, il-prodott jissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 19(1)(b)(iii) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

*Artikolu 4*

1. Dawn l-istruzzjonijiet għall-użu għandhom jiġu inklużi fl-awtorizzazzjoni tal-prodott:

— "Qiegħed l-istazzjon tal-lixki mal-art".

— "F'każ ta' tixrid aċċidentali tal-likwidu, armi l-istazzjon tal-lixki bħala skart perikoluż".

2. Skont it-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, il-prodott jissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 19(1)(b)(iv) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Lulju 2016.

*Għall-Kummissjoni*
Vytenis ANDRIUKAITIS
*Membru tal-Kummissjoni*

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1175

## tal-15 ta' Lulju 2016

## dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni ta' prodott bijoċidali li fih l-ispinosad imressqa mir-Renju Unit skont l-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

*(notifikata bid-dokument C(2016) 4385)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(3) tiegħu,

Billi:

(1) Il-kumpanija Scotts Celaflor GmbH ("l-applikant") bagħtet applikazzjoni sħiħa lill-Ġermanja ("l-Istat Membru kkonċernat") fid-29 ta' Ġunju 2015 għar-rikonoxximent reċiproku ta' awtorizzazzjoni mogħtija mir-Renju Unit ("l-Istat Membru ta' referenza") fir-rigward ta' prodott bijoċidali ta' insettiċida li fih is-sustanza attiva spinosad bħala formulazzjoni ta' lixka granulari solida biex jiġi applikat direttament jew jiġi dilwit u applikat bħala likwidu għat-tixrib ("il-prodott ikkontestat").

(2) L-Istat Membru ta' referenza awtorizza l-prodott ikkontestat fit-23 ta' April 2015 għall-użu tal-pubbliku ġenerali kontra n-nemel ta' barra permezz ta' applikazzjoni diretta fuq il-bejtiet tan-nemel. Sussegwentement l-awtorizzazzjoni ngħatat rikonoxximent reċiproku mill-Irlanda.

(3) Skont l-Artikolu 35(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, fis-26 ta' Ottubru 2015 l-Istat Membru kkonċernat semma punt ta' nuqqas ta' qbil lill-grupp ta' koordinazzjoni billi indika li l-prodott ikkontestat ma jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 19(1)(b)(iv) ta' dak ir-Regolament.

(4) L-Istat Membru kkonċernat iqis li l-prodott ikkontestat ma jissodisfax ir-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 66 tal-Anness VI tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 billi l-proporzjon PEC/PNEC għall-kompartimenti tal-ħamrija huwa akbar minn 1 u b'riżultat ta' dan il-prodott ikkontestat joħloq riskju inaċċettabbli għall-ambjent, għalkemm f'żoni żgħar ħafna u għal tul ta' żmien qasir ħafna.

(5) Is-segretarjat tal-grupp ta' koordinazzjoni stieden lill-Istati Membri l-oħra u lill-applikant biex jibagħtu l-kummenti tagħhom bil-miktub dwar dan ir-riferiment. Il-Belġju, Franza, in-Netherlands, ir-Renju Unit u l-applikant ressqu l-kummenti tagħhom. Ir-riferiment ġie diskuss wkoll mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għall-prodotti bijoċidali fil-laqgħat tal-grupp ta' koordinazzjoni tas-17 ta' Novembru 2015 u l-20 ta' Jannar 2016.

(6) Minħabba li ma ntlaħaq l-ebda ftehim mill-grupp ta' koordinazzjoni, fil-5 ta' Frar 2016 l-Istat Membru ta' referenza forna lill-Kummissjoni b'dikjarazzjoni dettaljata dwar il-kwistjonijiet li fuqhom l-Istati Membri ma setgħux jaslu għal qbil u r-raġunijiet għan-nuqqas ta' qbil tagħhom, skont l-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Kopja ta' din id-dikjarazzjoni ġiet mibgħuta wkoll lill-Istati Membri kkonċernati u lill-applikant.

(7) Fir-rigward tal-oġġezzjoni mhux riżolta riferuta quddiem il-Kummissjoni, il-paragrafu 66 tal-Anness VI tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 jistipula li jekk il-proporzjon PEC/PNEC ikun ikbar minn 1, il-korp ta' evalwazzjoni għandu jiġġudika, fuq bażi ta' każ b'każ, l-elementi jew il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji li jridu jiġu kkunsidrati sabiex jikkonkludi jekk il-prodott bijoċidali huwiex konformi mal-Artikolu 19(1)(b)(iv).

(8) Mid-diskussjonijiet fil-grupp ta' koordinazzjoni, jidher li hemm nuqqas ta' gwida maqbula tal-Unjoni biex tassisti lill-korp ta' evalwazzjoni biex jasal għal ġudizzju bħal dan.

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.

(9) Minn dawk id-diskussjonijiet jirriżulta wkoll li r-riskju mhux aċċettabbli identifikat huwa limitat minħabba t-tendenza tal-użu tal-prodott, li huwa applikat biss f'żoni żgħar (pereżempju fil-bejtiet tan-nemel) u huwa mistenni li jiddekomponi f'perjodu qasir ta' żmien sabiex l-ispeċijiet mhux fil-mira jistgħu jerġgħu jikkolonizzaw fiż-żona ttrattata wara l-użu.

(10) Fin-nuqqas ta' gwida maqbula tal-Unjoni, il-konklużjoni tal-Istat Membru ta' referenza kienet ibbażata fuq l-informazzjoni disponibbli u fuq il-ġudizzju tal-esperti tiegħu, skont il-paragrafu 12 tal-Anness VI tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(11) F'dan l-isfond u sakemm tali gwida maqbula tiġi adottata formalment, il-konklużjoni milħuqa mill-Istat Membru ta' referenza dwar il-punt ta' nuqqas ta' qbil hija kkunsidrata valida sakemm tiġi biex tiġġedded l-awtorizzazzjoni tal-prodott.

(12) Mid-diskussjonijiet fil-grupp ta' koordinazzjoni jirriżulta li t-termini u l-kundizzjonijiet preżenti tal-awtorizzazzjoni tal-prodott għandhom jiddeskrivu aħjar il-qasam tal-użu tal-prodott ikkontestat u għandhom jipprovdu xi informazzjoni fuq l-applikazzjoni tiegħu. Dawk it-termini u kundizzjonijiet għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.

(13) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Din id-Deċiżjoni tapplika għall-prodott identifikat min-numru tal-assi UK-0008829-0000, kif previst fir-Reġistru tal-Prodotti Bijoċidali.

*Artikolu 2*

Il-prodott jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 19(1)(b)(iv) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

*Artikolu 3*

1. Il-qasam tal-użu fl-awtorizzazzjoni tal-prodott għandu jiġi emendat kif ġej: "Għal użu fuq barra (għall-applikazzjoni diretta biss fuq il-bejtiet tan-nemel madwar bini domestiku)".

2. Is-sentenza "Applika direttament fuq il-bejta biss" imniżżla fl-awtorizzazzjoni tal-prodott kemm bħala struzzjonijiet għall-użu u kemm bħala miżura ta' mitigazzjoni tar-riskju hija sostitwita b'dan li ġej: "Applika dan il-prodott bijoċidali direttament fuq il-bejtiet tan-nemel biss. Tferrixx grani nexfin jew tferra likwidu fuq uċuħ ebsin jew ħamrija mikxufa li tintuża bħala l-mogħdija tan-nemel".

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Lulju 2016.

*Għall-Kummissjoni*

Vytenis ANDRIUKAITIS

*Membru tal-Kummissjoni*

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1176

## tat-18 ta' Lulju 2016

## li ttemm ir-rieżami interim parzjali dwar l-importazzjonijiet ta' ċerti fittings tal-fondut għal tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mit-Tajlandja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tiegħu,

Billi:

### 1. PROĊEDURA

(1) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 430/2013 ([2]) ġew imposti miżuri antidumping fuq ċerti fittings fonduti ta' tubi jew pajpijiet bil-kamin ta' ħadid fondut malleabbli li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("ir-RPĊ") u t-Tajlandja wara investigazzjoni skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 ("ir-Regolament bażiku").

(2) Fil-25 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") bdiet rieżami interim parzjali dwar l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti fittings tal-fondut għal tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli, li joriġinaw mir-RPĊ u mit-Tajlandja, abbażi tal-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku. Hija ppubblikat Notifika ta' Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]) ("in-Notifika ta' Bidu").

(3) Il-Kummissjoni bdiet ir-rieżami li jikkonċerna r-RPĊ wara talba ppreżentata fit-2 ta' Marzu 2015 minn Metpro Limited ("l-applikant"), importatur ta' ċerti fittings tal-fondut ta' tubi jew pajpijiet bil-kamin ta' ħadid fondut malleabbli, għall-importazzjonijiet mir-RPĊ. L-applikant talab rieżami bl-għan li jiġi ddeterminat jekk fittings tal-kondjuwit tal-elettriku (elbows, liwjiet u bil-forma ta' T) b'distanza metrika standard ta' 1,5 mm bejn snien il-kamin, skont il-Forma Metrika tal-ISO BS 3643 ("il-prodott li potenzjalment jista' jiġi esluż") għandhomx jiġu esklużi mill-ambitu tal-prodott tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 430/2013. Billi l-miżuri japplikaw ukoll għal importazzjonijiet li joriġinaw mit-Tajlandja, il-Kummissjoni ddeċidiet fuq inizjattiva tagħha stess li tibda rieżami għal importazzjonijiet mit-Tajlandja wkoll. It-talba kien fiha biżżejjed evidenza biex tiġġustifika il-bidu ta' rieżami.

(4) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkuntattjawha sabiex jipparteċipaw fir-rieżami. Barra minn hekk, il-Kummissjoni speċifikament infurmat lill-applikant, lil produtturi magħrufa tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi magħrufa fir-RPĊ u fit-Tajlandja u lill-awtoritajiet tar-RPĊ u tat-Tajlandja, lil importaturi, fornituri u utenti, kummerċjanti magħrufa, kif ukoll lill-assoċjazzjoni, dwar il-bidu tar-rieżami, u stednithom jieħdu sehem.

(5) Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità li jikkummentaw dwar il-ftuħ tar-rieżami u li jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali.

### 2. IRTIRAR TAT-TALBA GĦAL RIEŻAMI U TERMINAZZJONI TAL-PROĊEDIMENT

(6) Permezz ta' ittra ddatata 5 ta' April 2016, indirizzata lill-Kummissjoni, l-applikant irtira t-talba tiegħu għal rieżami.

(7) Skont l-Artikoli 9(1) u 11(5) tar-Regolament bażiku, meta l-applikant jirtira t-talba tiegħu, ir-rieżami jista' jintemm dment li tali terminazzjoni ma tmurx kontra l-interess tal-Unjoni.

---

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 430/2013 tat-13 ta' Mejju 2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq importazzjonijiet ta' fittings fonduti ta' tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u t-Tajlandja u li jtemm il-proċediment fir-rigward tal-Indoneżja (ĠU L 129, 14.5.2013, p. 1).

([3]) Notifika ta' bidu ta' rieżami interim parzjali tal-miżuri antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' fittings tal-fondut għal tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mit-Tajlandja (ĠU C 392, 25.11.2015, p. 14) u Rettifika għan-Notifika ta' bidu (ĠU C 52, 11.2.2016, p. 27).

(8) Il-Kummissjoni qieset li r-rieżami għandu jintemm fir-rigward tar-RPĊ peress li l-investigazzjoni ma sabet ebda konsiderazzjoni li turi li din it-terminzzjoni tmur kontra l-interess tal-Unjoni.

(9) Fir-rigward tat-Tajlandja, l-ebda kumpanija magħrufa u l-ebda awtorità Tajlandiża ma pprovdew xi informazzjoni rilevanti għall-investigazzjoni rigward il-prodott għall-esklużjoni potenzjali li tiġġustifika li jitwettaq rieżami. L-ebda importatur magħruf ikkuntattjat ma rriferixxa xi importazzjonijiet tal-prodott għall-esklużjoni potenzjali mit-Tajlandja. L-investigazzjoni ma żvelat l-ebda informazzjoni oħra rilevanti li fuqha jista' jiġi bbażat ir-rieżami tal-ambitu tal-prodott.

(10) Ġaladarba l-applikant rtira t-talba tiegħu fir-rigward tar-RPĊ u peress li ma hemm l-ebda informazzjoni rilevanti oħra fir-rigward tat-Tajlandja, ir-rieżami fir-rigward tat-Tajlandja għandu jintemm *ex officio* skont l-Artikolu 9(2) u 11(5) tar-Regolament bażiku.

(11) Il-partijiet interessati ġew mgħarrfa b'dan u ngħataw opportunità li jikkummentaw. Ma wasal l-ebda kumment fil-limitu ta' żmien preskritt.

(12) Il-Kummissjoni għaldaqstant tikkonkludi li r-rieżami interim parzjali dwar l-importazzjonijiet ta' ċerti fittings tal-fondut għal tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli, li joriġinaw mir-RPĊ u mit-Tajlandja għandu jintemm.

(13) Din id-Deċiżjoni hija skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Ir-rieżami interim parzjali dwar l-importazzjoni ta' ċerti fittings tal-fondut għal tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli, li jeskludi komponenti ta' fittings b'kompressjoni bl-użu tal-kamin metriku ISO DIN 13 u kaxxi ta' ġunzjoni tondi bil-kamini u mingħajr għatu tal-ħadid malleabbli, li bħalissa jaqgħu fil-kodiċi NM ex 7307 19 10 (kodiċi TARIC 7307 19 10 10) intemm.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Lulju 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

## RETTIFIKA

### Rettifika tad-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2016/844 tas-27 ta' Mejju 2016 li temenda d-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 141 tat-28 ta' Mejju 2016)*

F'paġna 55, fit-Tabella 5.1(a) fil-paragrafu (2), fis-subparagrafu (h) tal-Anness, li jikkonċerna l-Anness tad-Direttiva 2009/45/KE:

*minflok:*

*"Tabella 5.1(a)*

**Integrità min-nirien tal-paratiji li jisseparaw l-ispazji ta' ħdejhom**

| Spazji | | (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7) | (8) | (9) | (10) | (11) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Stazzjonijiet tal-kontroll | (1) | A-0[e] | A-0 | 60 | A-0 | A-15 | A-60 | A-15 | A-60 | A-60 | * | A-60 |
| Kurituri | (2) | | C[e] | B-0[e] | A-0[e]<br>B-0[e] | B-0[e] | A-60 | A-15 | A-60 | A-15<br>A-0[d] | * | A-30 |
| Spazji tal-akkomodazzjoni | (3) | | | C[e] | A-0[e]<br>B-0[e] | B-0[e] | A-60 | A-0 | A-0 | A-15<br>A-0[d] | * | A-30<br>A-0[d] |
| Turġien | (4) | | | | A-0[e]<br>B-0[e] | A-0[e]<br>B-0[e] | A-60 | A-0 | A-0 | A-15<br>A-0[d] | * | A-30 |
| Spazji tas-servizzi (riskju baxx) | (5) | | | | | C[e] | A-60 | A-0 | A-0 | A-0 | * | A-0 |
| Spazji tal-makkinarju tal-kategorija A | (6) | | | | | | * | A-0 | A-0 | A-60 | * | A-60 |
| Spazji tal-makkinarju oħrajn | (7) | | | | | | | A-0[b] | A-0 | A-0 | * | A-0 |
| Spazji tal-merkanzija | (8) | | | | | | | | * | A-0 | * | A-0 |
| Spazji tas-servizzi (riskju għoli) | (9) | | | | | | | | | A-0[b] | * | A-30 |
| Gverti miftuħa | (10) | | | | | | | | | | | A-0 |
| Spazji tal-kategorija speċjali u spazji Ro-Ro | (11) | | | | | | | | | | | A-30" |

*aqra:*

*“Tabella 5.1(a)*

**Integrità min-nirien tal-paratiji li jisseparaw l-ispazji ta’ ħdejhom**

| Spazji | | (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7) | (8) | (9) | (10) | (11) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Stazzjonijiet tal-kontroll | (1) | A-0[c] | A-0 | A-60 | A-0 | A-15 | A-60 | A-15 | A-60 | A-60 | * | A-60 |
| Kurituri | (2) | | C[e] | B-0[e] | A-0[a]<br>B-0[e] | B-0[e] | A-60 | A-0 | A-0 | A-15<br>A-0[d] | * | A-30 |
| Spazji tal-akkomodazzjoni | (3) | | | C[e] | A-0[a]<br>B-0[e] | B-0[e] | A-60 | A-0 | A-0 | A-15<br>A-0[d] | * | A-30<br>A-0[d] |
| Turġien | (4) | | | | A-0[a]<br>B-0[e] | A-0[a]<br>B-0[e] | A-60 | A-0 | A-0 | A-15<br>A-0[d] | * | A-30 |
| Spazji tas-servizzi (riskju baxx) | (5) | | | | | C[e] | A-60 | A-0 | A-0 | A-0 | * | A-0 |
| Spazji tal-makkinarju tal-kategorija A | (6) | | | | | | * | A-0 | A-0 | A-60 | * | A-60 |
| Spazji tal-makkinarju oħrajn | (7) | | | | | | | A-0[b] | A-0 | A-0 | * | A-0 |
| Spazji tal-merkanzija | (8) | | | | | | | | * | A-0 | * | A-0 |
| Spazji tas-servizzi (riskju għoli) | (9) | | | | | | | | | A-0[b] | * | A-30 |
| Gverti miftuħa | (10) | | | | | | | | | | | A-0 |
| Spazji tal-kategorija speċjali | (11) | | | | | | | | | | | A-30” |

F’paġna 56, fit-Tabella 5.2(a) fil-paragrafu (2), fis-subparagrafu (i) tal-Anness, li jikkonċerna l-Anness tad-Direttiva 2009/45/KE:

*minflok:*

*“Tabella 5.2(a)*

**Integrità min-nirien tal-gverti li jisseparaw l-ispazji ta’ ħdejhom**

| Spazji Taħt↓ | Spazji → Fuq | (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7) | (8) | (9) | (10) | (11) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Stazzjonijiet tal-kontroll | (1) | A-0 | A-0 | A-0 | A-0 | A-0 | A-60 | A-0 | A-0 | A-0 | * | A-60 |
| Kurituri | (2) | A-0 | * | * | A-0 | * | A-60 | A-0 | A-0 | A-0 | * | A-30 |

| Spazji Taħt↓ | Spazji → Fuq | (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7) | (8) | (9) | (10) | (11) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Spazji tal-akkomodazzjoni | (3) | A-60 | A-0 | * | A-0 | * | A-60 | A-0 | A-0 | A-0 | * | A-30<br>A-0[d] |
| Turġien | (4) | A-0 | A-0 | A-0 | * | A-0 | A-60 | A-0 | A-0 | A-0 | * | A-30 |
| Spazji tas-servizzi (riskju baxx) | (5) | A-15 | A-0 | A-0 | A-0 | * | A-60 | A-0 | A-0 | A-0 | * | A-0 |
| Spazji tal-makkinarju tal-kategorija A | (6) | A-60 | A-60 | A-60 | A-60 | A-60 | * | A-60[f] | A-30 | A-60 | * | A-60 |
| Spazji tal-makkinarju oħrajn | (7) | A-15 | A-0 | A-0 | A-0 | A-0 | A-0 | * | A-0 | A-0 | * | A-0 |
| Spazji tal-merkanzija | (8) | A-60 | A-0 | A-0 | A-0 | A-0 | A-0 | A-0 | * | A-0 | * | A-0 |
| Spazji tas-servizzi (riskju għoli) | (9) | A-60 | A-30<br>A-0[d] | A-30<br>A-0[d] | A-30<br>A-0[d] | A-0 | A-60 | A-0 | A-0 | A-0 | * | A-30 |
| Gverti miftuħa | (10) | * | * | * | * | * | * | * | * | * | — | A-0 |
| Spazji tal-kategorija speċjali u spazji Ro-Ro | (11) | A-60 | A-30 | A-30<br>A-0[d] | A-30 | A-0 | A-60 | A-0 | A-0 | A-30 | A-0 | A-30" |

*aqra:*

*"Tabella 5.2(a)*

**Integrità min-nirien tal-gverti li jisseparaw l-ispazji ta' ħdejhom**

| *Spazju Taħt↓ Spazju Fuq →* | | *(1)* | *(2)* | *(3)* | *(4)* | *(5)* | *(6)* | *(7)* | *(8)* | *(9)* | *(10)* | *(11)* |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *Stazzjonijiet tal-kontroll* | *(1)* | *A-0* | *A-0* | *A-0* | *A-0* | *A-0* | *A-60* | *A-0* | *A-0* | *A-0* | * | *A-60* |
| *Kurituri* | *(2)* | *A-0* | * | * | *A-0* | * | *A-60* | *A-0* | *A-0* | *A-0* | * | *A-30* |
| *Spazji tal-akkomodazzjoni* | *(3)* | *A-60* | *A-0* | * | *A-0* | * | *A-60* | *A-0* | *A-0* | *A-0* | * | *A-30*<br>*A-0*[d] |
| *Turġien* | *(4)* | *A-0* | *A-0* | *A-0* | * | *A-0* | *A-60* | *A-0* | *A-0* | *A-0* | * | *A-30* |
| *Spazji tas-servizzi (riskju baxx)* | *(5)* | *A-15* | *A-0* | *A-0* | *A-0* | * | *A-60* | *A-0* | *A-0* | *A-0* | * | *A-0* |

| *Spazju Taħt↓ Spazju Fuq →* | | *(1)* | *(2)* | *(3)* | *(4)* | *(5)* | *(6)* | *(7)* | *(8)* | *(9)* | *(10)* | *(11)* |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *Spazji tal-makkinarju tal-kategorija A* | *(6)* | *A-60* | *A-60* | *A-60* | *A-60* | *A-60* | * | *A-60*[f] | *A-30* | *A-60* | * | *A-60* |
| *Spazji tal-makkinarju oħrajn* | *(7)* | *A-15* | *A-0* | *A-0* | *A-0* | *A-0* | *A-0* | * | *A-0* | *A-0* | * | *A-0* |
| *Spazji tal-merkanzija* | *(8)* | *A-60* | *A-0* | *A-0* | *A-0* | *A-0* | *A-0* | *A-0* | * | *A-0* | * | *A-0* |
| *Spazji tas-servizzi (riskju għoli)* | *(9)* | *A-60* | *A-30*<br>*A-0*[d] | *A-30*<br>*A-0*[d] | *A-30*<br>*A-0*[d] | *A-0* | *A-60* | *A-0* | *A-0* | *A-0* | * | *A-30* |
| *Gverti miftuħa* | *(10)* | * | * | * | * | * | * | * | * | * | — | *A-0* |
| *Spazji tal-kategorija speċjali* | *(11)* | *A-60* | *A-30* | *A-30*<br>*A-0*[d] | *A-30* | *A-0* | *A-60* | *A-0* | *A-0* | *A-30* | *A-0* | *A-30"* |

F'paġna 61, fil-paragrafu (2)(l) tal-Anness, li jikkonċerna l-punt.7 tar-regola 9a fl-Anness I tad-Direttiva 2009/45/KE:

*minflok:* ".7 Sistemi tal-ventilazzjoni għall-kmamar tal-ħasil tal-ħwejjeġ fil-bastimenti tal-passiġġieri li jġorru iktar minn 36 passiġġier

It-tubi tal-egżost mill-kmamar tal-ħasil tal-ħwejjeġ u mill-kmamar tat-tnixxif tal-ispazji tal-kategorija (13) kif definiti fir-Regolament II-2/B//.2.2 għandhom ikunu mgħammra bi:"

*aqra:* ".7 Sistemi tal-ventilazzjoni għall-kmamar tal-ħasil tal-ħwejjeġ fil-bastimenti tal-passiġġieri li jġorru iktar minn 36 passiġġier

It-tubi tal-egżost mill-kmamar tal-ħasil tal-ħwejjeġ u mill-kmamar tat-tnixxif tal-ispazji tal-kategorija (13) kif definiti fir-Regolament II-2/B/4.2.2 għandhom ikunu mgħammra bi:"

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT